"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-ħlas tas-sħubija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' 5 Ewro fis-sena għall-membri f'Malta, 7 Ewro fis-sena għall-membri fl-Ewropa, u 10 Ewro fis-sena għall-membri fl-Awstralja. Jitħallsu wkoll 3 Ewro oħra bħala reġistrazzjoni darba biss.

**Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet msemmija, għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier: Is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, FGR 1614.**

Il-perjodiku "L-Imnara" ilu joħroġ mill-1978. L-artikoli jittrattaw il-folklor lokali u huma riżultat ta' osservazzjonijiet u riċerki oriġinali. Il-kitbiet huma prinċipalment bil-Malti, iżda jistgħu ikunu bl-Ingliż.

**Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur: Is-Sur Ġużi Gatt, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan STJ 1307.**

## L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:

Il-Kumitat għas-sena 2010:

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Angelo Dougall; Viċi-President: is-Sur Anton Attard; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju: is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: is-Sur Joseph Fenech; u s-Sur John Zammit.

# L-Imnara

Għaqda tal-Folklor

# L-IMNARA

**Vol. 9 Numru 3 2010 Ħarġa Numru 34**

## IT-TLIETA U TLETIN SENA TA' PUBBLIKAZZJONI

## WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Bizzilla "Tal-Balla":** | Anna Maria Gatt | 102 |
| **L-ewwel Almanakki f'Malta:** | Toni Calleja | 110 |
| **Aktar Intietef mill-Għasri ta' Tfuliti:** | Toni Calleja | 111 |
| **Apprezzament: Frans Farrugia** | | 113 |
| **Xi Annimali li Kienu Jintużaw fir-Rimedji Popolari:** | Guido Lanfranco | 114 |
| **Taqbil Folkloristiku f'Bormla:** | Angelo Dougall | 117 |
| **Il-Leġġenda tal-Impuxi:** | Angelo Duogall | 119 |
| **Is-Sengħa tal-Parrukkier:** | Ġużi Gatt | 121 |
| **Il-Ġaħan ta' Madwarna:** | Doris Vella Camilleri | 125 |
| **Is-Sibilli:** | George Cilia | 127 |
| **Il-Belt Cospicua:** | Lorenzo Zahra | 129 |
| **Il-Logħba tax-Xixu f'Malta:** | Steve Borg | 130 |
| **Folklor fuq il-Karozzi tan-Nar:** | Rafel Bonnici Cali' | 133 |
| **Qlajjiet u Qwiel fuq ir-Rummien:** | Jeffrey Sicberras | 135 |
| **Madame Aurore Verie:** | | 137 |
| **Kotba li Qrajna:** | | 138 |
| **It-Tewn, il-Purċellat, u aktar Griebeġ:** | Karmenu Pace | 139 |

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena.
L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew tal-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

*L-Indirizz tal-Editur: 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan, STJ 1307*

# IL-BIZZILLA "TAL-BALLA"

Anna Maria Gatt

**Il-bizzilla ta' Malta tiġbed l-għajn ta' ħafna nies Maltin u barranin – ħaddiema tal-bizzilla, kollezzjonisti, delettanti u studjużi fost l-oħrajn. Hawn xi wħud li jistaqsu ċerti mistoqsijiet bħal: "Mela l-bizzilla ta' Malta mhix dik li jkollha s-salib tal-Kavallieri?', "Mela l-bizzilla ta' Malta mhux kollha l-istess?", "Il-bizzilla li għandna mhux minn żmien l-Ingliżi bdiet?", "X'differenza hemm bejn il-bizzilla li nsibu fil-knejjes u l-oħrajn li mdorrijin naraw bħall-għenuq antiki?".**

Dawn huma biss x'uħud mill-ħafna mistoqsijiet li niltaqa' magħhom. Il-bizzilla ta' Malta – dik maħduma biċ-ċombini mhix kollha l-istess. Għandna l-bizzilla **tal-Bukketti**, il-bizzilla **tal-Festuni**, il-bizzilla **Torxon Malti**, l-bizzilla **tal-Balla**, minbarra l-bizzilla tad-deheb u l-bizzilla tal-fidda. Ix-xempju ta' dawn il-bizzilel għandhom disinni karateristiċi tagħhom. F'Malta kienet u għadha tinħadem il-bizzilla *Filet* li din hi maħduma kollha bil-labra, u l-bizzilla **tat-Trina** li hi maħduma parti biċ-ċombini u l-kumplament bil-labra. X'wassal li jkollna dawn il-bizzilel kollha speċjalment il-bizzilla tal-Balla fil-gżejjer Maltin?

Sa mil-bidu ta' l-1580, il-gżejjer Maltin kienu ċentru importanti għall-attivita' tat-trasbord. Frustieri speċjalment in-nobbli ta' diversi nazzjonalitajiet, reliġjonijiet u professjonijiet kienu ġew Malta lejn l-aħħar tas-seklu sittax u matul il-bidu tas-seklu sbatax. Dan wassal biex is-soċjeta Maltija u Għawdxija mxiet minn stil medjevali lejn stil iktar modern ta' dak iż-żmien, għal stil barokk. Dan seħħ ukoll permezz ta' influss qawwi ta' kapital barrani, diversi ħaddiema barranin, ideat ġodda u l-politika



**Palla tal-Bizzilla "tal-balla"**
*(Casa Rocca Piccola)*

tal-Granmastri.[1] Sadanittant, il-qbid ta' merkanziji minn bastimenti pirati kien fenominu mxerred sew fil-Mediterran, u l-gżejjer Maltin kienu rinomati li jipproteġu jew jaħbu l-furbani.[2] Fis-seklu tmintax il-brigantini kienu mqabbda sew f'attivita' merkantili, tant li rrendew diversi vantaġġi għall-attivita' marittima u ħallew eluf ta' muniti u flus barranin bħala profitt għall-gżejjer Maltin.[3] L-esportazzjoni tal-qoton (kemm bħala ħajt kif ukoll bħala tessuti, ħwejjeġ, aċċessorji u bizzilla fost oħrajn) minn Malta għenu biex naqqsu l-iżbilanċ tal-pagamenti u żiedu l-volum tal-produzzjoni.[4] Ħafna negozjanti Maltin innegozjaw ma' negozjanti barranin minn pajjiżi Mediterranji: Palermo, Katanja, Messina u Trapani fi Sqallija; Kaljari f'Sardinja; Ġenova, Livorno u Napli fl-Italja; Korsika u Marsilja fi Franza; Barċellona, Alikanti, Valenzja, Malaga u Kadiz fi Spanja; u Lisbona fil-Portugal.[5]

Kien żmien fejn il-bizzilla kienet innegozjata ħafna, speċjalment fis-swieq Spanjoli (Barċellona, Valenzia, Kadiz, Kastilja u l-Andalusija).[6] Kwantitajiet enormi ta' bizzillel kienu esportati lejn Spanja, minn Franza u l-Fjandra u xi ftit inqas mill-Isvizzera, l-Ingilterra, u l-Italja; ħafna minn dawn il-bizzilel kienu jerġgħu jiġu esportati lejn l-Amerika Latina.[7] S'issa għadu ma nstabx dokument fejn jidentifika li 'Bizzilla ta' Malta' kienet esportata minn Malta fuq brigantini jew bastimenti indipendenti li tajru bnadar ta' pajjiżi oħra. Kien diffiċli ħafna biex tiddistingwi tip ta' bizzilla minn oħra fost dawk li kienu fis-suq għall-bejgħ, minħabba l-varjeta' ta' influwenza teknika minn bizzilel Ġenoviżi, Franċiżi u Fjamingi. Dak iż-żmien, il-bizzilla ta' Malta setgħet kienet identifikata possibilment bħala 'Spanjola b'aċċent Taljan jew Sqalli'.[8] Fl-inventarji marittimi '*Consolato del Mare*' (1697 – 1750)[9] kull oġġett impurtat fil-gżejjer Maltin kien miktub bit-Taljan. Insibu fost oħrajn *pezze di merletti di filo* jew *bizzilla di filo* għall-bizzilel tal-ħajt u *pezze di pizzilli di bochetti* għall-bizzilel bid-disinji tal-fjuri magħrufa aħjar bħala l-bizzilla tal-Bukketti. Il-bizzilla ta' Malta żgur li ġiet rikonoxxuta meta fis-seklu dsatax filantropi Ingliżi[10] għenu biex reġgħu qabdu l-arti tal-bizzilla biex tiġi mgħallma sew, u nnegozjawha kemm f'Malta u barra minn xtutna speċjalment lejn is-suq Ingliż fejn il-bizzilla ġabet prezz tajjeb.

Il-moda tal-ilbies kienet waħda mill-kawżi li għenet biex tippromwovi il-produzzjoni tal-bizzilla. Dan jixhed f'ħafna pitturi kontemporanji minn artisti differenti, ta' nies nobbli kif ukoll ekkleżjastiċi li jirreflettu l-bdil fil-kostumi matul iż-żmien.[11]

---

[1] Freller, T., Gozo, The Island of Joy, Colour Image, Mgarr, Malta, 1997, p22, pp39-53; Wismayer, J.M., Privateers and Corsairs, Part I, Tune In Magazine, 1996, pp48-49; Dan kien speċjalment fi żmien il- Granmastri La Cassiere u Verdalle.

[2] Lane-Pool, The Barbary Corsairs. London, New York, 1890, p24.

[3] Muscat, J., The Lateen-Rigged Maltese Brigantine, PIN Publications, Malta, 2001, p26.

[4] Il-bilanċ tal-pagamenti huwa id-differenza bejn il-ħlasijiet li pajjiż jagħmel lil pajjiżi oħra għal oġġetti importati, servizzi u investimenti u dawk li jirċievi minn pajjiżi oħra għal dak li jkun esporta. L-art, ix-xogħol u l-kapital minbarra l-intraprenditur, huma it-tlett rizorsi ewlenin biex il-kummerċ jipproduċi oġġetti u servizzi jigifieri, il-fatturi tal-produzzjoni. Iżda, dokumenti maħruġa mid-Dwana Maltija ta' dak iż-żmien jistgħa possibilment ma jixdhux il-verita' dwar il-kummerċ minn negozjanti Maltin.

[5] Debono, J., The Cotton Trade of Malta 1750-1800 *in* Archivium – The Journal of Maltese Historical Research No.1, Midsea Books Ltd, Malta, 1981, p99.

[6] Palliser, B., History of Lace, Constable and Company Ltd, U.K., 1984, p101.

[7] Levey, S.M., Lace: A History, V. & A. Museum, U.K., 1990, p24, pp62-63. Il-bizzilel Fjamingi kienu irħisa meta kumparata ma' dawk ta' Franza u l-Italja.

[8] Azzopardi, C., Antique Maltese Lace of the Time of the Knights 1530-1798, M.Phil. thesis, (unpub.), University of Malta, 2002, p111.

[9] Vassallo, C., Corsairing to Commerce – Maltese Merchants in XVIII Century Spain, Malta University Publishers Malta, 1997, pp12-18, p133; Azzopardi, C., Antique Maltese Lace of the Time of the Knights 1530-1798, M.Phil. thesis (unpub.), University of Malta, 2002, pp100-104; Azzopardi, C., Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2003, pp131-133.

[10] Azzopardi, C., Lace: An Introduction to Lace Making in the Maltese Islands, Gozo Press, 1991, p18.

[11] Racinet, A., Illustrated History of European Costume, Collins & Browns, Great Britain, 2000, p56, p62, p87; Sella, D., European industries 1500–1700 *in* Cipolla, C.M. (ed.), The Fontana Economic History of Europe – The Sixteenth and Seventeenth Centuries, William Collins Sons & Co Ltd., 1970, p375.

Fosthom insibu ritratt ta' mara tal-Pittur Malti Francesco Zahra (1710-1773); lil Antoine Favray (1706-1798)[12] b'eżempji bħall-pittura tal-Granmastru 'Emanuel Pinto de Fonseca' Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann liebes lbies ċerimonjali inkluż il-bizzilla. Żewg eżempji oħra ta' Favray huma l-pitturi ta 'Maria Amalia Grognet neé Marchesi' liebsa lbies tal-moda bil-bizzilla, u l-famuża 'Xena Domestika Maltija' fejn turi waħda min-nies nobbli bit-trajbu komplut biċ-ċombini f'idejha taħdem il-bizzilla.[13]



**Velu bil-burdura tal-bizzilla tal-balla** ***(Casa Rocca Piccola)***

Il-bizzilla tas-seklu sittax kienet maħduma b'għażel oħxon u ħajt tal-metal (deheb, fidda u ram).[14] Hekk kif id-disinji ġew iktar ikkumplikati, ipperfezzjonati u fini, il-bizzilla bdiet tinħadem ukoll bi ħjut naturali (għażel u qoton).[15] Fis-seklu tmintax l-bizzilel taċ-ċombini fit-tramuntana tal-Italja - Milan, Ġenova, Venezja u l-inħawi kienu magħmula mill-għażel, ħarir u metal, filwaqt li l-bizzilel taċ-ċombini fi Fjandra u fit-tramuntana tal-Ewropa li kienu ikkupjati minn dawk il-bizzilel stil barokk ta' Milan kienu maħduma delikati bl-ifjen ħajt tal-għażel.[16] Konsegwentament, żviluppaw żewg tipi ta' bizzilel – (i) il-bizzilel klassiċi, fejn l-aristokratiċi addattaw il-bizzilla għall-moda tal-ħwejjeg; u (ii) l-bizzilel tal-bdiewa, bizzilel ordinarji[17] fejn raħlin speċjalment nisa li ħadmu fir-raba' qalgħu l-għejxien tagħhom mhux biss minn prodotti agrarji imma wkoll mix-xogħol tal-bizzilla. Il-bizzilel tal-bdiewa ikkompetew mal-bizzilel klassiċi għalkemm il-livell tax-xogħol kien inferjuri ħafna. Is-soċjeta' tal-klassi tan-nofs imitaw il-moda tas-sinjuri bl-aħjar li setgħu bir-riżorżi li kellhom. Għalkemm il-bandu ikkontrolla l-infiq u irrestringa l-lbies bi drapp lussuż inkluż il-bizzilla, l-ħwejjeg xorta għaddew minn id għall-oħra iktar l-isfel fis-soċjeta' sa ma' waslu għand il-komunita' tal-bdiewa. Dawn l-ilbiesi ġew immodifikati, mibdula u addattati kemm-il darba bil-bellus u bizzilel b'mod li żviluppat il-moda 'fossilizata'.[18]

---

[12] Zammit, W., The Communicative Role of Visual Media in Malta 1700-98 *in* Cortis, T., Freller, T. & L. Bugeja (eds.), Melitensium Amor – Festschrift in honour of Dun Gwann Azzopardi, 2002, pp328-330.

[13] Il-pitturi jinsabu fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti. Pitturi kontemporanji jinsabu wkoll f'kolezzjonijiet privati bħal f'Casa Rocca Piccola u kollezzjonijiet ekkleżiastiċi bħall-Mużew tal-Katidral u Sagristiji f'diversi knejjes. Pitturi kontemporanji oħra jidhru f'irkanti lokali.

[14] Levey, S.M., Lace: A History, V. & A. Museum, U.K., 1990, p16; Earnshaw, P., The Identification of Lace, Shire Publications Ltd., 1980, p10.

[15] Earnshaw, P., Lace in Fashion – From the Sixteenth to the Twentieth Centuries (2nd ed.), Gorse Publications, U.K., 1991, p145 – Fil-kotba tad-disinni speċjalment dawk tal-bizzilla taċ-ċombini (Veneja 1557 u 1561) juru kollezzjonijiet ta' bizzilla ordinarja / tal-bdiewa (*peasant laces*) u jidher l-iżvilup ta' disinni aktar kumplikati ghall-ħajt rikk aktar addatati għall-moda.

[16] Levey, S.M., Lace: A History, V. & A. Museum, U.K., 1990, p22.

[17] Diacono, G., 'Bizzilli li jinhadmu f'Malta u Ghaudex', Malta, 1920, p34. Dun Ġuzepp Diacono isejjaħ *peasant laces* bizzilla ordinarja.

[18] Minchinton, W., Patterns and Structures of Demand 1500-1750 *in* Cipolla, C.M. (ed.), The Fontana Economic History of Europe – The Sixteenth and Seventeenth

Pero', ma kinetx il-moda imma l-bandu u d-devozzjoni lejn ir-reliġjon li wassal nies għonja u fqar (mill-ftit ġid li kellhom) biex jagħtu għotjiet ta' flus lill-knisja jew oġġetti prezzjużi jew li jikkontribwixxu għall-oġġetti finanzjarjament kif setgħu.[19] Dan wassal ukoll biex lill-ħaddiema tal-bizzilla professjonali jew delettanti, nobbli, nies għonja jew fqar, f'kunventi, f'orfanatrofji jew fid-djar, biex jikkonċentraw fuq il-produzzjoni ta' bizzilla ekklesjastika kemm tal-ħajt (għażel u qoton) u tal-metal (deheb u fidda) biex tingħata lill-knisja minbarra li jaħdmu għall-kummerċ.[20] Dawn kienu jinkludu trieħi ta' l-artal, albi u rukketti fost l-oħrajn. Ma rridux ninsew ukoll li l-ekkleżjastiċi Maltin u barranin kienu ukoll jivvjaġġaw u żgur li kkontribwew ukoll għall-introduzzjoni tal-bizzilla fil-gżejjer Maltin[21] possibilment jaddottaw ukoll drawwiet mill-knejjes ta' Spanja, l-Italja u Franza.

Sadanittant, minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni f'ħafna pajjiżi inkluża Malta u l-waqfa tal-esportazzjoni minn Franza għal ċertu pajjiżi fi żmien ir-revoluzzjoni (1789-1793) l-kutrabandu nfirex fuq skala kbira ħafna.[22] Il-kompetizzjoni kummerċjali bejn bizzilla u oħra ma naqsitx ukoll. F'kull ħin u f'ħafna postijiet, l-ikkupjar ta' disinni, l-idejat, u t-teknika ta' kif tinħadem il-bizzilla kienu misruqa, filwaqt li l-ħaddiema tal-bizzilla kienu mfittxija ħafna.[23] Dan jista' jispjega żewġ fatturi – (i) il-famuż punt *point de Paris* (magħruf bħala l-*punt tal-Balla*) tal-bizzilla Fjaminga jinsab fil-bizzilla ta' Malta; u (ii) ir-relazzjoni teknika fil-bizzilla Maltija mal-bizzilla ta' Cluny ta' Franza magħmula f'Le Puy ukoll fi Franza.[24] Bizillel bil-*point de Paris* kienu mprezzabbli għall-ilbies ta' taħt, velijiet, kappuni tan-nisa fost ħwejjeġ u aċċessorji oħra speċjalment fi Franza.[25]

F'Malta nsibu kitbiet dwar il-bizzilla f'inventarji ekkleżjastici sa mill-1618, dokumenti minn żmien il-kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann[26] kif ukoll kuntratti taż-żwieġ, testmenti, kotba u rapporti minn awturi Maltin u barranin. Per eżempju, fl-1716 Giacomo Capello jirraporta kif nisa nobbli tal-bizzilla Maltija kellhom ix-xempju fuq xiex jaħdmu: "*donne lavorano merli finissimi quando hanno il modello; guanti di filo, di gottone, e seta, e fiori bellissimi*".[27]

L-istoriku Għawdxi Gian Piet Frangisk Agius De Soldanis (1712-1770) kiteb li l-industrija tal-bizzilla lokali kienet tinħadem b'sengħa kbira u li kienet stabbilita flimkien ma' industriji oħra bħall-manifattura tal-qoton, insiġ u rakmu.[28] F'dokument tal-

---

Centuries, William Collins Sons & Co Ltd., 1974, p133; Levey, S.M., Lace: A History, V. & A. Museum, U.K., p71.

[19] Cini, G., Litugical Vestments Exhibition in Council of Europe Campaign, Times of Malta, 02-10-2000, p29.

[20] Palliser, B., History of Lace, Constable and Company Ltd, U.K., 1984, p90.

[21] Bezzina, J., The Elegant Gozitan Lace, *Malta This Month* – Air Malta in-flight magazine,1988, pp64-68.

[22] Earnshaw, P., The Revival of the Art of Lacemaking *in* de Piro, N. & V.A. Cremona (eds.), Costumes in Malta, A History of Fabric Form and Fashion, Fondazzjoni Patrimonju Malti, Malta, 1998, p138.

[23] Reigate, E., An Illustrated Guide to Lace, Antique Collectors' Club, U.K., 1986, p32; Lewis, F., Lacemaking in France *in* Davanzano Poli, P. (ed.), Cinque Secoli di Merletti Europei – I Capolavori, Burano, Italy, 1984, pp210-212; Azzopardi, C., Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2003, pp27-28, 34.

[24] Levey, S.M., 1990, Lace: A History, V. & A. Museum, U.K., 1990, p105.

[25] Earnshaw, P., Lace in Fashion – From the Sixteenth to the Twentieth Centuries (2nd ed.), Gorse Publications, U.K., 1991, p73, p146; Tilly, L.A., Three Faces of Capitalism: Women and Work in French Cities *in* Merriman, J.M. (ed.), French Cities in the Nineteenth Century, 1981, pp181-182; Gwynne, J.L., The Illustrated Dictionary of Lace, Batsford Ltd, U.K., 1997, p153.

[26] Azzopardi, C., Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2003, pp44, 49, 125.

[27] Mallia-Milanes, V. (ed.), Descrittione di Malta Anno 1716 – A Venetian Account. Bugelli Publications, Malta, 1988, pp56-57. Il-ħaddiema tal-bizzilla li jirreferi għalihom huma żgur nobbli minħabba li kienu jitkellmu bit-Taljan. In-nisa Maltin tar-raħal kienu jitkellmu bid-djalett Malti li kien jitqies vulgari u baxx.

[28] Agius De Soldanis, G.P.F., Damma tal-Kliem Kartaginiz Mscerred Fel Fom tal Maltin u Ghaucin. National Library, Valletta: Ms. 143 A; Agius De Soldanis, G.P.F., Nuova Scuola dell'Antica Lingua Punica Scoperta nel Moderno Parlare Maltese e Gozitano. National Library, Valletta: Ms. 143 80; Agius De Soldanis, G.P.F., Degli Abiti, Costume, Sponsali, Matrimoni e Funerali dei Maltesi.




**Disinn tal-kunjom tal-Baruni de Piro** *(Casa Rocca Piccola) – Treasures of Malta Vol. VI, No.1,* *Pg. 23*



**Disinn ta' għonq magħmul minn Dun Ġużepp Diacono** *Costumes of Malta pg. 147*

kamra tal-Kummerċ li sar qabel l-embargo tal-1743 hemm referenża li l-bizzilla tal-ħajt maħduma Malta (possibilment tal-qoton għax l-oġġetti l-oħra kienu kollha tal-qoton) nħarġet minn Malta u mbiegħet f'inqas minn sena f'Lisbona fil-Portugal.[29] F'wieħed mill-inventarji tal-katidral tal-Imdina hemm referenża għall-bizzilla tal-*Balla* ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li ħalla l-albi tiegħu lill-knisja fl-1767:

"...*alter due albe di tela fina con coda, e merletto di palla colli loro amitti...*";[30]

F'rapport ippubblikat dwar l-industriji Maltin miġbur mil-Professur Nicola Zammit fl-1886[31] kif ukoll gazzetti lokali tal-istess perjodu bħall-gazzetta *The Malta Times and United Service Gazette* fost oħrajn jirrapurtaw li Malta kienet famuża għall-bizzilla tal-balla, bizzilla kkumplikata magħmula bil-ħajt tal-għażel u maħduma minn xi delittanti kemm għall-knisja u kif ukoll għall-ilbiesi bħal tat-tiġijiet.[32] Mentri fl-1908 is-sinjura Hungerford Pollen fil-publikazzjoni tagħha *Seven Centuries of Lace* kitbet dwar il-borduri tal-bizzilla Maltija li kienu jinħadmu f'Malta madwar l-1780.

Kien hemm diversi Maltin u Għawdxin, mhux biss negozjanti, li ħadmu b'riżq il-bizzilla Maltija. Fosthom insibu lil Francesco Saverio Caruana (1759-1847) li flimkien ma' missieru, negozjant tal-qoton f'ħaż-Żebbug, ipprovda xogħol tal-għażil, l-insiġ u bizzilla lill-maġġorparti tal-familji Maltin u l-istituti tal-Karita'.[33] Dun Salv Bondi (1790-1859) pinġa disinni tal-bizzilla u ħadem biex ixerred it-tagħlim tal-bizzilla f'konservatorju r-Rabat u rħula oħra f'Għawdex.[34] Twaqqfet is-Soċjeta Maltija għall-Arti, Manifattura u Kummerċ fl-1851. Fl-1863 infetħu skejjel għat-tagħlim tal-bizzilla f'Malta fosthom f'*Casal Zebbug* immexxija minn Dun Salvatore Trevisan,[35] u f'*Citta Vecchia* (illum Mdina) taħt it-tmexxija tal-

National Library, Valletta, Ms.142, Vol. V, 218-219.

[29] NLM, Lib. Misc. 1020.

[30] ACM, Misc.217, *Inventario* 1767, fol.59r.

[31] Zammit, N., Ricami *in* Malta e Sue Industrie, Malta, 1886, p71.

[32] A.A., Malta – Silk *in* The Malta Times and United Service Gazette, 5-11-1887, p2.

[33] Farrugia Randon, J, R. Farrugia Randon & S. Farrugia Randon, Three Maltese Personalities, Nadur, Gozo, 1996, p2, p30, p32.

[34] Azzopardi, C., Il-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin, Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2003, p146

[35] A.A., The Lace and the Cotton Trade in Malta *in* Malta Times and United Service Gazette, 27-11-1862, pp1-2; A.A., Establishment of Another Lace School in Malta *in* Malta Times and United Service Gazette, 5-2-1863, p2; A.A., The Lace Schools *in* Malta in Malta Times and United Service Gazette, 19-3-1863, p2.

Arċipriet Kanoniku Saverio Vassallo, Rev. Dun Saverio Galea, Dr. Chappell, u Dr. Gouder.[36] Hemm lista sħiħa ta' għalliema tal-bizzilla li ikkontribwew fit-tagħlim speċifikament tal-bizzilla Maltija, fosthom Lorenzo Cumbo. Fl-1864 Adelaide Cini fetħet Konservatorju (illum magħruf bħala Cini Institute) fejn tfal bniet ġew imħarrġa speċjalment fil-bizzilla tal-ħarir.[37] Saru diversi esibizzjonijiet internazzjonali bħall-Wirja l-Kbira ta' Londra fl-1851, il-Wirja Internazzjonali f'Londra wkoll fl-1862 fejn P.P.Borg rebaħ medalja għax-xogħol eċċellenti tal-bizzilla u f'Pariġi fl-1867 fost oħrajn kif ukoll saru esibizzjonijiet anki lokali bħal dik tal-1864 *L'Esposizione di Industrija Maltese*. Dun Ġużepp Diacono (1847-1924) kompla jiżviluppa iktar b'mod innovatttiv u distint id-disinn tal-bizzilla Maltija – (i) il-bizzilla tal-festuni għall-kummerċ xieraq mhux biss għas-suq Ingliż imma għas-swieq oħra barranin;[38] u (ii) l-bizzilla tal-Balla għall-paramenti u lbies ekklesjastiku.[39] Hu wkoll waqqaf l-industrija tal-bizzilla f'Għawdex u Malta.

Għalkemm għadu mhux magħruf meta oriġina l-*point de Paris* żgur li origina fi Fjandra ta' Franza[40] u kien magħmul għas-swieq ta' Pariġi. L-ewwel darba li ssemma il-*point de Paris* kien fl-inventarju *Inv. D'Anne d'Escoubleau, Baronne de Sourdis, veuve de Francois de Simiane* ta' l-1681.[41] Jacques Savray, Franċiż minn Pariġi wkoll isemmi l-punt tal-balla *point de Paris* fis-sezzjoni tal-bizzilla taċ-ċombini fil-ktieb tiegħu 'Dictionnaire Universel de Commerce' ta' l-1723.[42] Il-*point de Paris* kien ikkupjat u maħdum f'ċentri oħra bħal f'Turnhut, Anvers, Malines, Normandija, Faubourg St. Antoine,[43] St. Denis, ]couen and Groslay[44] kollha fi Franza, u għalhekk kien diffiċli ħafna biex tiddistingwi dawn il-bizzilel minn dawk originali Fjamingi.[45] Id-disinji kienu fil-biċċa l-kbira ta' fjuri, b'weraq u girlandi. Il-*point de Paris* hu l-istess bħal dak li jinstab fil-bizzilel *Pottenkant* ta' Antwerp tas-seklu tmintax (tip ieħor ta' bizzilla Fjaminga) li kienet esportata lejn Spanja minn Kadiz. Hu wisq probabli li l-bizzilla ġiet introdotta f'Malta minn kull aspett - meta n-negozzjanti innegozzjaw il-bizzilla, minn baħħara, ħaddiema, ekklesjastici u frustieri li vjaggaw minn pajjiż għall-ieħor, artisti permezz tal-pitturi tagħhom u kitba ta' dak iż-żmien. Dan wassal ukoll biex fl-1831 il-bizzilla bil-*Point de Paris* bdiet tinħadem bil-magni mil-kumpanija *Leavers Lace Machine* u fl-1858 mill-kumpanija *Barmen Machine* fl-Ingilterra.[46]

Għal bidu f'Malta l-bizzilla tal-balla maħduma kemm dejqa, kif ukoll wiesgħa kienet tinkorpora disinni tat-tila maħduma fil-punt tal-balla b'mod inferjuri. Il-quddiem din żviluppat minn stil Fjaming għal stil ewlieni b'teknika Maltija. Dawk maħduma għall-knisja, minbarra d-disinni ta' weraq, fjuri u annimali fuq sfond ta' reticella ġew inklużi l-festuni ekklesjastiċi bħal per eżempju l-pellikan, il-ħaruf, l-ewkaristija u simboli oħra inkluż tal-qaddisin. L-istess bħall-bizzilla tal-*Pottenkant* tas-seklu tmintax, il-bizzilla tal-*Balla* ta' Malta inkorporat ukoll il-vażun simetriku ta' żewġ widnejn kif ukoll tip ta' vażun ieħor bil-fjuri fuq stil barokk li fit-teoloġija Nisranija dan jirrappreżenta lill-Madonna bħala simbolu ta' purita' jew il-Lunżjata.[47] Tliet fjuriet b'ħames petali kull waħda

---

36 A.A., The Lace and the Cotton Trade in Malta *in* Malta Times and United Service Gazette, 27-11-1862, pp1-2; A.A., Establishment of Another Lace School in Malta *in* Malta Times and United Service Gazette, 5-2-1863, p2; A.A., The Lace Schools *in* Malta in Malta Times and United Service Gazette, 19-3-1863, p2.

37 Guida Generali di Malta e Gozo, Malta, 1905, p141.

38 A.A., The Lace Schools *in* The Malta Times and United Gazette, 19-3-1863, p2.

39 Diacono magħruf sew ukoll għad-disinji tal-bizzilla bil-punt Ingliż li hu użat kemm fil-bizzilel Maltin kumerċjali kif ukoll dawk ekklesjastiċi.

40 Levey, S.M., Lace: A History, V. & A. Museum, U.K., 1990, p54

41 Palliser, B., History of Lace, Constable and Company Ltd, U.K., 1984, p33, n17 - "*Une chemisette de toile d'hollande garnye de point de Paris*".

42 Savary, J., Dictionnaire Universel de Commerce I, 1723, pp1677-1679.

43 Gwynne, J.L., The Illustrated Dictionary of Lace, Batsford Ltd, U.K., 1997, pp152-153.

44 Palliser, B., History of Lace, Constable and Company Ltd, U.K., 1984, p210.

45 Levey, S.M., Lace: A History, V. & A. Museum, U.K. 1990, p34, p55.

46 Gwynne, J.L., The Illustrated Dictionary of Lace, Batsford Ltd, U.K., 1997, p152-153.

47 Gwynne, J.L., The Illustrated Dictionary of Lace, Batsford Ltd, U.K., 1997, p21; Palliser, B., History of Lace, Constable and Company Ltd, U.K., 1984, p130.





Borża tal-Preċett (Kollezzjoni privata)



Maktur – Il-burdura: bizzilla tal-festuni (festun tal-fjura u festun tas-salib ta' Malta)
Ta' ġewwa: bnadar Ingliżi fil-bizzilla tal-balla (Kollezzjoni privata)

**Il-bizzilla bil-kunjom tal-Baruni de Piro maħduma fuq it-trajbu mill-awtriċi. L-inkwatru issa jinsab *F'Casa Rocca Piccola***



Manika (Kollezzjoni privata)

jfissru l-ħames posti tar-rużarju bit-tliet misteri. Xi qassisin għadhom jilbsu l-albi b'dawn il-bizzilel u ħafna knejjes iżejnu l-artali u s-sagristiji tagħhom speċjalment fi żmien il-festi. Għalkemm il-bizzilla ta' Malta tal-punt tal-Balla hi iktar magħrufa u l-iżjed imsemmija għall-ħwejjeġ u aċċessorji ekklesjastiċi kienet ukoll tinħadem għall-ilbiesi fosthom tat-tiġijiet.

Kif tagħraf il-bizzilla tal-balla? L-ewwel ma trid tħares huwa lejn il-punt tal-balla. Dan il-punt huwa wieħed minn ħafna punti li jsawwru l-bizzilla Maltija. Huwa dekorattiv, delikat, ftit imġebbed, f'għamla ta' kaxxa b'sitt iġnieb fejn żewġ naħat huma vertikali jew orizzontali u erba' naħat dijagonali, b'ħajt b'barma waħda, kull par ċombin maħduma flimkien b'punt sħiħ.[48] Il-punt jifforma ċirku fin-nofs u sitt trijangoli madwar iċ-ċirku.





**1. punt tal-balla wieqaf**
**2. punt tal-balla mimdud**

Għalkemm insibu disinji tal-bizzilla Maltija mpenġija b'linka bajda fuq karta blu għax dawk huma ta' żmien il-*Malta Industries*, id-disinni l-oħra huma mpittra b'żewġ kuluri – (i) bil-linka ħadra li jfisser li x-xogħol tal-bizzilla jrid jinħadem tila, nofs punt jew moski; u (ii) bil-linka sepia għall-punt retiċella, ix-xibka, bħalma hu l-punt tal-balla.[49] F'xempji antiki ħafna il-punt tal-balla ma kienx ikun impitter madwar id-disinn, u l-ħaddiema tal-bizzilla kellhom jixtarru kif jinħadem madwar id-disinn. Ħaddiema tal-bizzilla professjonali jaħdmu din it-tip ta' bizzilla kontinwa dritta għat-tul, itellgħu x-xogħol għal diversi kuxxinati mingħajr ma jużaw labar tar-ras[50] ħlief fit-truf tal-bizzilla maħduma fuq it-trajbu Malti – tawwali[51]. Il-ħjut jidħlu fit-tejjel u jerġu joħorgu fir-retiċella u xi kultant issir għoqda fuq il-par vertikali eżatt wara li l-par djagonali jkun maħdum. Dan kien biex iżomm sod matul il-ħidma tal-bizzilla ta' dan it-tip.[52] Dun Guzepp Diacono fil-pubblikazzjoni tiegħu ta' l-1920 *'Bizzilli li jinhadmu f'Malta u Ghaudex'*,[53] jiddeskrivi tip ieħor ta' trajbu – mħadda twila romblu magħmula attaposta għall-bizzilla tal-balla: "*...isiru bhal rombli uesghin xorta uahda ma tulhom collu; hecc jigiu maghmulin l'imhadet li fukhom jinhadmu il bizzilli li jeghdulhom tal-balla u minn daun l'imhadet jisseihu tal-balla.*"[54] Dan it-tip ta' romblu msemmi wkoll f'inventarju tal-*Casa Industriale* t'Għawdex mmexxija minn Diacono stess: "*Imhadda al bizzilli tal Balla fuli rigla pulita.*"[55] Hu kiteb dwar kif tipproduci disinji tal-bizzilla aħjar u aktar attraenti. Saħaq li l-bizzilla Maltija li hi dejqa tinħadem f'biċċa waħda imma dawk iktar wesgħin jinħadmu biċċiet separati: "*Ghal heffa tax-xoghol ahiar jinhadem maksum, izda ghal gmiel u ghazzina tal bizzilla, ahiar jinhadem shieh*".[56] Kien sostna wkoll li kull biċċa xogħol tal-bizzilla għandha taħdimha ħaddiema waħda biex ix-xogħol ikun t'id waħda[57]; u kien kuntrarju li disinn tal-bizzilla jinqasam mir-retiċella speċjalment il-punt tal-balla: "*Jatu cbir mancament meta icollhom xi ksim fil fili specialment fein jinghatau il fili hec imseihin tal-balla.*"[58]

Il-bizzilla tal-Balla għadha tinħadem sal-lum kemm b'disinji antiki tradizzjonali kif ukoll b'mod kontemporanju modern mhux biss b'ħajt abjad, krema jew iswed imma wkoll bil-ħajt tal-kulur, ħajt tal-metal, xagħar taż-żiemel u riżorsi oħra

@ Anna Maria Gatt

[48] Geers Vermeulen, M.J., Recognising Laces, Kantcentrum, Brugge, 1976, p25.

[49] Azzopardi, C., Lacemaking at the Centre of Gozitan Daily Life in De Piro, N. & V.A. Cremona (eds.), Costumes in Malta, A History of Fabric Form and Fashion, Fondazzjoni Patrimonju Malti, Malta, 1998, p145.

[50] Bonito, D.S., Graced by Lace: a Guide for Collectors of Antique Linen and Lace, 2001, p *v*.

[51] L-istess tip ta' trajbu huwa wkoll użat f'Katalonja ġewwa Spanja.

[52] Azzopardi, C., Gozo Lace: An Introduction to Lacemaking in the Maltese Islands, Gozo Press, Gozo, 1991, pp57-58.

[53] S'issa għad ma nstabux pubblikazzjonijiet oħra bejn is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxri dwar istruzzjonijiet ta' kif tinħadem il-bizzilla ta' Malta ħlief dak ta' Diacono.

[54] Diacono, G., 'Bizzilli li jinhadmu f'Malta u Ghaudex', Malta, 1920, p20.

[55] Azzopardi, C., Antique Maltese Lace of the Time of the Knights 1530-1798, M.Phil. thesis (unpub.), University of Malta, 2002, p183.

[56] Diacono, G., 'Bizzilli li jinhadmu f'Malta u Ghaudex', Malta, 1920, p29.

[57] Diacono, G., 'Bizzilli li jinhadmu f'Malta u Ghaudex', Malta, 1920, p30.

[58] Diacono, G., 'Bizzilli li jinhadmu f'Malta u Ghaudex', Malta, 1920, p30.

# L-EWWEL ALMANAKKI F'MALTA

Toni Calleja

**"Il-kelma KALENDARJU hi mnissla mill-kelma Anglo-sassona "*Calendi*" li tfisser xahar għax probabbilment iż-żmien jitkejjel bix-xahar; iżda llum din il-kelma tfisser ukoll il-metodu li bih titkejjel il-ħarba taż-żmien.**

Nistgħu ngħidu li l-ġnus iċċivilizzati kollha jimxu fuq il-kalendarju Gregorjan, għad li matul iż-żmien l-imgħoddi, ġnus differenti kienu jużaw għamliet oħra ta' kalendarju, u għalhekk minn dejjem kien diffiċli biex iġġiegħel il-ġnus kollha jinqdew b'kalendarju wieħed li jgħodd għal kulħadd. Kulħadd jaf kemm il-kalendarju hu ta' ħtieġa kbira għall-liturġija tal-Knisja. Infatti, ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-Insara, tal-Lhud, u mqar il-pagani wkoll jiddependu mill-kalendarju. Għalhekk mhux għaġeb li ta' sikwit niltaqgħu mal-kwistjoni tal-kalendarju fl-istorja tal-Knisja.

Fl-ewwel Konċilju Ekumeniku, dak ta' Niċea, Bitinja, fl-Asja Minuri, li sar fis-sena 325, aktar minn tliet mitt isqof studjaw din il-kwistjoni bl-Imperatur Kostantinu bħala medjatur. Skont ma wieħed jifhem, l-Insara kienu diġa qablu fuq jum Il-Għid – il-qawmien ta' Kristu mill-mewt.

Il-Papiet ukoll taw importanza lil din il-kwistjoni tal-kalendarju, u l-Papa Ljun X kiteb lill-Imperatur, lill-Universitajiet, u lill-Isqfijiet, u ħeġġiġhom biex jistudjaw u joħolqu kalendarju aktar eżatt. Ir-riforma fil-kalendarju seħħet fjiem il-Papa Girgor XIII billi waqqaf kummissjoni ta' studjużi Taljani u ta' nazzjonijiet oħra taħt il-presidenza tal-Kardinal Sirleto sabiex teżamina d-diversi riformi proposti. Wara ħafna diskussjonijiet u korrezzjonijiet, ġiet approvata l-proposta tal-mejjet Luigi Giglio (jew Lilius) ippreżentata lill-kummissjoni minn ħuh Antonio nhar l-14 ta' Settembru, 1580. Il-Papa Girgor approva r-riforma tal-kalendarju bil-Bolla *Inter gravissinas* tal-24 ta' Frar, 1581, kalendarju reformat li għadu jintuża sa llum kważi minn-nazzjonijiet kollha." (1)

Interessanti li nirrimarkaw li fuq l-imsemmija kummissjoni maħtura mill-Papa Gregorju XIII sabiex joħroġ kalendarju ġdid kien hemm ukoll wieħed Malti: ċertu Leonardu Abel (forsi l-Abela ta' llum). Jingħad li dan il-kompatrijott tagħna sab postu l-aktar minħabba li kien jitħaddet sew bl-Għarbi. Kien hu li ried jawtentika u jixhed il-firma tal-Patrijarka Sirjan, ċertu Injazju minn Antijokja, Nisrani Ġakbin li kien wasal Ruma fl-1557 sabiex ifittex rikonċiljazzjoni personali mal-Knisja Rumana. Meta l-Patrijarka ġie emnut, instab li kien espert tal-matematika u l-mediċina, u għall-imsemmija kummissjoni sewa ċ-ċapep biex wassal l-ideat tal-Lvant fuq l-astronomija fl-istudju tal-kalendarju.

## L-EWWEL ALMANAKKI F'MALTA

Fil-Bibljoteka ta' Malta hemm ġabra sabiħa ta' almanakki antiki. Ma jistax ikun ikkonfermat kemm il-kollezzjoni hija sħiħa. Jista' jkun li hemm familji privati li għandhom kalendarji jew almanakki aktar antiki minn dawk li hemm fil-bibljoteka. Ta' min ifakkar li l-Liġi tal-Istampa li tobbliga li tingħata kopja b'xejn lill-Libreriji Pubbliċi ta' xogħlijiet letterarji stampati u ppubblikati f'dawn il-gżejjer ma daħlitx qabel l-1925. (2)

Kitba li ċertu korrispondent kiteb f'gurnal ta' aktar minn nofs seklu ilu tgħid li: "*Minħabba f'hekk ma nistgħux ngħidu sewwa liema kien l-ewwel kalendarju li deher hawn Malta, la darba qatt ma sar tiftix serju*". Is-sinjur jissokta jgħid li: "L-iktar kalendarju antik li stajna nsibu fil-bibljoteka huwa kalendarju tal-Ordni ta' San Ġwann għas-sena 1776. Dan il-kalendarju miktub bil-Latin, kien għall-użu tal-Knisja ta' San Ġwann. Il-kalendarju jġib l-isem tal-Gran Prijur tal-Ordni li f'dak iż-żmien kien Fra Giovanni Domenico Mainardi u ġie stampat minn Giovanni Mallia, l-istampatur ewlieni tal-Gvern ta' dak iż-żmien".

Kalendarju ieħor maħruġ mill-Gvern, huwa dak tas-sena 1805, fi żmien il-Kaptan Alexander Ball, li kien Kummissarju jew Gvernatur ta' Malta u fir-renju tal-Maesta' Tiegħu r-Re Ġorġ III. Dan il-kalendarju, miktub bit-Taljan, kien imsejjaħ *Diario Lunario e calendario delle isole di Malta e Gozo per l'anno 1805* u fuq il-kopertina kien iġib l-arma rjali bl-ittri G.R. – *Georgius Rex*, li kif għedna kien ir-Re Ġorġ III.

## L-EWWEL KALENDARJU BIL-MALTI

L-istoriku Pietru Pawl Castagna (1827-1907) fil-ktieb tiegħu tal-istorja, *Lis storia ta Malta bil-gzejjer tahha*, jgħidilna li l-ewwel kalendarju bil-Malti kien dak tas-sena 1861. (3) Dan il-kalendarju, jew aħjar, almanakk, jixbah ħafna lill-almanakki profetiċi li sa bejn wieħed u ieħor nofs is-seklu għoxrin ħarġu minnhom bil-gzuz minħabba li kienu popolari ħafna.

Fl-ewwel faċċata ta' dan l-ewwel kalendarju Malti nsibu dan it-tagħrif: "*Kalendarju magħmul bis-sewwa u bid-dnewwa skond il-pinna tas-Sur Alarju. Sena elf tmien mija wieħed u sittin, jum tliet mija ħamsa u sittin*".

Ġewwa, fil-bidu, l-awtur, is-Sur Alarju, li minn kitbiet oħra nafu li kien l-istoriku P.P. Castagna nnifsu, kiteb: "*Huwa użu fin-nazzjonijiet li kull sena jistampaw almanakki bil-lingwa tagħhom biex jifhmu kull min jaqrah. Aħna Maltin biss bqajna lura mingħajr qatt ma kellna Almanakk bil-lingwa tagħna miktub. Ħaġa ġdida, imgħarrqa kemm tkun, dejjem xi ftit tingħoġob, billi oħra bħala qabel ma tkunx saret.*

*Għaldaqstant jien qbadt il-pinna f'idi u minn fuq Chiaravalle, Barba-Nera u Kalendarju ieħor mort iffurmajt **għall-ewwel darba** dan l-Almanakk Malti*'.

Il-poplu Malti, għax ma jemminx biżżejjed fih innifsu, huwa mmassmat li dak kollu li hu Malti mhux tajjeb...ta' barra aħjar! Għandu jkun li din il-massma kienet invoga wkoll fiż-żmien li ħareġ dan l-almanakk Malti, għax is-Sur Alarju temm id-daħla tiegħu billi b'mod supperv qal espressament:

**"Min iridu jixtrih,**
**Min ma jridux iħallih".**

**IL-KALENDARJI GĦAWDXIN**

Minn riċerka li għamilt, l-ewwel kalendarju purament Għawdxi li rnexxieli niskopri kien dak maħruġ minn Patri Oderiku Grima O.F.M. (Tal-Mimm, 1889-1964). Dan ix-xogħol, maħruġ bl-isem *Almanac Profeticu ta L'Astronomo Gozitano ghal Malta u Ghaudex*, kien ippubblikat l-ewwel darba fl-1929. L-almanakk, li mhux ippaġinat, kien stampat f'*The New Art Press* ta' 208, Triq il-Prinċep ta' Wales, Tas-Sliema, Malta. L-"Almanakk tal-Patri" kien jinbiegħ 2 soldi (8m jew Ewro 0.019), u skont tagħrif ippubblikat fil-ħarġa 9 (1937), kellu ċirkolazzjoni ta'..."*x-xoghol taghna huwa minn **15,000** sa **20,000** bil malti biss...*"

L-ewwel ħarġa ma fihiex editorjal, biss tintroduċi lilha nfisha permezz ta' poeżija (sic) li mhix iffirmata. L-ewwel strofa tgħidilna hekk:

*Dan l-almanakk ġdid fis ilkoll fittxu,*
*Għaliex hu l-isbaħ, minn kollox fih,*
*Għall-ewwel sena sejjer jidhrilkom,*
*Għalhekk nittama żgur tifirħu bih.*

It-tieni almanakk Għawdxi kien dak maħruġ mid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem, għas-sena 1937, fi żmien meta d-Direttur kien Dun Ġużepp Galea Rapa. Fl-ewwel ħarġa, l-kalendarju jfisser l-iskop tat-twaqqif tiegħu:

*i) Biex naktghu ix-xeuka ta bosta minncom u incunu nistghu fl'istess ħin natu f'idejn il-Cappillani u il poplu dac collu li jitolbu id-degrieti tal Conciliu N.ri 213 u 258 cioe' pubblicazioni ta festi, indulgenzi, saum, u astinenzi li jakghu ma tul il-gimgha. Hsiebna gbarna collox f'dan id-daksxejn ta Almanacc li keghdin nipprezentau kuddiemcom ghall-euuel darba...*"

*ii) Biex icun bhala tifchira tal hidma taghcom il-ghaliex jitkellem mill-hajja tad-Dar ta San Giusepp, u ghalhecc ta cull jum meta tharsu lejh ifaccarcom fl'imsejcnin iltima li hemmhecc jinsabu migbura, taht il patrocinju ta San Giusepp.*

L-Almanakk tad-Dar ta' San Ġużepp dam joħroġ sa l-1994. Floku, jekk nistgħu ngħidu hekk, bejn l-1998 u l-2006, ħareġ *L-Almanakk Għawdxi*, pubblikazzjoni tal-Caritas Għawdex, b'Dun Manwel Curmi bħala Direttur.

Intant fl-1937, hawn Għawdex ħareġ ukoll almanakk ieħor mill-aħwa Ġużepp u Ġorġ Cefai (*Booksellers*) tar-Rabat t'Għawdex. Kien stampat fl-istamperija *Chretien & Co.* ta' *Strada Fianco*, il-Belt Valletta. X'aktarx li ma kienx ippubblikat għajr f'okkażjoni waħda. Rari ħafna.

(1) Sinteżi minn konferenza dwar ir-riforma fil-Kalendarju, mogħtija mill-Profs. S. Zarb O.B.E., O.P., S.Th.M.' S.S.D. (Vat.) fit-Teatru tal-Universita Rjali ta' Malta nhar it-03.05.1962.

(2) Malta Government Gazzette, 20.03.1925, Supp. VIII, p.i.

(3) Xi storiċi jgħidulna li l-ewwel kalendarji bil-Malti kienu dawk it-tnejn maħruġa mis-*Societa Economico Agraria*, taħt l-isem ta' *Calendarju tal-Bidwi* għas-snin 1849 u 1850 rispettivament. Pero għall-eżattezza rridu ngħidu li dawn kienu bilingwali: bil-Malti u bit-Taljan. Ta' Castagna kien f'ilsienna biss u għalhekk bir-raġun jiftaħar li l-ewwel kalendarju nil-Malti kien dak tiegħu.

© Toni Calleja

# IKTAR INTIETEF MILL-GĦASRI TA' TFULITI

**Toni Calleja**

**F'April tal-2010, ħadt l-inizzjattiva biex nippubblika ktejjeb li jimmarka l-ewwel ċentinarju mit-twelid ta' Ġużeppi Camilleri li fiż-żmien kien ħaddan l-Ordni tal-Franġiskani Minuri, magħrufa bħala 'Ta' Ġieżu', u ħa l-isem ta' Patri Alfons Marija. Patri Alfons jew, kif kienu jgħidulu hawn ir-raħal *'l-Patri ta' Sika* (għal ommu!)', kien irnexxa sew fil-kisbiet akkademiċi tiegħu, u kien għalliem tat-Teoloġija u l-Iskrittura fl-Istituti tal-Fraġiskani u *lecturer* fil-Griek Bibbliku u l-Ebrajk fl-Universita' ta' Malta.**

Patri Alfons miet nhar is-16 t'Awwissu, 1994, fil-għomor ta' 84 sena. Ftit huma dawk li jafu li sa xi ftit snin qabel mewtu kien beda jikteb il-memorji tiegħu minn mindu beda l-ħajja reliġjuża. Dawn il-memorji llum jinsabu mħarsa fl-arkivju tal-Provinċja Franġiskana Maltija fil-Kunvent tal-Belt Valletta. Ma jistax jonqos li l-Għasri jissemma ħafna fil-kitba ta' Patri Alfons, u xtaqt naqsam magħkom xi siltiet li nħoss li huma ta' interess ġenerali:

## IX-XOGĦOL TAN-NISA...FIR-RABA' U FID-DAR.

"Jekk għall-irġiel ix-xogħol kien fir-raba', għan-nisa kien aktarx fid-dar, imma anki għalihom ma kienx xi xogħol inqas iebes. Xi daqqa t'id fir-raba' kienu jagħtuha wkoll, speċjalment fi żmien il-ħsad, u meta kienu joħorġu jlaqqtu xkejjer kbar bil-ħaxixa ingliża. Mal-faċendi tad-dar kienu jieħdu ħsieb l-annimali li kienu jrabbu; kien xogħol anki dak! Imma l-ikbar xogħol għan-nisa ta' dak iż-żmien kienet il-bizzilla. Kien żmien meta l-bizzilla kienet iġġib il-

belli flejjes, kif kienu jgħidu, u ma kienx baqa' mara li ma taħdimhiex. Kulħadd bit-trajbu (mħadda) quddiemu u jagħtu b'subgħajhom kollha u b'ħeffa tal-għaġeb. Fejn kien jsibu xi roqgħa dell kienu jinġabru flimkien biex ma' subgħajhom iħaddmu wkoll ilsienhom, imma xħin isir il-ħin jibdew ir-rużarju, bix-xogħol dejjem għaddej.

Kien hemm ċertu Toni *Tal-Magna* mir-Rabat li x-xogħol tiegħu kien dak li jagħmel id-disinji tal-bizzilla; in-nies wara l-bieb tiegħu f'dik it-triq dejqa ħdejn San Ġorġ ma kienu jaqtgħu qatt; ma nafx kinux disinji li jagħmel minn moħħu jew in-nisa stess jgħidulu kif iriduhom; imbagħad ipoġġuhom fuq it-trajbu biex ix-xogħol isir skont id-disinn li jkollhom. Ħafna drabi pero', dawn id-disinji kienu jagħtuhomlhom dawk stess li kienu jinnegozzjaw fil-bizzilla. In-nies tal-Għasri kienu jaħdmu l-aktar ma' *Tal-Gaberr* mill-Għarb, ma' *Tax-Xelina* minn Ta' Sannat, u ma' *Tax-Ximri* minn-Nadur. Anke z-ziju tiegħi, iz-ziju Ġanni (Tal-Għani, jew Taż-Żammit: 1889-1953), ħu missieri, għamel żmien jiġbor ix-xogħol tal-bizzilla u jmur bih Malta; niftakru jsemmu lil ċertu Mabbli li kien jinnegozja miegħu; Ġanni kien bniedem li għax-xogħol tar-raba' ma kienx jinqala' u sab mezz kif jgħin ruħu anki hu bil-bizzilla. Ommi u ħuti wkoll kienu ħaddiema tajbin tal-bizzilla, u wrew x'jafu jagħmlu bil-kamżu (l-alba) sabiħ li ħejjewli għall-Ewwel Quddiesa tiegħi. Għadu miżmum b'għożża sal-llum fil-Kunvent tagħna tal-Imdina fejn ħallejtu meta tlaqt għal Ruma fl-1934, u jinqdew bih fil-festi.

Ma nafx x'kienet il-biċċa, imma ġara li ommi u ħuti telqu x-xogħol tal-bizzilla u ntefgħu fuq in-newl. Kienu jinsġu kull xorta ta' xogħol bl-istess materjal li n-nies kienu jġibulhom, jiġifieri suf tan-ngħaġ, u tajjar tal-qoton, abjad jew aħmar; kienu jiġu għandhom anki nies miż-Żebbuġ u mill-Għarb. L-iżjed li kienu jinsġu kienu l-fradi tas-suf għax dawn kienu l-gvieret ta' dak iż-żmien. Kull farda daqsiex u l-briegħed jixxalaw fihom. Kemm kien hemm briegħed fi tfuliti. Kulħadd għonqu aħmar bil-ħmieġ tagħhom! It-trab li joqtolhom kien għadu ma nstabx; ħadd ma kellu l-kamra tal-banju, u ma naħsibx li kienu jiffittaw iżżejjed fl-indafa. Dawk il-gvieret fis-sajf kienu jnixxluhom Wied il-Għasri biex jaħsluhom hemm. Kienu jagħmlu soror kbar u jwaddbuhom minn hemm fuq għal isfel, u mbagħad jixxabtu huma u jinżlu mal-blat għax dak it-taraġ li hemm illum ma kienx għadu jeżisti. Dak sar bis-saħħa ta' Dun Ġużepp Galea *Tal-Orjenti*. Meta sar Kappillan (fi Frar 1922) xi ħadd webblu biex jinżel sa Wied il-Għasri. Kif ra n-nies jiddendlu ma' dak il-blat baqa' mibluh. Dakinhar stess għamel f'moħħu li jirrimedjalhom xi ħaġa. Bil-konoxxenzi li kellu hu u niesu – *Tal-Orjenti* dak iż-żmien kienu nies magħrufin sewwa - milli jidher ma sabx diffikultajiet kbar għax ma damux wisq biex ġew il-ħaddiema tal-Gvern u għamlu dak it-taraġ li għadu hemm sa llum. Kif kienu jagħmlu biex jinżlu, u kif kienu jitilgħu b'dawk il-ħwejjeġ li jkunu ħaslu, għadu għalija misteru sa llum, allavolja sakemm domt l-Għasri dak it-taraġ ma kienx jeżisti. Bilfors konna drajna nixxabtu u ma konna nsibu xejn tqil.

Ix-xogħol tan-newl ta' ommi u ħuti saru jafu bih anki Malta, u Mrs. Cecilia De Trafford, li kienet tiġi bint Lord Strickland, meta fettlilha tiftaħ ħanut bil-prodotti Maltin ħdejn id-Dwana, permezz ta' Pawlu Portelli *Tal-Lingi*, talbithom jibagħtulha xi xogħolijiet minn tagħhom. Milli jidher, l-ordnijiet għalihom kibru, u Mrs. De Trafford offriet lil oħti Lonza biex tmur tinseġ għaliha biss, f'post li hejjitilha fuq is-sur ta' Santa Barbara, il-Belt.

Din l-impriża ta' Mrs. De Trafford tant irnexxiet li ddeċidiet li tiftaħ fabbrika tan-newl apposta, ir-Rabat, l-Imdina; ġabet ħafna nwiel mill-Ingilterra; impjegat ħafna tfajliet; laħaq li kellha tletin, erbgħin tfajla, u lil oħti Lonza għamlitha *supervisor* fuqhom. Maż-żmien iddeċidiet li anki f'Għawdex tagħti rkabtu għal dan in-negozju u reġgħet inqdiet b'oħti u bagħtitha fejn kien hemm il-każin ta' Strickland fit-Tokk, li kien bini tagħhom; imma f'Għawdex ix-xogħol ma tantx qabad u wara xi ftit tas-snin spiċċa fix-xejn u oħti reġgħet lura Malta. Mrs. De Trafford ma nsiet qatt dak kollu li oħti Lonza kienet għamlet magħha. Meta mardet kienet hi li ħadet ħsieb tibgħatha l-Ingilterra u meta mietet imxiet warajha ma' tal-familja. Kellu



**L-aħwa Lonza Vella (1896-1968) u Filomena (1902-2002) ta' Triq il-Knisja, l-Għasri, jippużaw f'ritratt pubbliċitarju għall-bizzilla t'Għawdex. Dik il-ħabta, eżatt wara t-Tieni Gwerra, huma kienu jaħdmu għal Cecilia De Trafford Strickland tal-*Malta Industries Association Ltd*.**

jkun in-newl li minħabba fih il-familja spiċċat mill-Għasri. Meta Lonza baqgħet Malta (fl-1946) ġarret magħha lill-iżgħar fost ħuti: Rita (1926-...), u meta din iżżewġet Malta (lil Ċensu Muscat mir-Rabat t'Għawdex) ġabret magħha anki lil ommi. It-tnejn l-oħra – waħda marret soru Dumnikana, u l-oħra (Marija: 1915-2003) spiċċat l-Awstralja, u ġewwa l-Għasri ma baqa' minna ħadd.

Dan id-diskors bdejtu biex insemmi liema kien dak iż-żmien ix-xogħol tan-nisa. Niftakarhom iballtu l-bjut, għax dawn kienu għadhom isiru bid-deffun. L-irġiel itellgħu il-bini kollu, u lin-nisa jħallulhom il-bejt biex iballtuh; kienu gruppi ta' nisa li jiġru minn raħal għall-ieħor fejn iqabbduhom; ma naħsibx li kien hemm minnhom mill-Għasri. Wara l-bieb tad-dar tagħna (id-Dar tat-Tuta) kien hemm (deffuna) żewġ blatiet kbar, waħda forma ta' romblu, biex bihom jintaħan id-deffun; kienu jiġu jinqdew bihom nies mill-Għasri u miż-Żebbuġ. Naħseb li għadhom hemm sa llum.

U kellhom xogħol ieħor in-nisa dak iż-żmien: il-ġarr tal-ilma! Kienet problema serja wisq iżjed mil-lum. Illum forsi jiġri li tiftaħ il-vit u l-ilma ma jinżilx, imma dak iż-żmien anqas vitijiet ma kellna x'nifthu; kont trid tmur iġġibu minn fuq l-għajn, u għar-raħal kollu tal-Għasri ma kienx hemm ħlief waħda, in-naħa ta' fuq, ħdejn il-ħanut *Tal-Kwakk*. U tan-naħa t'isfel x'se jagħmlu? Jinqdew b'xi bir 'l hawn u 'l hemm li jkun tajjeb għax-xorb; u meta l-bjar ma jimtlewx kien ikollhom iġewzu anki bl-ilma! Fl-aħħar, bit-tħabrik ta' Dun Ġużepp *Tal-Orjenti* saret waħda anki hemm isfel; waħda minn dawk b'manilja kbira biex tippompja b'saħħtek kollha, jekk trid ittella' l-ilma; poġġewha fil-post li konna ngħidulu Taħt l-Arkata, f'dik il-kantuniera".

© Toni Calleja

APPREZZAMENT:

# FRANS FARRUGIA

## FOLKLORIST (1940 – 2010)

**Min ma semax bi Frans Farrugia, il-Bużżu, minn Ħal-Għaxaq? Kien folklorist li sikwit kien jagħmel kummenti fuq il-folklor Malti fuq ir-radju; studjuż tal-folklor popolari fost in-nies ta' Ħal Għaxaq, raħal magħruf sewwa għal dak li hu folklor, raħal benniena ta' folklor ġenwin. Dan li kien Frans: rispettat minn-nies tar-raħal, u dan xehdu l-funeral li sarlu, meta l-każini tal-banda, it-tnejn tar-raħal, tellgħu il-bandiera mezz'asta għal dak in-nhar tal-funeral tiegħu; u l-knisja kienet mimlija għall-funzjoni. L-Għaqda tal-Folklor kienet irrappreżentata mill-membri tagħha tal-kumitat.**

**Frans kien membru tal-Għaqda tal-Folklor, u membru tal-kumitat. Kien attiv ħafna f'dan il-qasam, u magħruf ħafna f'ċirki ta' folklor li saħansitra kien isiefer bħala rappreżentant tal-folklor Malti. Kien ukoll organizzatur tal-karnival tar-raħal. Fil-ktieb li kien ħareġ il-kunsill ta' Ħal Għaxaq dwar l-istorja tar-raħal, Frans kien kiteb dwar il-folklor u dwar il-laqmijiet tal-familji ta' dak il-post. Kien dilettant tas-sajd ġo Marsaxlokk, u kien kiteb ukoll dwar dan il-mistier kif kien isir fil-passat; u wkoll ktejjeb dwar il-flora u l-ħxejjex tal-widien sbieħ u pittoreski ta' wara Ħal Għaxaq. Frans kien iben denju ta' dak ir-raħal u tal-wirt folkloristiku Malti li kien magħruf sewwa fih. Kien jagħmel replikajiet tal-għodda antika li m'għadhiex tintuża; u ħalla wirt kbir ta' folklor ta' snajja' għall-ġenerazzjoni li tiela'.**

**Frans ħalliena fil-25 ta' Jannar, 2010. Kellu sebgħin sena. Nagħtu l-għomor lil martu Tereża, u lill-familja tiegħu. Indifen f'raħal twelidu; u Alla l-imbierek jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.**

**A.D.**



# XI ANNIMALI LI KIENU JUŻAWHOM FIR-RIMEDJI POPOLARI

## Informazzjoni miġbura minn fomm il-poplu

Guido Lanfranco

**F'ħafna mill-programmi li kelli fuq diversi radjijiet li kellhom il-faċilità tal-phone-ins kont norjenta l-kliem fuq suġġetti li dwarhom jistgħu jgħaddu l-esperjenzi tagħhom semmiegħa anzjani. Irrekordjajt u għamilt traskrizzjonijiet jew ħadt notamenti ta' mijiet ta' interventi, fosthom ħafna dwar il-mediċina popolari jew rimedji mingħajr it-tabib. F'din il-kitba qasira għażilt biss ftit minn dawk li fihom kienu jintużaw annimali jew partijiet minnhom bħala duwa jew rimedju. Dawn li ġejjin qed jidhru fil-kliem dirett tal-informanti.**

**Ġeru**

"Il-mamà, kieku issa għandha mal-mitt sena, kienet tgħid li ġriewi tat-twelid, frieħ, . . Tgħid li kienet ħadet qatgħa kbira u ommha marret takkwistalha żewġt iġriewi u għamlithomlha brodu . . . Għall-meraq tagħhom." *(Mara ta' aktar minn 60 sena, 10-1-1996).*

"Missieri jirrakkonta, . . . Fi tfulitu, . . . Kieku għadu ħaj għandu xi mija u erbgħin sena llum!, . . Darba kellu d-deni u kienu qatlulu ġeru, kelb żgħir, qasmuh min-nofs u qiegħeduh fuq sidru, . . Hekk . . . biex jiġbidlu d-deni. Ġeru qal . ." *(Raġel, Birkirkara, qabel mill-Ħamrun, 17-1-1996) (Normalment kienu jużaw fenek fuq il-marid, imma fuq it-trabi żgħar kienu jippreferu ġeru).*

"Għal xi qatgħa, nisma' lill-mamà tgħid, kienu jsajrulhom brodu tal-ġeru. Niftakarha 'l dik il-mara għax kienet kbira. Lit-tifla tagħha sajritu, u kellha tixorbu bilfors. Għalxejn bdiet twerżaq u tgħajjat 'Marridx nixorbu!' u hi trid tbellagħulha bilfors. Kienet qaltilha qabel li l-brodu kien tal-ġeru. Għax niftakarha jiena, . . . tiġri u twerżaq mal-bitħa kollha għax ma tridx tixrob il-brodu tal-ġeru!" *(Mara, Ħal Tarxien, 22-3-1995).*

*Dan li ġej ma kienx rekordjat imma ktibt notamenti fuq li qaluli.* Għall-marażmu (*) fit-tfal, mara xwejħa kienet tissuġġerixxi li tagħmel ilma jagħli fil-banju u tixħet fih ġeru maskil jekk it-tarbija tkun tifla. Meta l-ilma jibred taħsel lit-tifla fih. Jekk il-marid ikun tifel, l-istess, imma tixħet ġeru femminili fil-misħun jagħli. Wara dan kollu lill-marid tisqih ftit mill-istess ilma. *(Raġel, 10-8-1993). (* Il-marażmu hija debbulizza u telqa ġenerali).*

"Jien anzjana. Darba kien hemm familja ġiet minn Tripli. Konna ħadna qatgħa għax kien waqa' xi ħaġa. U din il-mara li ġiet minn Tripli kellha l-kelba bil-ġriewi, ħadet tnejn minnhom, qatlithom, għamlithom stuffat, u tagħthomlna nikluhom. Ma konniex nafu x'inhuma. . . . Għall-qatgħa . . . Din sajritulna kienet." *(Mara anzjana, 20-7-1993)*

**Fenek**

"Missieri, lil ħija meta kien żgħir, kellu sentejn u kien marid bil-milsa (*) kellu deni qawwi u żaqqu kienet intefħitlu. Kien hemm in-nannu, qatel fenek u, kif kien għadu sħun poġġihulu fuq żaqqu, u d-deni niżillu għax ħadu l-fenek." *(Mara, 14-9-2006). (* Ġieli kienu jgħidulha l-marda tal-biċċa u fil-mediċina bħala Lieshmania).*

**Gremxula**

*Dan li ġej ma kienx rekordjat imma żammejt notamenti dwar dak li qaluli waqt intervista.* Tfal neqsin mill-kalċju kemm-il darba nosservawhom igerrmu xi ġebla jew ġir. F'Għawdex kien hemm mara li kienet taqli tliet gremxuliet biex tfal b'nuqqas ta' kalċju jieklu minnhom. Kienet tħallas tliet ħabbiet 'l waħda lit-tfal li kienu jġibulha gremxula; dawn kienu jaqbduhom bl-ingassa tal-ħafura. *(Tarcisio Scerri, Sliema, tfulitu f'Għawdex, 28-8-1993).*

**Xaħmet l-art**

"Lil missieri darba, bi żball (*għax ħasbuh l-ispiżjar*), marru xi tfal biex ibiegħulu xaħmet l-art ħaj. Għax dak iż-żmien kienu jbiegħuh lill-ispiżjar għall-ingwent. Hu bagħthom għand it-tabib Mawrin;.. Suppost għand l-ispiżjar." (*Tessie Vella, Sliema, anzjana, 26-4-1995*). *L-ingwent kien jintuża għas-saħħa tax-xagħar.*

**Żagħruna**

"Niftakar li ġol-ħanut tal-mastrudaxxa (għax aħna konna nagħmlu l-karrettuni) kellna mdendel flixkun mimli biż-żejt taż-żagħruna, u kien dejjem hemm. Konna nixtru l-fwied tal-mazzola u nħalluh xi jumejn – tlitt ijiem iqattar ġo żinġla, niġbruh u npoġġuh ġo flixkun. U konna, min jaqta' sebgħu jew iċarrat x'imkien, konna nagħmlu lilu. . . . Taf kemm kien tajjeb . . . !" (*Laurence Camilleri, Xewkija, 77 sena, 10-1-1996*).

"Iż-żagħrun, qisu mazzola, jeħdulu ż-żejt mill-fwied, għall-uġigħ tal-għadam, uġigħ tal-muskoli. Tal-mazzola ħamra tal-fond. Tagħmlu ġo borża tal-plastik, tħallih daqsxejn għax-xemx fuq il-bejt jew bitħa, ittaqqbu bil-labar tar-ras u tħallih iqattar f'bieqja tal-ħġieġ. Is-sajjieda ta' Marsaxlokk jemmnu ħafna bih . . . Ili nafu xi tletin sena. Joħroġ aktar minn disgħin fil-mija żejt mill-fwied . . . Kważi ma jibqa' xejn. . . . Dejjem jiskula . . . Jiġi ċar daqs il-kristall. Għall-uġigħ issaħħan naqra l-parti fejn tuġgħek jew toqgħod għax-xemx, issaħħan naqra u tidlek bih." (*Frans Farrugia, Għaxaq, 1-3-1995*).

**Sangisug**

"Il-papà kien jgħid li fi tfulitu kienu jinżlu l-biċċerija iġibu s-sangisugi.(*) Minħabba l-pressjoni . . . Ipoġġuhom wara għonqhom u jissikkawhom b'ċarruta. Dawk jieħdu d-demm tal-pressjoni jgħidu." (*Raġel ta' aktar minn 60 sena, 10-1-1996*). *(*) Sangisug huwa għamla ta' dudu tax-xmajjar u l-għadajjar ta' barra minn Malta, tawwali, jaqbad b'xoftu ma' ħalq l-annimali li jmorru jixorbu u jsoffilhom id-demm. Ġieli jsir qisu boċċa mimli bid-demm. F'Malta kienu jiġu ma' xufftejn barrin impurtati mill-Afrika ta' Fuq.*

"Jien naf sewwa fuq is-sangisugi. Il-papà tiegħi kien tabib fl-antik u kien iġib is-sangisugi mill-Italja. Kien iżommhom f'parti umda tal-ġnien, iżommhom ġo bombli kbar, minn dawk taċ-ċaqquf. Min kien ikollu l-pressjoni, . . . pressjoni qawwija. Kienu jiġu minn Malta kollha għalihom. Kien ibiegħ minnhom tgħidx kemm. Kienu jkunu qishom boċċa s-sangisugi . . . Mbagħad in-nies jagħmluhom fuq għonqhom . . . Il-mamà kienet iddurhom is-sangisug biex tara hemmx xi mejtin. Kienu jiġu minn kull parti n-nies. Il-papà tiegħi kien dilettant . . . Bejn iż-żewġ gwerer." (*Mara, Birkirkara, ta' 75 sena, 17-1-1996*).

"Ir-raġel tiegħi kont nisimgħu jgħid fuq missieru, . . . Fl-antik . . . Is-sangisugi tagħmilhom wara għonqok. Dawk kienu jġibuhom mill-ħalq tal-barrin kont nisimgħu jgħid. Kien jgħix barra minn Malta u kien iġibhom." (*Mara, Valletta, 17-1-1996*).

"Niftakar lin-nanna tgħid li n-nannu kellu puplesija u kienet tagħmillu d-dudu miegħu; sangisug. Għandi 68 sena. Il-mamà tiegħi kienet imrobbija man-nanna." (*Mara, ta' 68 sena, 14-9-2006*).

"Jien niftakar li n-nanna tiegħi kellha bħal puplesija. Għamlulha s-sangisugi u għaddielha. Xi ħamsa u sebgħin sena ilu." (*Mara, 14-9-2006*).

"Nisma' lin-nanna tgħid li għal xi uġigħ tal-widnejn kienu jagħmlu d-dudu . . . Sangisug, nismagħha tgħid . . . Biex jiġbed l-infezzjoni minn ġo widnejk . . . F'Ħal Qormi. Forsi fuq barra tal-widna." (*Raġel, 22-3-1995*).

"Niftakar li nannuwi kien ħa xi ċmajra u qabdu deni kbir f'rasu . . . Jgħajjat biss . . . Beda jgħajjat: 'Irridu s-sangisugi!'. Ġabulu żewġ sangisugi mill-biċċerija, qabbduhomlu ma' għonqu u, kif qabbadnihom, mill-ewwel raqad u spiċċalu kollox. Ftit qabel il-gwerra . . . Kienu jsibuhom f'ħalq il-barrin. (*Raġel, 22-3-1995*).

"Meta xi ħadd kien ikollu deni qawwi kienu jużaw is-sangisug, bħal dudu, u jagħmluh mal-ġilda ta' dak li jkun biex isofflu d-demm biex jinżillu d-deni." (*Mara, 15-3-1995*).

"F'Tuneż, kienet tgħid il-mamà, min ikollu pressjoni għolja kienu jużaw is-sangisug, ipoġġuhom fit-tazzi tal-fintusa fuq id-dahar sakemm is-sangisuga taqbad mal-ġilda u tibda tixrob dak id-demm." (*Mara, 17-8-1993*).

"U meta kien ikollok xi ferita kienu jagħmlu sangisug. Dak, ġeneralment, min kien irabbi l-barrin. Meta joħorġuhom biex jixorbu kienu jneħħuh mill-istonku tagħhom (*) u s-sangisug, niftakar, konna ntellgħuh

minn ġol ħawt minfejn jixorbu l-barrin. Nagħmluh ġo flixkun bl-ilma. Ġieli talbuhulna xi ħadd. . . " *(Mara, 20-7-1993) (* Ikunu mqabbdin ma xuftejn il-barrin meta jġibuhom minn barra u jaqgħu fil-vaska.)*

"Is-sangisug, meta kien ikollna d-deni miġbur, kien jagħmilulna missieri. Kien ikollna l-barrin, u kien jaqlagħhulu minn taħt ilsienu b'sebgħu. . . Imbagħad kien ikollna d-demm miġmugħ, illum ngħidulha tbenġila, missieri kien jaqlagħhulu minn ħalqu dirett, mhux jiġbru mill-ilma, għax dawk kienu jiġu minn barra. . . u kif kien jagħmilulna ma' dik il-laqta li kien ikollna, kien jibda jiħxien, jiħxien, jikber;. . kien isir daqs ballun. Imbagħad kien jaqbdu u jidfnu." *(Mara anzjana, Ħaż-Żebbuġ, 20-7-1993)*

**Siċċa**

"l-għadam tas-siċċ kienu jużawh xi ħaġa għall-għajnejn." (*Frans Farrugia, Għaxaq, 1-3-1995*).

"Missieri kien jagħmel l-għadam tas-siċċa liż-żiemel . . . Ġo għajnu. Iż-żiemel kellu għajnu tuġgħu. Kien jaqla' frak mill-għadma tas-siċċa, jagħmilha frak u jagħmilha f'għajn iż-żiemel u wara ftit kien ifieqlu. Anki lin-nagħaġ kien jagħmlilhom." (*Mara, 1-3-1995*).

**Ċurkett tal-qarnita**

"Jiena kelli qarnita (*) f'għajnejja meta kelli tmien snin u niftakar li ommi kienet tibgħatni għand mara xiħa, tqiegħdni għarrkobtejja, tagħmilli ċ-ċurkett mal-għatu t'għajnejja (**) u kienet tgħid: 'Marija minn ħaddejha la Ġesù għadda minn ħdejja, qal 'l ommu Marija: 'X'għandek?' Qaltlu: 'Għandi l-qarnit f'għajnejja.' Qalilha: 'Mur f'xatt il-baħar, hemm il-qarnit jiftaqar. Hemm seba' mewġiet jissejħu seba' xmajriet. . .' Santa Barbara, neħħili din l-għamara. Santa Luċija tini d-dawl u d-dija. Santa Margerita neħħili l-għabra u l-qarnita. Naqralek u nerġa' naqralek (***) sakemm imur l-għerq minn fik u ġol-baħar immur narmik.' Kelli tmien snin. Iċ-ċurkett kellu l-fossa bil-qarnita fuqu; . . . Iż-Żurrieq." (*Mara, Żurrieq, 15-3-1995*). *(*) Qarnita hija marda fl-għajnejn magħrufa fil-mediċina bħala Pteryġium. (**) Iċ-ċurkett kienu jwaħħlu miegħu l-għatu ta' bebbuxu tal-baħar magħruf fix-xjenza bħala Astraea rugosa. Dan wieħed mill-bebbux li jkollhom bħal għatu biex jingħalqu ġo qoxrithom. L-għatu (operculum) ta' dan il-bebbuxu għandu forma tidher qisha għajn għalhekk jużawh fuq l-għajnejn. (***) Minflok 'naqralek', normalment kulħadd jgħid 'nirqik u nerġa nirqik.' Riqi huwa l-att li bih tipprova tneħħi l-mard. Għal aktar dwar dan ara l-kitba tal-istess awtur "Talb, brajbu u kliem ir-riqi miġbura minn fomm il-poplu" f' 'L-Imnara' Nru.28 (2004) p.20-24.*

**Ħanżir l-art**

"Missieri kellu l-artrite. Mar għand it-tabib tal-ħaxix (*) u dan qallu: 'Aqli ftit ħanżir l-art.' U missieri qlih ġo taġen.(**) Għorok bih biż-żejt. Kien marlu l-uġigħ." (*Laurence Camilleri, Xewkija, 15-3-1995*). *(*) Wieħed li juża l-ħxejjex mediċinali. (**) Għalkemm hawn qed juża s-singular il-ħnieżer l-art f'dan il-każ dejjem kienu jkunu fi grupp.*

"Jien naf oħra fuq il-ħnieżer l-art. Fil-gwerra minn kollox kellna; tiftakar, anke l-ħżież.(*) Ta' tfal li konna, għall-ħżież kienu jgħidulna 'aqbad ħanżir l-art, aqsmu minn-nofs.' Tifthu u joħroġlu qisu isfar u dellek fuq il-ħżieża. Taf li kienet tmur!? . . . Tinxef . . . Tmur . . . Kemm issib ħnieżer l-art, aqsam u dellek." (*Mara, San Ġiljan, 15-3-1995*). *(*) Marda fil-ġilda li bl-Ingliż ngħidulha 'ringworm'.*

"Għar-rumatiżmu ħanżir l-art. Taqlih ġoż-żejt u biż-żejt tiegħu togħrok fejn għandek ir-rumatiżmu jew artrite. U niftakar, darba waħda, missieri mar jidlikhom b'kollox . . Bil-ħanżir l-art b'kollox, u għamlu aħmar aktar milli kien!" (*Laurence Camilleri, Xewkija, 10-1-1996*).

***Hemm bosta annimali oħra (minbarra ħxejjex) li jiddaħħlu fil-mediċina popolari. Għal dawn ikkonsulta l-ktieb tal-istess awtur "Mediċina Popolari tal-Imgħoddi fil-Gżejjer Maltin" (2001), 261 paġni, Klabb Kotba Maltin / Midsea books.***

**@ Guido Lanfranco**

# TAQBIL FOLKLORISTIKU F'BORMLA

## IT-TIELET PARTI

Angelo Dougall

**Kont ktibt fuq il-folklor Bormliż tat-Taqbil u kif kien isir (ara l-Imnara Nru 29, 2005, paġna 70, u l-Imnara Nru. 30, 2006). Waqt li fl-Imnara Nru. 29 kont semmejt it-taqbila "d-Dar", din kont ħallejtha barra għax daqsxejn twila. Kelli nkun fl-Istati Uniti tal-Amerka biex niġbor dan il-folklor Malti li kien għoddu ntilef – f'Detroit, Michigan, fejn kelli x-xorti niltaqa' ma' Mikiel Agius, Bormliż, u ġbart minn għandu dawn it-taqbiliet folkloristiċi mill-ħafna li kien jaf, u li kien tgħallem fi ħdan ommu. Kull meta kien ifettillu, u kull meta kien jiftakar f'xi taqbila kien jgħidhieli, u jien, bis-sabar kollu kont inniżżel dak kollu li jiftakar u jqabbel.**

Bormla, kienet fil-qiegħa tal-post li kien jissejjaħ "il-Mandra", art mifqugħa bl-ilmijiet li kienu jinżlu mill-għoljiet li jħaddnuha, u b'widien iħaddru bl-għelieqi li kienu jżejnu l-madwar tal-ibliet tal-Kottonera. Ħafna nies minn tal-kampanja u mill-irħula kienu jmorru lejn is-swieq armati hemm, u kien isir ħafna għana u taqbil illi fih kienu jitwieldu u jitrawmu u jsibu l-isfog tagħhom fost il-miġemgħa tan-nies, ġot-titotli, postijiet ta' manifattura, u postijiet ta' divertiment.

Meta wieħed ikun żgħir fl-eta' jitgħallem ħafna, u jibqa' jiftakar ħafna. F'Bormla kien isir ħafna għana u taqbil, imma minħabba l-qerda tal-gwerra (1939-1945) u t-tferrix ta' nies mill-Kottonera, speċjalment bl-emigrazzjoni li bdiet bil-qawwa wara l-gwerra, nqered ħafna folklor.

### IT-TAQBILA "ID-DAR"

Din it-taqbila kien qalhieli fl-1971 Mikiel Agius, Bormliż, u kienet titqabbel bejn ommu u oħtha. Anke jekk ma kinux jaħdmu bħala barrama, n-nisa tad-dar kienu jħobbu jqabblu bejniethom:

**1. Ħabbata mhix qanpiena,
Ħolqa mhix ġummiena,
Għatba mhix il-bieb,
U "tal-familja" m'humiex "il-ħbieb".**

**2. In-Numru mhux il-faċċata,
Tarġa mhix intrata,
Qarib m'huwiex il-ġar,
U kerrejja m'hijiex dar.**

**3. Barumbara m'hix turretta,
Muftieħ m'huwiex ċavetta,
Setaħ m'hux parapett,
U sokra mhix lukkett.**

**4. Bankina m'hijiex strada,
Xatba m'hijiex grada,
Madum m'huwiex injam,
U art tal-franka mhix irħam.**

**5. Koxxa mhix zukklatura,
Bastun m'huwiex burdura,
Żebgħa mhix tibjid,
U tiswija mhix tiġdid.**

**6. Tieqa mhix persjana,
Raġġ mhux indana,
Taraġ m'huwiex garigor,
U ftila mhix ċimblor.**

**7. Boxxla mhix antiporta,
Ċinta mhix opramorta,
Saqaf mhux suffett,
U bejt mhux fuq nett.**

**8. Gwardarobba mhix vetrina,
Gradenza mhix kommodina,
Friskatur mhux lavaman,
U kannape' m'huwiex sufan.**

**9. Paraventu mhux purtiera,
Pożambrella mhix spalliera,
Bagalja m'hijiex senduq,
U sular t'isfel m'huwiex ta' fuq.**

**10. Sodda mhix kruċċetta,
Mera mhix twaletta,
Garżella mhix kexxun,
U ċinglu mhux kurdun.**

**11. Kurtinaġġ mhux ċelu,
Filoxx mhux velu,
Strippa m'hijiex sieq,
U skossi m'humiex żaqżiq.**

**12. Imħadda mhix kuxxina,
Għażel mhux kotnina,
Kutra mhix liżar,
U tastiera mhix id-dahar.**

**13. Siġġu mhux banketta,
Tvalja mhix sarvetta,
Paljazza mhix xugaman,
U manku mhux poġġaman.**

**14. Kamra tal-pranzu m'hijiex kċina,
Sala mhix kantina,
Linfa mhix rużun,
U tużel mhux pavaljun.**

**15. Arblu mhux bandiera,
Bir m'huwiex spiera,
Tarjola mhix rampil,
U bettija mhix barmil.**

**16. Broxk m'huwiex skupilja,
Sprall m'huwiex gradilja,
Suf m'huwiex xagħar,
U daħna m'hijiex fwar.**

**17. Miżien m'huwiex stasija,
Ċoqqa mhix kunfratija,
Fantażma mhix Gawgaw,
U ruħ m'hijiex babaw.**

**18. San Girgor m'huwiex xalata,
Purċissjoni mhix parata,
Kamoxxa mhix bellus,
U meżżewwġ mhux għarus.**

**19. Pożaplatti mhix xtilliera,
Forn mhux kuċiniera,
Il-qadim m'huwiex ġdid,
U l-kerrej m'huwiex is-sid.**

**20. Veranda mhix gallarija,
Kuritur m'huwiex mogħdija,
Bitħa mhix ġardin,
U loġġa mhix terrazzin.**

21. Fajjenza mhix għamara,
Musbieħ m'huwiex imnara,
Gandilabru mhux gandlier,
U brazz m'huwiex lampier.

22. Tubu m'huwiex lampa,
Teptipa m'hijiex vampa,
Niċċa mhix artal,
U bozza mhix fanal.

23. Gabarre' m'huwiex turtiera,
Skutella mhix suppiera,
Pranzu mhux bankett,
U l-imfarrad m'huwiex sett.

24. Konka mhix qasrija,
Ħama mhux ħamrija,
Ġebla mhix ċangun,
U ġiebja mhix ġibjun.

25. Qoffa mhix bixkilla,
Mehries m'huwiex mejjilla,
Bieqja m'hijiex bott,
U kartell mhux patalott.

26. Ġiżirana mhix misluta,
Kuntenta mhix paxxuta,
Pavri m'humiex kmiem,
U wara mhux quddiem.

27. Dendula mhix xinxilla,
Rakkmu mhux bizzilla,
Imb'wiċċ mhux biswit,
U ftuq mhux tiżrit.

28. Rukkell m'hux bubina,
Imsella mhix ċumbina,
Trajbu mhux tanbur,
U xall mhux maktur.

29. Lazz mhux żigarella,
Kobba mhix marella,
Għoqda mhix irbit,
U tal-ġabra mhux tat-tilqit.

30. Perpura mhix ċarruta,
Brimba mhix għanqbuta,
Tiġriba m'hijiex tixlil,
U ħjata mhix tifsil.

31. Ħarir mhux musulina,
Ħġieġ m'huwiex kina,
Anell mhux ċurkett,
U kamrin mhux kabinett.

32. Tron m'huwiex pultruna,
Taġen m'huwiex sjuna,
Bomblu mhux buqar,
U mejda mhix fuklar.

33. Xemgħa mhix kandiletta,
Buttuna mhix aċċetta,
Traqqigħ m'huwiex sarsir,
U biċċa tal-art mhix tat-tfarfir.

34. Buġija mhix lumina,
Imgħarfa mhix kuċċarina,
Pagna mhix tigan,
U mezzanin mhux terran.

35. Granspinal mhux antaċċola,
Borma mhix kazzola,
Damiġġana mhix flixkun.
U ġardiniera mhix vażun.

36. Għonnella mhix ċulqana,
Ħannieqa mhix kullana,
Post mistkerraħ mhux żdingat,
U ħares mhux fatat.

37. Kawwara mhix kavetta,
Tarbux m'huwiex ċinetta,
Guva mhix gallinar,
U lanżit m'huwiex ġummar.

38. Qatgħa mhix twerwira,
Ġlieda mhix tgħajjira,
Sikkina m'hijiex mus,
U min jgħannaq le ma jbus.

39. Glekk mhux sidrija,
Faxxa mhix mustaxija,
Ċinga mhix ċintorin,
U l-irqiq m'huwiex smin.

40. Wiżgħa mhix gremxula,
Għadsa mhix felula,
Għattuqa mhix serduq,
U min jimxi mhux isuq.

41. Luna mhix inċirata,
Gverta m'hijiex għata,
Hasira mhix tapit,
U għoqda mhix irbit.
(imma jsiru protesti dwar dan l-aħħar vers għax diġa' ntqal qabel, Allura xi barrama kienu jissuġġerixxu xi kelma oħra li taqbel – "U ħafna m'huwiex ftit")

42. Kinsa mhix tindifa,
Ħasla mhix ċafċifa,
Ragħwa mhix sapun,
U banju mhux kaldarun.

43. Tlaħliħa mhix tisfija,
Tinja mhix mogħdija,
Tixriba mhix tagħsir,
U tperriċ mhux inxir.

44. Ħawt ma hux lembija,
Skiet mhux frattarija,
Indafa mhix tiżjin,
U l-ordinarju m'huwiex fin.

45. Bexxa mhix tisqija,
Samta mhix togħlija,
Ċar m'huwiex skur,
U jagħli mhux ifur.

46. Sellum m'huwiex staffa,
Raff m'huwiex xkaffa,
Kaxxaforti mhix kaxxarizz,
U stanga mhix seratizz.

47. Velestrun mhux rewwieħa,
Intiena m'hijiex riħa,
Gondlu m'huwiex vaż,
U fessej m'huwiex bassas!
(Hawnhekk jinqalgħu ħafna protesti sabiex it-taqbil jinżamm nadif. Jippruvaw il-barrama jsibu kliem ta' taqbil, u l-qabbiela tgħid: "U travu m'hux pastaż".

48. Nitfa mhix niskata,
Kera mhix miżata,
Kamra laterali mhix salott,
U katusa mhix gandott.

49. Mina mhix arkata,
Ħnejja m'hijiex blata,
Tinda mhix tamboċċ,
U ventilatur m'huwiex loġġ.

50. Gorboġ m'huwiex gabuba,
Romblu mhux lembuba,
Ganċ mhux granpun,
U msella mhix splengun.

51. Serrieq m'huwiex mannara,
Garża mhix tajjara,
Imxarrab mhux mismut,
U żennuna mhix lembut.

52. Nemusa mhix dubbiena,
Ġurdien m'huwiex wirdiena,
Kelb mhux qattus,
U żibeġ m'humiex redus.

53. Baqqa mhix qurdiena,
Nieqa mhix benniena,
Saqqu mhux strapontin,
U pranzu mhux festin.

54. Zukkariera mhix zalliera,
Kenur mhux spiritiera,
Xiwi mhux tisjir,
U xaħam mhux butir.

**55. Ħarqa mhix fisqija,
Magħmudija mhix quċċija,
Skufja mhix kappun,
U ilma fietel mhux misħun.**

**56. Dielja mhix kannizzata,
Ċoff mhux ingravata,
Fardal mhux vavalor,
U trabuxu' m'huwiex timpior.**

**57. Żwieġ mhux għerusija,
Dota mhix bjankerija,
Tfarfira mhix toghrik,
U bħura mhix tberik.**

**58. Qafas mhux gabjetta,
Stanga mhix ganġetta,
Għattuqa mhix serduq,
U min inaqqar le ma jduq.**

# IL-LEĠĠENDA TAL-IMPUXI F'BORMLA

**Angelo Dougall**

**Xi snin ilu kont smajt leġġenda f'Bormla li ftit tassew huma dawk li donnhom semgħu biha. Se nirrakkuntaha kif kont smajtha minn għand patri xiħ Tereżjan fil-kunvent tagħhom ta' Santa Tereża f'Bormla u qrib il-kamra fejn kien ġara l-każ tal-imsejken "Impuxi", li kien strangulat, jew fgat, mill-idejn goffi tal-manigoldi, pulikarji. żbirri, u paladini (*bodyguards*) tal-Granmastru nnifsu ta' dak iż-żmien. Dawn kellhom arja wisq kbira waqt li kienu jkunu jakkumpanjaw lill-Granmastru.**

Kien x'kien dan l-Impuxi ma nafx, u lanqas naf x'kien għamel biex mar jistkenn fl-immunita' tal-knisja u tal-kunvent ta' Santa Tereża. Mid-dehra, kien bniedem aħrax u mqareb; imma suppost li kemm il-knisja u kemm il-kunvent kienu jgawdu "l-immunita' ekkleżjastika".

Żmien ilu (daqs tliet mitt sena u fuqhom sewwa), il-ġnien tat-Tereżjani f'Bormla kien akbar, u fih kien hemm belveder li kien iħares fuq dik id-daħla ta' baħar ta' bejn il-Maċina fl-Isla, u l-Birgu, ngħidu aħna fejn illum hemm l-istatwa ta' Sant Elija. Minn dak il-belveder il-patrijiet kienu jistgħu jitgħaxxqu fis-skiet b'dik il-panorama majestuża.

**IL-LEĠĠENDA**

Mela darba waħda l-Gran Mastru, imdawwar bil-paġġi, kavallieri, paladini, żbirri, eċċetra eċċetra kien għaddej mal-moll fi triqtu lejn il-Birgu, meta dan l-Impuxi (forsi laqmu tnissel mill-kelma "nibex"?) telaq b'ġirja għall-belveder u minn hemm beda jagħti xebgħa tgħajjir lill-Granmastru, lill-kavallieri, u lil dawk kollha li kien hemm madwaru. Il-Granmastru u l-kavallieri ma felħux għal dik ix-xebgħa tgħajjir u nsulti, u xi kavallieri u paladini marru b'rabja u furja fuqhom, sfrundaw il-bieb tal-kunvent, daħlu għalih ikissru, u addio l-immunita'. Sabuh, lill-imsejken Impuxi, jistaħba fil-kamra tiegħu, u wara li sfrakassawh bid-daqqiet u x-xebgħa li tawh, safa minnhom strangulat (fgat) mill-idejn goffi tal-paladini. L-Impuxi ġie maqtul fil-post. Il-kamra għadha sallum magħrufa bħala l-kamra tal-Impuxi; l-ewwel kamra fuq il-lemin int u tiela' t-taraġ għall-kunvent.

Naturalment, saru wara ħafna protesti, appelli u kontrappelli, u saħansitra l-każ wasal Ruma għand il-Papa; ...imma daqshekk naf! U naf biss li kont inkun għaddej fil-qrib ta' dik il-kamra u kont inħoss bħal tkexkix niftakar f'dik il-ġrajja kiefra u vjolenti.

**© Angelo Dougall**



**Il-kunvent ta' Santa Tereża f'Bormla**




## Għana Malti fil-Kanada

Nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju, 1971, fis-sala tal-*Maltese Canadian Society f'Dundas Street*, Toronto, saret serata ta' għana Malti. Għannew, fost l-oħrajn, in - Namru, Skalambja, u Ħandrulla; Karmnu Fenech, il-Puta, kien il-Prim. Johnny Catania ppreżenta s-serata. Il-kumitat organizzattiv, peress li kien jaf li jien ninqala' għat-tpinġija u d-disinn, kien talabni nfassallu daqsxejn ta' poster biex dan ikun jista' jitqassam fost id-dilettanti tal-għana biex jgħarrafhom bis-serata. Ir-riżultat hu dak li qegħdin taraw hawn fuq – *poster* magħmul kwazi erbgħin sena ilu – meta jien kont immigrant il-Kanada.

**Angelo Dougall**

# IS-SENGĦA TAL-PARRUKKIER

**Ġużi Gatt**

**It-tagħrif li ġej, fuq is-sengħa tal-barbier, jew tal-parrukkier, ġbartu bis-saħħa ta' Mikiel Saliba, raġel dħuli u minn tagħna li fi żmienu kien armat bil-ħanut faċċata ta' Triq Diċembru 13, il-Marsa. Meta kellimtu jien, nhar is-Sibt 20 ta' Marzu, 2010, Mikiel kien jgħodd disgħa u tmenin sena.**

"Fi żmieni", qalli Mikiel, "is-sengħa kont tiritha jew titgħallimha m'għand min hu diġa' tas-sengħa. Missieri fetaħ dal-ħanut li qegħdin fih fl-1900, u jien, meta kont għadni daqsxejn ta' tifel, kont immur fil-ħanut nagħtih daqqa t'id. Tant kont għadni żgħir li dak iż-żmien kien hawn kaxxi tal-ħalib ngħidulhom tat-Toby, u jien kont nitla' fuq waħda minnhom biex inlaħħaq mal-klijenti. Missieri kien iqabbadni, daqqa nissapna bis-sapun il-leħja ta' xi ħadd, daqqa jagħtini naqta' biċċa xagħar, imbagħad naqta' biċċ'oħra, imbagħad nagħmel xi barbetti, u nibqgħu sejrin hekk sakemm jien inkun drajt is-sengħa kollha".

Mikiel insista miegħi li hu kien "parrukkier". "Barbier" hu dak li jqaxxar il-leħja. Parrukkier hu dak li jaqta' xagħar. Tkellimna fuq il-kelma "titqarweż". Qalli li ħafna nies, l-aktar fl-irħula, kienu jitqarwżu, jiġifieri jaqtgħu xagħarhom qasir mad-dawra kollha, bil-makkinetta Nr. 1 jew Nr. 2. Kien hemm min, anke dak iż-żmien, qalli Mikiel, li kien iqaxxar xagħru QARABASILI, "u kien ikollna biċċa xogħol iebsa għax konna nqaxxruhielu bil-MUS". Imma biż-żmien, l-aktar fl-ibliet, in-nies kienu jridu jaqtgħu xagħarhom BL-ISTIL. Kienu jgħidulek aqtagħhieli LA INGLIŻA. Din kienet l-aktar qatgħa xagħar komuni: qasira minn kullimkien, konna ngħidulha "bħal tal-Mużew", imma bil-ĠUMMIENA, jew troffa xagħar quddiem. Oħrajn kienu jriduha L'AMERIKANA: minn fuq qasir, u fil-ġenb xejn, kważi mqaxxar għal kollox. Imbagħad kien hemm qatgħa xagħar LA TALJANA. Din kienet tkun aktar eleganti, bil-maxta, bil-ferq, bil-barbetti, bil-*Brylcream*, u hekk".

Fl-irħula, in-nies kienu aktar jużaw il-kelma XUXA. Kienu jgħidu "xuxtek", mhux "xagħarek".

**L-GĦODDA**

Ejja nibdew bit-tqaxxir tal-leħja. "Il-leħja kienet titqaxxar bil-MUS, u għall-mus kellna l-MEJLAQ biex insinnuh fuqu; imma kellna wkoll il-FERLA jew FERLIJA. Il-ferla kienet biċċa mill-qalba tax-xitla li wkoll tissejjaħ "ferla" (*Ferula communis*) li kienet tinqata' u titfassal fiċ-ċatt, tindilek bi dlik apposta li konna nsejħulu PASTA, qisha ċikkulata, u tintuża biex ngħaddu l-mus fuqha biex jinsann. Il-ferla kienet tiekol ferm inqas mill-mejlaq, allura kienet tintuża aktar spiss; kuljum. Barra minn hekk, imdendla mal-ħajt, il-barbier kien ikollu il-ĠILDA (bl-Ingliż jgħidula *stropp*). Billi x-xifer tal-mus jitgħawweġ għax ikun fin ħafna, biex nerġgħu niddrittawh f'postu konna ngħadduh fuq il-ġilda, li tkun ċatta u mqabbda mal-ħajt".



**Mejlaq, Mus, u Ġilda mdendla mal-ħajt.**

"Jien niftakar żmien" qalli Mikiel, "li lanqas sapun tal-leħja, jew pinzell tal-leħja ma kien hawn. Kellna bħal fliskatur żgħir tax-xaqquf, li kien ikollu żewġ faldi, waħda minn fejn iżżommu, u l-oħra magħmula nofs tond, biex ikun jista' jiddaħħal mal-għonq taħt geddum il-klijent. L-ilma jkun fin-nofs, u fil-ġenb ikun hemm post fejn tqiegħed biċċa sapuna. Kont ixxarrab idek fl-ilma, togħrok is-sapuna mas-swaba' tal-id, u tissapna, b'idek, is-sapun ma' wiċċ il-klijent. M'għandniex xi ngħidu, trid tagħmel il-mishun, ħalli l-klijent ma jħossx l-ilma kiesaħ."

Il-barbier jibda jqaxxar il-leħja bil-mus. Quddiemu jkollu l-WIDNA TAL-LEĦJA – bħal rota żgħira tal-lastiku, imqiegħda fuq *stand* tan-*nickel*, u fuq il-widna jkun hemm biċċa karta. Il-barbier iqaxxar il-leħja, u jimsaħ ir-ragħwa tas-sapun minn mal-mus fuq il-karta li tkun fuq il-widna. Meta jlesti, il-karta titneħħa u tintrema bir-ragħwa b'kollox. Wara li jqaxxar il-leħja bil-mus, il-barbier ried ilaħlaħ il-wiċċ, jixxuttah bix-xugaman, u jxappap it-terra bil-MOPPA. Il-moppa kienet bħal mopp żgħir li jintbill ġo kontenitur tan-*nickel* mimli bit-terra, u mbagħad jingħadda fuq wiċċ il-klijent. Aktar tard, tas-Sanita' iddeċidew li jżomm l-użu tal-moppa, peress li din kienet tintmess ma' wiċċ kulħadd – u daħlet minflokha il-POMPA tat-terra, li kienet itajjar it-terra permezz ta' minfaħ żgħir li l-barbier kien jagħfas b'idu".

"Lil dawk li kienu jiffavoruk b'xi *tips*, kont tagħmlilhom ftit ĦALL – *vinegar*



**Friskatur tat-tqaxxir tal-leħja**

*di tualette* - ma' wiċċhom L-oħrajn li ma kinux iħallsu, kien ikollhom jikkuntentaw bi ftit PERMANGONAT, minn dak il-vjola, mħallat mal-ilma, bħala diżinfettant." "Niftakar ukoll", qalli Mikiel "għamla ta' ġebla, jew ħaffiefa, li konna nsejħulha ALLUME (*allume di Rocca, alum block*). Konna nxarrbuha fl-ilma, u ngħadduha mal-wiċċ bħala diżinfettant, u biex twaqqaf id-demm minn xi qatgħa żgħira li setgħet saret bil-mus tal-leħja." Interessanti li Mikiel, u barbiera oħra antiki li tkellimt magħhom, kienu jafu l-isem bil-Malti għal din l-allume - XEBB IL-ĠMIEL – isem li jagħtih anke Vassalli fid-dizzjunarju tiegħu. Kemm dil-kelma kienu jafuha mill-ħajja ta' kuljum, u mhux minn xi dizzjunarju, joħroġ mill-fatt li wħud minnhom kienu konvinti li l-isem kien "xebb il-ġmied" – għax hekk kienu jafuh. Biex inkunu għidna kollox, l-isem sewwa x'aktarx li hu XEBB L-IĠBIEL. Bil-Malti, "*alum*" hu "xebb".

"Kien hawn min ma kienx iqaxxar il-leħja, imma kien iħalli d-DAQNA (sħiħa); jew iħalli daqna "bħal ta' Neruni" – jiġifieri jqaxxar taħt imnieħru biss; oħrajn kienu jqaxxru l-leħja imma jħallu l-mustaċċi - Il-mustaċċi ġieli kienu jkunu twal ħafna u fit-tarf jindilku biċ-ĊIROTT – dlik apposta biex it-trufijiet ikunu jistgħu jimbarmu għat-tond; jew kien hawn min ikollu mustaċċi żgħar u jħalli DUBBIEĦA – pinzell żgħir ta' xagħar taħt ix-xoffa t'isfel". Ħafna nies li tkellimt magħhom kienu jafu dil-kelma bħala "dubbiena", imma Mikiel qalha fil-verżjoni t-tajba: "dubbieħa".

U l-barbetti? "In-nies li kienu fis-servizzi ma setgħux iħallu barbetti twal, allura kienu jħalluhom qosra. Imma ħaddieħor ma kienx ikollu dil-problema. Dawk in-nies li llum nafuhom bħala "regettiera", imma li fi żmieni kienu jissejħu "reguttara", kellhom ħabta jħallu l-barbetti twal ħafna, biex jintagħrfu. Kont tara wieħed bil-barbetti twal ħafna kont tgħidlu: "Int reguttar?" u kien jgħidlek "Iva!"

Il-barbier ta' dari kien ikollu wkoll ħafna kaxxarezzi – bħal garżelli żgħar – li fihom ċerti klijenti kien ikollhom il-mus, l-imqass, il-moxt, u x-xugaman tagħhom u, aktar tard, pinzell tal-leħja wkoll. Dan kollu biex ma wiċċhom jew ma' xuxthom ma jintmess xejn li jkun mess ma' ħaddieħor. Jiġifieri ara x'biċċa xogħol kellu l-barbier" qalli Mikiel, "U dan kollu għal sold u nofs jekk iqaxxar il-leħja, jew tliet karnijiet jekk bil-qatgħa xagħar ukoll."

Hawnhekk staqsejt lil Mikiel jekk qattx sema' b'dik iċ-ċagħka li jingħad li kienet tiddaħħal f'ħalq il-klijent biex il-barbier ikun jista' jqaxxarlu l-leħja. Mikeil qalli li kien sema' bil-biċċa, imma ma seta' qatt jemminha. "Ejja ngħidu hekk," qalli Mikiel, "f'dal-ħanut qatt ma daħlet. U ma naf l-ebda barbier li kien jagħmel ħaġa bħal din."

**IL-QATGHA XAGHAR**

Għal qtugħ ix-xagħar, l-għodda kienet: L-IMQASS TAD-DENB, MOXT irqiq tal-għadam, il-MAKKINETTA TAL-MOLLA, No. 0, 1 u 2, pompa tat-terra, il-PJUMMIN - pinzell li nfarfru bih, MERA żgħira biex lill-klijent turih in-naħa ta' wara. XKUPILJA għat-tfarfir. Flixkun tan-nickel mimli bl-ilma biex tbixx fuq ras il-klijent qabel il-maxta.

L-għodda kienet tinxtara l-aktar minn għand **Frank's**, tal-Belt, u mhux il-barbiera u l-parrukkiera biss kienu jixtruha. Ħafna nies kienu jqaxxru l-leħja d-dar, u kien ikollhom l-imwies tagħhom. Meta l-mus ma jibqax jaqta', kienu jmorru bih għand il-barbier biex isinnulhom. Ġie li l-barbier kien jiġbor l-imwies u l-imqassijiet li kienu joħdulu n-nies u jagħtihom lil xi ħadd tas-sengħa u li jkun magħruf li jsinn tajjeb. Fost dawn jissemmew ċertu wieħed "Il-Ħoxx" minn Ħal Qormi, u ieħor jgħidulu "Ġużè' Ċiċra" (ara l-artiklu *Il-Parrukkier*, fl-Imnara Nru. 11, 1988).

**AFFARIJIET OHRA FIR-RAS**

"Meta kien jiġi biex jaqta' x-xagħar" qalli Mikiel, "il-barbier kien isib ħafna



**Flixkun tan-*nickel* biex tbixx l-ilma fuq ras il-klijent**

affarijiet oħra fir-ras ta' wħud mill-klijenti, mhux xuxa biss. Minbarra l-brieghed u l-baqq mal-ħwejjeġ, xi nies kien ikollhom il-qamel u s-subien f'rashom". Dawn suppost li kellu jieħu ħsiebhom il-klijent stess, imma l-barbier ġie li kien mitlub biex jieħu ħsieb xi affarijiet aktar problematiċi minn hekk – ngħidu aħna – il-ĦŻIEŻ (*ringworm*).

Għall-ħżież il-barbier kien jaqsam ħarruba nejja, ħadra, mit-tul tagħha, u jagħfasha fuq il-ħżieża. U l-ħżieża kienet tmur.

"Id-DUDA ma kinetx daqshekk faċli biex teħles minnha. Għad-duda kien hawn il-IODEX (ingwent). Konna nidilku minnu fuq il-ferita u nistennew u naraw. Jekk ma jweġibx u l-ġerħa ma tfiqx, konna nagħmlu l-ACTU TAL-ĦALL u l-klijenti tghidx kemm kienu jgħajtu – ghax dak jaħraq. Imma aħraq illum, aħraq għada...meta konna nittawlu u naraw bħal xagħar isfar fin rieġa' tiela' minn mal-qurriegħa konna ngħidu: "Kollox sew! Fejjaqniha!"

"In-nies kien jbatu minn ħafna FELUL. Ma kinux jafu l-felul biex jiġi – minn kien jgħid bl-inkwiet; min kien jgħid bil-ħmieġ; imma jiġi biex jiġi, xi wħud kienu jsaqsu lill-parrukkier jekk jafx jagħmel xi ħaġa biex ineħħihom".

"Ġie li smajt min jgħid li biex tneħħi l-felul trid tidlek il-lgħab tal-bebbux, imma ma nafx – qatt ma ppruvajtha dik. Għall-felul ġie li konna nużaw minn dak l-aċtu li jdewbu d-deheb bih. Konna naħarqulhom il-felula bih."

**IX-XAGĦAR TAN-NISA**

Mikiel hu tal-fehma li n-nisa Maltin ta' dari, speċjalment dawk tal-irħula, kienu sempliċement iħallu xagħarhom jitwal, u ma kinux joħorġu jaqtgħuh barra d-dar. Kienu jagħmlu xi toppu, jew jagħmlu malju u jdawruh ma' rashom b'ċertu gost. Il-ħwienet għal qtugħ ix-xagħar tan-nisa kienu biss lejn l-ibliet, l-aktar il-Belt u Tas-Sliema. Meta mara kienet taqta' xagħarha, ma kinitx ħaġa kbira li ssib lil xi ħadd jgħajjarha "Xantusa". Ix-Xantusi kienu dawk in-nisa kantanti li kien ikun hemm f'ċerti ħwienet il-Belt. Ftit ftit, l-aktar minn wara l-Gwerra 'l hawn, xi nisa tgħallmu jaqtgħu ix-xagħar, u kienu jilqgħu għandhom nisa oħra fil-privatezza ta' darhom. In-nisa tar-raħal kienu jkunu jafu li "t-talija taqta' xagħar", u kienu jmorru għandha. Imma fl-ibliet, Mikiel jiftakar li l-aktar moda komuni kienet li n-nisa jaqtgħu xagħarhom *La Bebe*, stil li jixbaħ lil dak ta' *Lisa Minelli*. Stil ieħor kien jissejjaħ *Shinger*. Mis-snin ħamsin 'il hawn, id-dinja mbidlet, u daż-żmien in-nisa jonfqu flejjes kbar biex jaqtgħu u jsebbħu xagħarhom.

**FWIEĦA U DLIK FUQ IX-XAGĦAR**

Biex ikollna daqsxejn ta' perspettiva fuq l-affarijiet irridu nsemmu l-fatt li l-BRILLANTINA dehret għall-ewwel darba fid-dinja fl-*Exposition Universelle* li saret f'Pariġi fl-1900. Kien ħoloqha il-Franċiż *Eduard Pinaud*. Il-BRYLCREAM inħoloq minn ditta f'Birmingham, l-Ingilterra, u ħareġ l-ewwel darba fl-1928.

Minbarra l-*Brylcream* u l-Brillantina *Linetti*, Mikiel jiftakar lista qasira ta' prodotti tal-fwieħa u dlik fuq ix-xagħar li kienu jidħru f'Malta ta' qabel il-Gwerra: *Cussons, Adam & Eve, Yardley, Pompea*. "Kienet komuni wkoll dik li konna ngħidulha "Fwieħa tal-Vjoli" qalli Mikiel.

Mikiel kien tal-fehma li l-Maltin kienu jitgħallmu s-sengħa tal-parrukkier minn xi Taljan li jkun armat f'Malta; x'aktarx il-Belt. L-ewwel jidħlu lavranti miegħu mbagħad jitilqu u jiftħu għal rashom. Il-ħabib tiegħi Steve Borg qalli li minn tiftix li għamel hu jidher li l-awtoritajiet Ingliżi kienu disposti li jagħtu l-permess li xi Taljan biex jiġi jaħdem Malta l-aktar jekk ikun xi DULĊIER jew PARRUKKIER, għax kienu jħossu ċertu nuqqas ta' nies bħal dawn. Mikiel jiftakar lit-Taljan li kellu ħanut il-Belt bl-isem ta' MEROLA. "Dan Merola għallem ħafna nies li mbagħad fetħu għal




**Riklam bikri tal-Brylcream**

rashom. Niftakar ukoll lill-Malti Guzeppi Fenech. Barbier ieħor magħruf, fi *Strada Mezzo Di*, kien Amante. Kien hemm ukoll Karmenu minn-naħa ta' tal-Karmnu, l-Belt."

**KWALITAJIET TA' XAGĦAR**

Staqsejt lill Mikiel fuq l-ismijiet ta' kwalitajiet ta' xagħar differenti: "Meta x-xagħar ikun lixx ħafna konna nsejħulu MOGĦŻI, jekk ikun nnukklat irqiq ngħidulu xagħar IMFELFEL (*frizzly hair*), jekk ikollu ħafna mewġ insejħulu MĠIEGĦED (*wavy*), jekk ikollu ftit aktar nokkli jkun INNUKKLAT. Hawn xagħar ISWED, hawn xagħar ISFAR jew BJOND, hawn xagħar QASTNI – jiġifieri minn lewn il-qastan: kannella skur, u hawn xagħar AĦMAR ukoll. M'għandniex xi ngħidu, hawn xagħar GRIŻ u xagħar ABJAD."

Ma' dan nistgħu inżidu li x-xagħar jista' jkun ĦAFIF (*thin*) jew FOLT (*thick*). Jista' jkun MIĠBUD jew IMDENDEL, MIMXUT jew IMĦABBEL, XOTT jew ŻEJTNI. Meta x-xagħar ikun mħabbel b'mod li meta tomxtu ssib li jkun kollu għoqiedi nsejħulu xagħar IMSEBBEL. Xagħar IMQANFED ikun bħal tal-qanfud – forsi magħmul hekk apposta bil-ġell! U llum jista' jkun ukoll ISSETTJAT, għalkemm jekk ma toqgħodx attent tista' ssib li minħabba l-*blower* għandek ħafna xagħar MAĦRUQ.

Agius De Soldanis, fil-ktieb tiegħu *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fomm tal Maltin u Ghaucin*, 1750, kien ta t-tifsira tal-kelma FELFULA. Qal li din kienet żewġ beżbużiet innukklati rqiq li n-nisa kienu jħallu mdendlin fuq ġbinhom. Qal, imma, li dil-ħaġa kienet issir "qabel żmienu".

**KURŻITAJIET**

Barbier u Ħajjat:

Hu fatt magħruf li dari, l-aktar fl-irħula u f'Għawdex, il-barbier/parrukkier ma kienx ikollu xogħol biżżejjed biex jaqla' x'jiekol u jitma' l-familja bit-tqaxxir tal-leħja u qtugħ ix-xagħar biss. Il-barbier tar-raħal kien jagħmel xogħol ieħor fl-istess ħanut. L-aktar ħaġa komuni kienet li l-barbier ikun ukoll ħajjat. Piju Borg, ir-Regettier bil-ħanut tal-antikitajiet fi Pjazza Savina, r-Rabat t'Għawdex, qalli li Għawdex dari kien hemm barbier li kien jagħmel wkoll iċ-ċumbini tal-bizzilla fuq it-torn, ieħor kien ipitter xi veduti, u ieħor li saħansitra kien jagħmel il-kitarri tal-għana.

Hinijiet

Fl-Imnara Nru. 11, 1988, deher artiklu fuq "il-Parrukkier", miktub minn Ġużi Buontempo fuq noti li kien ħa minn għand Willie Debono, parrukkier il-Gżira. Fih kien intqal li "Dari l-parrukkier kien jiftaħ fis-sitta ta' filgħodu u jagħlaq fid-disgħa ta' fil-għaxija, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Is-Sibt kien bla ħin, għax ġie li kien idum sas-siegħa ta' filgħodu, u l-Ħadd ġie li kien joqgħod sas-sitta ta' filgħaxija. Dan kien fis-snin tletin, iżda wara ġiet liġi fejn mit-Tnejn sal-Ġimgħa jiftaħ mis-7. a.m sas-7 p.m., u s-Sibt sat-tmienja ta' filgħaxija, u l-Ħadd sa nofsinhar. Wara spiċċaw il-Ħdud."

Ħżież, duda, u felula.

Mikiel Saliba għamilli distinzjoni bejn ĦŻIEŻA u DUDA. Il-ħżieża hi dik li bl-Ingliż jgħidulha *ringworm* – infezzjoni li tiġi minn ċerti fungi li jgħixu minn fuq il-ġilda, tal-bnedmin jew tal-annimali domestiċi. Il-fungi li jikkawżaw din l-infezzjoni jistgħu jaqbdu max-xagħar tan-nies, jew mas-suf tal-bhejjem bħall-klieb u l-qtates ukoll. Dari l-ħżieża kienet ferm aktar komuni mill-lum, u minbarra t-tidwija bil-miżwed aħdar tal-ħarrub, maqsum minn-nofs u magħfus fuq il-ħżieża, l-antiki kienu wkoll jisħqu xi ħanżir l-art bejn is-swaba' ta' idhom, u jidilku kollox fuq il-ħżieża. Fil-folklor jissemma xi żejt li ġo fih kienu jitfgħu baħbuħa ħajja (cowrie), jidilku l-ħżieża biż-żejt u jgħidu:

*Ħżież, ħżieża,*<br>
*Mur għand ommok il-moqżieża,*<br>
*Nirqik, u nerġa' nirqik,*<br>
*Sa naqtagħlek l-għeruq li fik.*

Il-ħżieża tista' titlagħlek f'kull parti ta' ġismek, imma meta l-ħżieża tkun fix-xagħar tar-ras, in-nies minn dejjem kienu jħossu li din tkun iktar iebsa biex tfejjaqha. Tawha anke isem ieħor – kienu jgħidu li dak li jkun għandu d-DUDA f'rasu (*tinea capitis*), u kienu jaqgħu għall-ingwent u l-jodju li kien ikollu l-ispiżjar.

L-arblu tal-Parrukkier

Mikiel Saliba jgħid li dari, l-barbier u l-parrukkier kien ikollhom xi sinjal, imwaħħal x'imkien mal-ħajt, biex min ikun għaddej mit-triq jinduna bil-ħanut. Mhux kulħadd kien ikollu tabella bl-isem imwaħħla fuq il-bieb u, hekk jew hekk, mhux kulħadd kien jaf jaqra. Fi żmien l-Ingliżi, s-simbolu uffiċċjali tal-barbier kien arblu miżbugħ aħmar b'żigarella bajda mdawra miegħu (jew bil-kontra). Mikiel qalli li dan kien jissimbolizza "d-demm u l-faxxa". Imma ħafna drabi l-barbier/parrukkier kull ma kien ikollu mwaħħal mal-ħajt kien ikun ħadida ħierġa 'l barra u magħha kien idendel xugaman. Dan kien biżżejjed biex in-nies tinduna li hemmhekk hemm barbier.

**@ Ġużi Gatt**

**KORREZZJONI**

**Fl-artiklu bl-isem ta' IS-SENGĦATAL-BARRIERI li deher fil-ħarġa Numru 33 tal-Imnara, 2009, bil-firma ta' Charles Camilleri, naqas li jissemma l-fatt li d-dettalji tal-qisien tal-ġebel li jinqata' mill-barriera kienu ttieħdu minn artiklu tal-Perit R.J.D. Cousin li deher f' Leħen is-Sewwa tas-26 ta' Mejju, 1954. Id-direzzjoni tal-Imnara tiskuża ruħha għal dan in-nuqqas.**

# IL-ĠAĦAN TA' MADWARNA

Doris Vella Camilleri

**Il-ġibda għall-karattru ta' Ġaħan tnisslet fija fi ċkuniti mill-iskola. Ġibduni r-rakkonti tiegħu fil-kotba *Ġabra ta' Ward* ta' E.B. Vella, u l-aktar l-istorja li tolqot il-qalb Maltija, l-aktar dik tat-tfal, li hi l-ħrafa ta' meta Ġaħan, ta' tifel pjuttost ibleh u jdaħħak bi bluhitu, ġibed il-bieb warajh – kif kienet qaltlu jagħmel ommu.**

Bqajt dejjem affaxxinata minnu. Mbagħad kellha tkun il-kitba tal-folklorista Franċiża Madame Galley, mil-Lecture li għamlet fl-Università' ta' Malta (1), li spiratni nuża l-idjosinkraziji tiegħu u naġġornahom fi storja li semmejt: Min Qatlu 'l Ġaħan?, speċi ta' requiem għal dak Ġaħan ta' tfuliti li m'għadux jeżisti, qisu ndifen, fuq fomm il-poplu. Ma tantx għadek tisma' – bħal dari – l-espressjonijiet "tkunx Ġaħan", tagħmilhiex tal-Ġaħan".

Skont il-Profs. Ġuże' Aquilina (2), il-Ġaħan Malti (Ġaħnu/Ġiħna) hu l-karattru folkloristiku tagħna – hu sempliċi u ibleh, tad-daħk għall-aħħar. Infatti għadna sa llum, imqar jekk l-użu qed jonqos, nużaw l-espressjoni "tkunx Ġaħan" jew "tagħmilx bħal Ġaħan" meta nkunu rridu nfissru xi għemil stupidu jew bla sens, jew inkella ninterpretaw xi kliem litteralment bħal meta omm Ġaħan talbitu jiġbed il-bieb warajh u hu qalgħu miċ-ċappetti u telaq bih.

Fid-dizzjunarju Malti-Ingliż tiegħu (3) Aquilina jagħti l-espressjonijiet "donnu Ġaħan b'uliedu", la tkunx Ġaħan", kemm int Ġaħan!", "l-imħatra ta' Ġaħan dejjem rebbieħa", negozju ta' Ġaħan", għamilha ta' Ġaħan biex ma jħallasx dwana".

Aquilina jgħid ukoll li l-isem Ġaħan hu ta' nisel purament semitiku u għalhekk ma setax jasal għandna minn Sqallija. Madankollu studji reċenti qed jikxfu aktar il-konnessjoni lingwistika bejn l-Għarbi Sqalli u l-Malti Medjevali. U lanqas għandna ninsew ir-rabtiet folkloristiċi bejn Malta u Sqallija kif juri tajjeb Ġuże' Cassar-Pullicino (4).

Jekk wieħed ifittex fl-ewwel edizzjoni tal-istejjer ta' Ġaħan stampata bl-Għarbi fil-belt ta' Bulak fis-sena 1880 isib il-karattru ta' *Al-Khudja Nasra al-Din al-mulaħħab bi-Djuha al-Rumi* (5). Fil-fatt nistgħu ngħidu li pjuttost ittieħdu minn dak l-għadd kbir ta' stejjer tal-komiks li hi miżgħuda bihom il-letteratura tal-*Adab* sallum (6). Dan ix-xogħol wara kien tradott għall-Persjan (1299/1881) u komplew sarulu żjidiet bi stejjer oħra orġinali Għarab u Persjani Medjevali.

Ta' nteress kbir f'din il-ġabra hu l-fatt li minn ġabarhom ma ħa xejn mill-ħazna ta' stejjer ta' *Djuħi*, il-Ġaħan Persjan. U hija ħasra li dawn l-istejjer Għarab u Persjani li ddaħħlu mal-istejjer Torok qatt ma kienu miflijin għall-oriġini vera tagħhom minn studjużi tal-letteratura.

Madankollu jibqa' l-fatt li isem *Nasreddin Hoga* baqa' jissemma u jixtered mal-imperu Ottoman kollu tant li ħadd ma ra l-bżonn li jfittex l-oriġini tiegħu. U ġara li kull storja Ġaħnija kienet tiġi dritt attribwita lil Ġaħan *Nasreddin* tat-Turkija. B'hekk il-kollezzjoni jew ġabra Torka ta' *Nasreddin* kifset dawk ta' Ġaħan Għarbi.

Dan japplika biss għal dawk l-istejjer ta' dak iż-żmien li nkitbu fuq dan il-karattru matul iż-żminijiet f'ġabriet tradizzjonali. Meta nqisu l-għadd kbir ta' stejjer li jingħadu bil-fomm, hu diffiċli ħafna biex insibu tarf tas-sors vera tagħhom. U għalkemm dawn l-istejjer bla għadd ta' *Nasreddin*, li huma tant popolari fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani, qegħdin fuq fomm kulħadd, xorta waħda r-riċerka fuq dan il-karattru qisha mietet għalkollox. Donnu l-poplarita' kbira tal-karattru buffu u divertenti ta' *Nasreddin* ħonqot kull xewqa u rieda li jsir tiftix serju fuq l-oriġini tal-istejjer inxerrdin mal-Lvant kollu.

Kull riċerka fuq dan il-karattru li saret fit-Turkija biex tkun stabbilita l-oriġini tiegħu, jiġifieri fejn tibda u fejn tispiċċa l-qagħda tal-karatteristika Ġaħnija tiegħu fl-Afrika ta' Fuq u fit-Trukija. Sfat fix-xejn.

Ir-riċerkaturi tal-Punent dejjem ħelsuha ħafif u qatgħuha li dan il-karatturu mhux għajr karattru umoristiku ġej mill-Lvant u jdaħħakna b'mod filosofiku. U waqfu hemm.

Mid-dehra, l-Eġizzjani, minn dawn iż-żewġ karattri – *Nasr al-Din* u *Djuha* (Ġaħan) għamlu karattru wieħed – iżda fl-Eġittu jsibuh bl-isem ta' *Ġoħa*. Fis-Sudan jisejjaħ *Jawha* jew *Djoh'a*, u ismu dejjem jiqsar iżjed ma nersqu lejn il-Punent tal- Mediterran.

Fi gżiritna wasal bħala Ġaħan u, għalkemm l-istejjer fuqu m'humiex ħafna, xorta tajnieh isem li hu frott tal-ilsien uniku tagħna, differenti minn ta' pajjiżi oħra.

Il-Ġaħan ta' Malta huwa tifel fqir, qargħi, pjuttost għażżien u dejjem orfni minn missieru. In-nies tħobbu għax titħassru u, għalkemm jgħix xi ftit jew wisq emarġinat, xorta hu għaqli bizzejjed biex joħroġ minn kull tfixkil li jsib ma' wiċċu. Hu l-karattru li jasal sax-xifer iżda b'kutrumbajsa waħda jerġa' jiġi f'postu.

Fl-istess ħin ruħu hi dik tal-poeta – iħossu tant ħaġa waħda mal-ħmar tiegħu li jasal jgħid, "Tant ngħix ħaġa waħda mal-ħmar tiegħi li kultant naħsbu li hu jien." U jkellem lill-ħmar bħallikieku xi ħabib tiegħu.

Hemm studjużi li jinsistu li *Ġoħa* mhux ħlief l-isem Għarbi tal-*Mulla Nasreddin Hodja* tat-Turkija. Minbarra dan, fit-Turkija nsibu xi stejjer fuqu li nkitbu jew inġabru fi żmien ir-renju tal-Mongolu *Taymour Kank* li kien jgħix 150 sena wara




*Nasreddin*. Iżda l-fatt hu li l-isem *Ġoħa* jidher ħafna qabel dak ta' *Nasreddin Hodja* fil-letteratura Eġizzjana tas-seklu 9, waqt li t-Torok jgħidu li l-karattru tagħhom kien jgħix fis-seklu 13.

L-ewwel referenza li nsibu miktuba li tgħaqqad l-istejjer ta' *Djuħa* ma dawk ta' *Nasreddin* kienet meta nkitbet ġabra minnhom fis-seklu 19.

L-ewwel kollezzjoni magħrufa kienet dik stampata fil-belt ta' Bulak (1256H/1840AD) miktuba bit-Tork. Terġa', din kienet xi ftit differenti mill-edizzjoni ta' Istanbul (1253H/1837AD) li nqalbet għall-Għarbi iżda b'ħafna żjidiet. Minn ġabar il-kollezzjoni ma nafux. Imma nafu li żied xi mitt storja oħra li hu stess addatta mil-Letteratura Għarbija tal-*Adab* taż-Żminijiet Medjevali. Dawk l-istejjer ma kinux stejjer ta' Ġaħan tal-Afrika ta' Fuq, ta' dak li jingħad li hu l-prekursur ta' *Nasreddin*.

Fil-fatt, sa mill-bidu hemm stejjer marbutin ma' Ġaħan li huma kemm oġġezzjonabbli u kemm anti-femministi. U ħadd qatt ma lmenta minn dan l-aspett negattiv tagħhom! B'għaġeb kbir, l-istejjer baqgħu jingħadu, jinqraw, u jinqalbu minn lingwa għal oħra bla ebda restrizzjoni.

Jekk inwarrbu l-istejjer skabrużi fit-tradizzjoni Torka tan-Nasreddin, li m'humiex ftit, nistgħu ngħidu li bis-saħħa u l-popolarita' kbira tiegħu, Ġaħan baqa' ħaj tul iż-żmien kollu mhux biss fil-Lvant Nofsani iżda wkoll fil-pajjiżi tax-xtut madwar il-Mediterran.

(1) Ara wkoll **Galley M.** "A Medterranean Hero", *Journal of Maltese Studies*, Nr. 7, 1971

(2) **Cassar Pullicino, J.**, *Introduction to Maltese Folklore*, 1947, Pg. 30.

(3) **Aquilina, J.**, *Maltese-English Dictionary*, 2 volumi, Malta 1987-90.

(4) **Cassar Pullicino J.**, Studies in Maltese Folklor, 1992, Pg. 77

(5) It-Torok għandhom karattru magħruf bħala *Nasr id-Din Khodja* li l-għemejjel tiegħu jixbħu lil dawk ta' Ġaħan. It-Torok stampaw l-istejjer tiegħu bit-Tork, imma l-ewwel edizzjoni stampata bl-Għarbi, li ħarġet fl-1880, kienet iġġib l-isem ta' *Nawadir al-Khodja Nasr al-Din al-mulakkab bi Djuha al-Rumi*, li tfisser "*Ir-Rakkonti fuq Hoġa Nasr id-Din imlaqqam bħala Ġaħan ir-Rumi*". Minn dak iż-żmien lil Nasr id-Din u lil Ġaħan bdew jitfixkluhom ma' xulxin, għalkemm l-istudjużi huma ċerti li Ġaħan hu ferm eqdem minn Hoġa Nasr id-Din.

(6) L-*Adab* hi kelma Għarbija li tiġbor fiha dak kollu li jagħmel lill-bniedem sofistikat, kolt, u ta' trobbija u ta' manjieri tajba skont it-tradizzjonijiet u l-idejali tad-dinja tal-Lvant. Il-kitba li titkellem fuq dan is-suġġett tissejjaħ "il-letteratura tal-*Adab*". Il-fergħa ta' din il-letteratura li hi mmirata lejn Ċikku l-Poplu tiġbor fiha ħafna stejjer minn "Elf Lejl u Lejla" kif ukoll stejjer ta' Ġaħan (jew *Ġuħa*).

© Doris Vella Camilleri

# IS-SIBILLI

**George Cilia**



**Il-pittura tas-Sibilla Persika f'waħda mill-kmamar ta' dari.**

**Min kienu s-Sibilli tal-Antik, u xi tfisser din il-kelma? Il-kelma "Sibilla" għalkemm waslet għandna mill-Latin, hi ġejja mill-Griek, u tfisser "profetessa". Il-kelma għandha parentela qadima ħafna u tirreferi għal xi oraklu mara li sa mill-qedem kont issib ġo xi tempju jew maqdes iddedikat lil xi alla pagan jew ieħor, u li kienet tiġi kkonsultata kull darba li tinqala' xi kriżi, jew kull meta s-sultan jew xi ħadd setgħani kien ikollu xi mistoqsija jew problema diffiċli xi jħoll.**

Dawn in-nisa orakli nstabu l-ewwel fil-Lvant Nofsani. Ngħidu aħna jissemmew f'kitba li nstabet fil-belt ta' **Mari** tal-qedem (illum fis-Sirja), u fil-kitba tal-Assiri. Imma kif jiġri spiss, in-naħa Semitika tintnesa, u l-kelma tgħaddi għandna minn għejun Griegi jew Latini. Għall-ewwel, meta s-Sibilli bdew jissemmew fil-kitba tal-Punent, ma kinux jingħataw isem, imma kienu jitlaqqmu ma' l-isem tal-maqdes fejn kienu jservu. Hekk tissemma is-***Sibilla Persica***, s-***Sibilla Libica***, s-***Sibilla Delfica***, s-***Sibilla Eritreana***, s-***Sibilla Samnia***, s-***Sibilla Ellespontica***, s-***Sibilla Cinmerica***, s-***Sibilla Tiburtina***, s-***Sibilla Frigia***, u s-***Sibilla Cumana***. Alessandru l-kbir jingħad li kien mar iħabbat il-bieb tas-*Sibilla Libica*, u li din ikkonfermatlu li hu kien divin, u li kellu jsir il-Farawni tal-Eġittu.

Maż-żmien, l-orakli ta' dawn is-Sibilli bdew jinkitbu, u fi żmienna jeżistu 12-il ktieb li jissejħu "l-Orakli Sibillini". Hu aċċettat mill-istudjużi, pero, li dawn il-kotba nkitbu minn ħafna jdejn, u fuq medda twila ta' żmien, bejn it-tieni seklu qabel Kristu, u s-sitt seklu wara Kristu, u peress li dawn l-orakli kien anonimi, kull minn kiteb jew ikkopja l-kitba, sew jekk kien Pagan, Lhudi, jew Nisrani, żejjen il-kitba kif xtaq hu. L-Ewlenin Insara jidher li nnamraw ma dawn il-kitbiet profetiċi, tant li Celsus, filosfu Griek tat-tieni seklu wara Kristu li kien ħadha kontra l-Insara u kien jikkumbattihom, kien għajjar lill-Insara li kienu "wemmiena fis-sibilli". L-ewlenin Insara kienu aċċettaw il-kitbiet tas-Sibilla Tubertina bħala veritajiet ġenwini għax fihom ħabbret it-twelid tal-Messija, l-Iben t'Alla Salvatur tal-bnedmin, u fl-aħħar il-Ġudizzju universali. Fil-kitba tas-Sibilli kif waslet għandna llum, dawn jitkellmu fuq it-Torri tal-Babilonja u l-konfużjoni tal-lingwi; silta oħra hi żieda tal-Imperatur Neruni nnifsu, u kif hu għad jirritorna bħala kmandant ta' battaljun minn-naħa tax-xmara Ewfrates, immedjatament wara li jiżbroffa l-Vessuvju; u li dan jiġri bħala kastig minħabba t-tiġrif tat-tempju ta' Ġerusalemm.

### IS-SIBILLI FIR-RINAXXIMENT

Bejn is-sekli 14 sa 16, żmien ir-Rinaxximent Taljan, l-aqwa artisti reġgħu qajmu l-interess f'dawn il-persuni fl-arti skolpita jew impittra. Biżżejjed insemmu lill-famuż Michelagelo Buonarroti, bil-ħames

Sibilli li għoġbu jżid fil-kapolavur tiegħu – il-Kappella Sistina fil-Vatikan. Dawn huma l-Persika, d-Delfika, l-Libjana, l-Eritreana u l-Kumana, li b'maestrija rnexxielu jżewwiġhom mal-profeti fis-saqaf inprezzabbli li pitter. Opri artistiċi Sibellini oħra jinsabu:

* Fis-*Santa Casa* ta' Loretu, l-Italja,
* Fi gruppi fil-*Malatestiano*, tempju ta' Rimini ta' Agost Duccio,
* Il-Kappella Susetti tat-Trinita ġo Firenze, ta' Ghirlandaio,
* Fil-*Cambio* ta' Perugia, xogħol ta' Perugino,
* Xogħol fl-affresk ġo Santa Marija tal-Paċi f'Ruma,ta' Raffaello,
* Fil-*Gallaria Borghese* ġo Ruma hemm il-Cumana ta' Domenichino,
* Fil-Gallerija Uffizi ta' Firenze hemm is-Samnia ta' Guercino.

Fost il-kwadri li għandi fil-kmamar ta' dari, hemm pittura antika tas-Sibilla Persika, tant miġjuba mill-familja għax hija figura ta' xebba ħelwa, simpatika, x'aktarx kurjuża, liebsa turban ġo rasha, bil-pinna f'idha donnha lesta biex tikteb u taħseb, dejjem tħares lejn min dieħel jew ħiereġ mill-kamra, donnha għandha xi storja serja x'tirrakkonta. Familjari u ħbieb li jaslu sa darna, wara t-tislim, mill-ewwel għajnejhom imorru fuq l-inkwatru tal-Persika, u jistaqsuni jekk nafx x'hemm miktub fil-ktieb li ġġorr f'idejha. Jien immedjatament inwieġeb billi nikkwota id-***Dies Ire***, innu bil-Latin li hu maħsub li nkiteb minn Tumasu ta' Celano fis-seklu Tlettax:

Dies ire, dies illa,
Solvet Seculum in favilla.
Teste David cum Sybilla.

Bl-Ingliż din tinqaleb hekk:

*The day of wrath, that dreadful day*
*Shall the whole world in ashes lay*
*As David and the Sybil say.*

F'din l-istrofa Tumasu ta' Celano jurina l-pessimiżmu tas-Sibilli bl-aktar mod ċar, b'dan kollu nagħmlu tajjeb naħsbu fil-jum tal-ġudizzju tagħna.

**© George Cilia**






# IL-BELT COSPICUA

## ISMIJIET TA' NĦAWI U TOROQ MILL-IMGĦODDI

**Lorenzo Zahra**

**Bormla – hekk kienet magħrufa sa ma l-Gran Mastru Zondadori sejħilha "Il-Belt Cospicua". Ir-raġuni kienet għax saret tant imfittxija għall-abitazzjoni minn għad kbir ta' familji tal-ħaddiema li riedu jsibu fejn jaqilgħu l-biċċa ħobż fl-inħawi tal-Port il-Kbir.**

Dan l-isem ta' "Belt Cospicua" kien aktar popolari fi żmien il-ħakma Ingliża. Illum donnu qed jitwarrab. Għaliex ma nafx.

F'dil-kitba se nsemmi kif ċerti nħawi kienu magħrufa sa mill-imgħoddi, u li ċerti ismijiet baqgħu fl-użu, u oħrajn żdiedu maż-żmien. Jiena ġbart minn kitbiet tal-Kappillani li fl-imgħoddi kienu jduru mal-belt bil-għan li jitħarsu l-erwieħ taħt il-kura Parrokjali, magħrufa bħala "Status Animarum".

Għall-bidu ż-żjara kienet bla indikazzjoni ta' nħawi; hekk, per eżempju, fl-Isla nsibu biss il-lokal imsejjaħ "Kwartier Nru 1, 2, eċċ. Iżda f'Bormla xi nħawi kienu diga' jġibu isem jew laqam. Imma bla dubju, l-ismijiet ingħataw formalment lit-toroq tagħna fi żmien il-ħakma Ingliża.

Għall-bidu Bormla kellha l-Kwartier "tal-knisja", dak "tal-kurċifiss", u l-inħawi "tal-oratorju". Kien hemm it-toroq: "Strada Zucchero, Strada della Dighira, Strada Gibja, Ta' Lhud, u Strada Tal-Pirwiel (?), tal-Mictitin, ta' Matzzin, ta' Carletti, ta' Graziulla, ta' Demarco, ta' Roina.

Wara nsibu ismijiet ta' qaddisin f'diversi toroq: Strada Santa Elena, **Santa Teresa, Santa Maria, San Giorgio, San Andrea, San Michaele, Santa Margherita, San Rocco, San Francesco, San Lazzaro, u San** Felice.

San Pawl kellu Strada Reale San Paolo, u Vallone San Paolo. L-inħawi ta' Santa Liena kellhom il-wied magħruf bħala Vallone Santa Elena.

Kien hemm inħawi oħra li kienu qrib postijiet ta' difiża: ta' Fortini di Formosa, Fortini Sant Antonio, Fortini del CapoMastro, u Fortini della Cottonera. Kien hemm Strada del Castel Nuovo, Strada della Torre della Guardie, Strada del Bastione, Strada del Fosso, Strada Verdala, u Strada Cottoner. Strada San Francesco di Paola kienet qrib is-sur li safa maħtut meta saru l-baċiri.

It-toroq li jmorru lejn bnadi oħra kienu: Strada Porta Zabbar, Strada Porta Senglea, u Strada Porta Cospicua. San Ġwann t'Għuxa kien imsejjaħ San Giovanni l-Elemosiniere. Billi kien hemm mitħna, dawn l-inħawi kienu jissejjħu Strada del Molino al Vento di San Giovanni Elemoisniere. Nifhem li ssemmew hekk għax fl-inħawi ta' Santa Margerita wkoll kien hemm l-imtieħen: Strada Molino di Santa Margherita.

Kien hemm Via della Mammana (nifhem li kienet it-triq fejn toqgħod il-qabla), u Strada Mitlufa, Strada tar-Rokna, u Via Ta' Zbibi.

F'Bormla kien hemm ukoll l-isqaqien, imsejħa "vicoli": Hekk, qadim tassew hu l-isem "Vicolo Ta' Paguasco in Piazza dei Viveri. Vicolo Srejdek għadu jeżisti sal-lum. Vicolo Piccolo, Vicolo di Liparot, Vicolo Dolori, Vicolo Garetella, Vicolo Scoccese, u Vicolo Oratorio.

Lejn ix-xatt kien hemm: Strada Marina, Strada Manderaggio vicino l'Arsenale, u Strada Grinualdi – fejn nifhmu li kien hemm xi ħoloq fejn jorbtu x-xwieni.

Il-ħakma Ingliża ġabet sistema li t-toroq ikollhom l-ismijet. Sa mill-bidu tas-seklu XIX it-toroq ingħataw laqam, isem jew kunjom ta' xi wħud prominenti fl-inħawi: Hekk insibu Strada Ta' Cordina, Ta' Gafa', Ta' Gelfu, Ta' Bongiorno,, Ta' Edwardo, Ta' Nelson, Ta' Alessandru, u Tal-Pittur Barbara.

Insibu oħrajn bl-ismijiet Strada Leone, Strada Aquila, Strada Toro. Oħrajn b'ismijiet bħal Strada Irlandese, Brittanica, Annover, Strada Lampa delle Anime (Tal-Erwieħ), Strada Stretta, Strada Stella, Strada del Cimiterio, Strada del Giargino, Strada Sofia, Strada del Conservatorio, u Strada del Campanile.

Naturalment illum huwa faċli li wieħed jara l-ismijiet tat-toroq preżenti. Tajjeb ngħidu li fl-1940, fi żmien il-Gwerra, l-ismijiet mit-Taljan inqalbu għall-Malti. Wara, meta kellna żewġ lingwi uffiċjail, kienu bl-Ingliż u bil-Malti. Illum f'diversi postijiet insibuhom bil-Malti biss, waqt li oħrajn għadhom biż-żewġ ilsna uffiċjail – l-Malti u l-Ingliż.

**© Lorenzo Zahra**



# IL-LOGĦBA TAX-XIXU F'MALTA

**Steve Borg**

**Ħafna mil-logħob li jintlagħab fil-Gżejjer Maltin jaf l-oriġini tiegħu għal żmien il-Kavallieri. Ngħidu aħna, għalkemm il-logħba tal-boċċi tagħna għandha r-regoli tagħha, nafu li tixbah lill-*boule* li jilagħbu ġewwa Provenza fi Franza. Logħba li tidher li daħlet fi żmien l-Ingliżi hija x-xixu. Aħna nafu li l-*cricket* bħala sport huwa popolari ħafna f'xi eks-kolonji tal-Imperu Brittaniku, bħall-Indja, l-Afrika t'Isfel, l-Awstralja u l-Gżejjer tal-Karibew u naturalment fir-Renju Unit. Għalkemm bdiet tintlagħab f'pajjiżna aktar minn mitt sena ilu, baqgħet popolari bejn l-Ingliżi li kienu jservu mas-servizzi. Tant li Malta saret membru fl-*International Cricket Council* fl-1998. Il-popolin minflok addatta l-logħba tax-xixu.**

Jiena tkellimt ma' għadd ta' nies minn diversi postijiet biex niddokumenta xi varjanti tagħha, qabel ma jkun tard wisq, aktar u aktar issa li Malta nbniet u ftit huma dawk it-tfal li tara jilagħbu barra bħal dari.

**Ċensu Zahra,** Tal-Griega mill-Belt Valletta trabba id-Due Balli, ħdejn il-Fossa. "Nannti, Lela Zahra, kienet Maltija ta' Korfu. Kienet taf titkellem bil-Malti, bl-Ingliż u bil-Grieg. Kellha l-*Bing Crosby Bar* id-Due Balli stess. Dan kien magħruf għall-iswed li kien ikanta hemm. Ma kien ħadd ħlief zijuwi Nenu Tal-Griega, li kien jinżebagħ u jitla' fuq il-palk tal-ħanut waqt li n-nannu Pietru Pawl idoqq il-mużika ta' *Al Johnson* fuq il-pjanu *Wurlizter.*"

"Ix-xixu kienet logħba li nagħmlu għaliha ħafna, għaliex trid tiċċaqlaq, mhux tibqa' wieqaf. Insibu xi kaxxa tal-merkanzija u naqilgħu maxxella, injama li jużawha wkoll il-kuntratturi meta jkunu se jagħtu l-konkos. Taqbad ix-xixu u tmiddu mal-art. Sieħbi Ċensu Ta' Ġanna kien jaf imidd idejh sabiex jaħdem ix-xixu u l-paletta. Aħna lilu konna ngħidu sabiex jagħmlilna sett. Ommu kellha ħanut tar-ravjul u tat-tè il-Belt. Dejjem bin-nies. Kien hemm min minflok paletta kien juża zokk ta' siġra, iżda paletta aħjar għaliex għandha wiċċha ċatt. Bil-paletta trid toqros ix-xixu li jkun mindud mal-art sabiex dan jogħla u hekk kif ikun maqtugħ tagħtih daqqa b'kemm għandek saħħa bin-naħa ċ-ċatta tal-paletta, ħalli tbiegħdu kemm jista' jkun 'l bogħod mis-sinjal. Dan is-sinjal inkunu għamilnieh b'biċċa ġebla mal-art u kull min ikun se jilgħab ix-xixu jrid jilgħab minn mal-istess sinjal. Ix-xixu jista' jaħbatlek mal-ħajt u jerġa' lura u jweġġgħek. Hekk kif tolqtu trid tara fejn ikun mar, taqbad il-paletta u tibda tgħodd b'tulha mis-sinjal sa fejn ikun strah ix-xixu. U tgħid:

**"Għandi erbgħin qies."**

Qatt ma jkun aktar minn xixu wieħed li qed jilgħab. Hekk kif jinġabar ix-xixu, min imissu jmur mas-sinjal ħalli joqros ix-xixu u jagħti d-daqqa hu. Min iwasslu l-aktar jirbaħ. Tispiċċa l-logħba u sid ix-xixu jiġbru u u jiġbor il-paletta u jżommhom miegħu għal logħba oħra. Kulħadd kellu xixu d-dar.

**Toni Vella,** l-Burqax minn Ħaż-Żabbar jgħidli li "x-xixu logħba ta' triq kennija. Konna nilagħbuha fis-Snin Ħamsin. Fit-triq tagħna f'Ħaż-Żabbar kien hemm mastrudaxxa, Ċikku l-Piżatur, li konna mmorru għandu ngħidulu "Għandek biċċa njama għax-xixu?" U jagħtina biċċa njama tal-fagu jew tal-aħmar. Din trid tkun twila ma' xi erba' pulzieri. Xogħolna kien li nittundjawha b'raspa, u nixkatlawha ħalli nillixjaw il-ġnub. Dan nagħmluh ħalli x-xixu ikun jista' jinqaras mill-paletta, kif ukoll meta twaddbu mhux biss itir aħjar iżda ma ddaħħalx xi skalda f'idejk. Injam tal-abjad ma kienx tajjeb għaliex dak malajr jispiċċa bid-daqqiet."

**Joe Attard Tabone** mix-Xagħra, qatt ma sema' b'min lagħab din il-logħba f'Għawdex.

Mill-banda l-oħra, **Mario Gauci** mill-Belt Valletta jiftakar "meta fil-Liceo tal-Ħamrun bejn l-1970-75 ix-xixu kienet tintlagħab kull filgħodu fit-triq qabel ma nidħlu l-iskola. It-tfal kienu minn Malta kollha."

**Lino Sultana** minn Wied il-Għajn jaf regolamenti differenti għax-xixu. "Qabel ma tibda l-logħba nkunu diġa ftehmna b'kemm il-qies wieħed jirbaħ u jagħlaq il-logħba. Meta tolqot ix-xixu u tara fejn ikun wasal xi ħadd jistaqsik: "Kemm se tieħu?" Ikun qed jistaqsik kemm taħseb li għandek tul. Jekk titħanżer u tgħidlu aktar milli jirriżulta li jkun meta jitkejjel, ma tiħux qisien, u jekk tgħidlu inqas, bħal ngħidu aħna sebgħa u tletin, meta fil-fatt tkun wasalt ix-xixu erbgħin qies, hemmhekk tieħu kemm tkun iddikjarajt, u allura titlef tlieta u tieħu l-oħrajn (37). Xi drabi jirbaħ min ikun jaf ikejjel sewwa fuq għajnejh għaliex jieħu l-qisien li jkun tefa'."

Kif jiftakar il-logħba **Fredu Pulis** Ta' Pulis minn Wied il-Għajn ukoll hija b'varjant ieħor. "Ix-xixu tintlagħab bil-pari, min jattakka u min jiddefendi. Wieħed minn dawk li jattakkaw ikollu l-galetta li tkun għamla ta' kaxxa mħażża mal-ħajt. Ta' kontrik ikollhom ix-xixu. Wieħed minnhom jitfgħu b'idu minn bogħod ta' xi għoxrin pied sabiex jolqot il-galetta tiegħek, qisha l-lasta li int qiegħed tħares". "Int, li jkollok il-paletta, trid toqlot ix-xixu li jkun ġej lejn il-galetta u tbiegħdu kemm tista' bid-daqqa li tagħtih. Jekk ix-xixu jiġi milqugħ minn ta' kontrik mingħajr ma dan qabel ikun miss mal-art, mela hemm tinqala' 'barra. Jekk ix-xixu jistrieħ mal-art, jiġi jilgħab tal-paletta li jkollu d-dritt li joqorsu tliet darbiet, dejjem ibiegħdu kemm jista' mill-galetta. "Irid joqgħod attent, għaliex meta jkun qaras ix-xixu sabiex jagħtih daqqa bil-paletta, ta'

kontrih għandhom id-dritt li jkunu ħdejh, u faċilment jilqgħu x-xixu li jkun għadu kif inqaras qabel ma dan qala' daqqa ta' paletta jew jaqa' mal-art. Wara t-tielet daqqa nfila, tal-paletta jrid jiddikjara kemm il-qies se jieħu. Jitlob aktar u ma jieħu xejn. Fil-bidu tal-logħba jkunu ftehmu b'kemm il-qies tagħlaq il-logħba. Jekk ma jkollux biżżejjed qisien, ikun imisshom sħabu li jagħtu bil-paletta.
"Dawn jitilfu jekk ikunu kollha nqalgħu għaliex jew kellhom ix-xixu li jkunu tajru bil-paletta li ġie milqugħ, jew inkella l-bejta tagħhom intlaqtet mix-xixu mitfugħ minn ta' kontrihom, qabel ma leħqu għalqu l-qisien miftiehma."

Lil Ċensu Zahra tal-Griega, Toni Vella tal-Burqax u Lino Sultana, ilkoll kellimthom fl-1 ta' Diċembru 2005; lil Joe Attard Tabone u Mario Gauci kellimthom fit-3 ta' Diċembru 2005 u lil Fredu Pulis fis-7 ta' Diċembru 2005.

# Logħob ieħor tradizzjonali ġewwa Wied il-Għajn

Tkellimt ma' **Salvu Debono** minn Wied il-Għajn fit-19 ta' Novembru u fl-1 u s-7 u 9 ta' Diċembru 2005.

"Fi tfuliti, fis-Snin Ħamsin tgħidx kemm konna nilagħbu logħob barra. Fit-triq, fl-għelieqi, kullimkien għandna minn fejn nagħżlu. Tal-Kawbojs u l-Indjani, Malta Tagħna, Noli, il-qliba, Gwerra Franċiża, Ġejja l-Mewt Għalik, iċ-ċirku, il-boċċi, ix-xixu jew noħorġu bil-wadab għall-kaċċa tal-gremxul. Li trid."

Xi ħadd jgħid:

"Nagħmlu Gwerra Franċiża?"

Kif tintgħab il-Gwerra Franċiża? Ninġabru qaqoċċa. L-aktar li konna




nfittxu kienet xi għalqa mbattma lejn iż-Żonqor, inkella il-ftuħ ta' qrib il-knisja. Qabel tibda l-logħba, tnejn minnha jaqtgħu t-tokk biex jagħżlu l-hekk imsejjħa "suldati" tat-tim tagħhom. Ġieli anki konna tmienja fuq kull naħa. Nagħmlu żewġ sinjali mal-art, wieħed għal kull tim, imbiegħda aktar minn xi tletin pied, jew daqs bogħod ta' tefgħa ta' ġebla, u wara s-sinjali nsejjħulu "il-belt". Jekk tkun triq nagħmluh minn ħajt sa ħajt. Kemm kienu jgħaddu karozzi? Xejn.

Mela kull tim għandu l-belt tiegħu, li hi mgħassa mis-sinjal li hemm mal-art. Dan is-sinjal konna nagħmluh bil-ġibs jew b'xi biċċa ġebla miġbura minn ħdejna. Kulħadd jieħu postu wara s-sinjal sabiex tibda l-logħba. Joħroġ wieħed, bħala lixka, sabiex iħajjar xi ħadd mill-għadu biex joħroġ għalih. Min joħroġ l-aħħar jista' jaqbad lil kull min ħareġ qablu. Allura dan ifisser li min ikun diġa' ħareġ wara s-sinjal u ġie bejn l-ibliet, ma jistax jaqbad lil min ħareġ warajh.

Biex taqbad suldat kull ma trid tagħmel huwa li tmissu. Dak li tmiss isir priġunier u jkollu jmur fil-ħabs tiegħek. Għaliex fil-bidu tal-logħba, minbarra l-belt, kull tim ikollu l-ħabs tiegħu li fih iqiegħed lill-priġunieri tat-tim ta' kontrih. Il-ħabsijiet kienu jkunu fil-ġenb, opposti ta' xulxin u bejn iż-żewġt ibliet, aktar qrib il-belt ta' min huwa l-ħabs. Il-priġunieri jridu jistennew lil sħabhom sabiex jeħilsuhom. Dan jagħmluh billi joħorġu mill-belt u jmorru jiġru lejn il-ħabs tal-għadu u jmissu lill-priġunieri sħabhom.

Mhux daqshekk ħafif għaliex ikun hemm is-suldati ta' kontrik qed jistennew toħroġ mill-belt tiegħek u tista' tispiċċa priġunier int. Jekk tkun ħriġt mill-belt u ma tkunx tista' taqbad xi tali li ħareġ warajk, ikollok terġa tidħol fil-belt tiegħek sabiex terġa' tibda mill-ġdid. Tista' toħroġ u tidħol fil-belt tiegħek kemm il-darba trid. Il-logħba tintrebaħ meta xi ħadd jidħol fil-belt, wara s-sinjal tal-għadu u b'hekk tintemm. Mhux daqshekk ħafifa għaliex kull min ikun qiegħed jilgħab, minbarra li jattakka, ikun qed jgħasses lill-belt tiegħu. Ma tgħaddix logħba li ma jixkanax xi ħadd u jinstelaħ biż-żrar. Kien hemm logħbiet li ħadu nofs siegħa. Ikun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk wieħed intmissx jew le, jew jekk l-ieħor rifisx is-sinjal tal-belt. Din hija logħba fejn il-ħeffa tiswa aktar mis-saħħa. S'intendi, din ma tapplikax għal meta niġu fl-idejn.

Il-logħba **Malta Tagħna** konna nilagħbuha mhux biss fl-art imma fil-baħar. Insibu blata naqra maqtugħa mill-art u naqtgħu t-tokk għal min se jkun fuqha l-ewwel. Tkun m'għola dawk l-erba' filati. Wieħed biss ikun fuqha filwaqt li l-bqija jridu jitilgħu għalih, wieħed wara l-ieħor u mhux kulħadd f'daqqa. Mela jekk wieħed qiegħed iħarisha, jitla' wieħed

għalih, irid jimbuttah għal isfel u jkun waħdu fuq il-blata. Waqt li tnejn ikunu qed jissieltu, l-oħrajn iridu jistennew li xi ħadd jaqa' għal isfel ħalli min imissu jibda jissielet ma' min ikun fuq il-blata. Din logħba skabruża u fiha tista' tweġġa'. Darba jien kont tlift lil wieħed minn sensih. Fil-baħar tintlagħab ukoll. Aħna konna nilagħbu fuq ħàfa n-naħa taż-Żonqor. Kif taf sew, ħàfa hija blata fil-baħar li tkun ftit taħt il-wiċċ, tant li meta l-baħar ikun fieragħ, din tixref rasha u tiġi tidher.



**Il-wadab**

Imma logħba li nħobbu wisq kienet il-kaċċa bil-**wadab**. Il-qatgħa ta' tfal li trabbejt magħhom jien, kollha kellna l-wadab, li kien qisu parti mill-*kit* li jrid ikollok biex tkun normali. Kulħadd jagħtih l-istil personali, min bil-maqbad twil u min qasir. Immorru nfittxu xi siġra tal-ħarrub, naqtgħu fergħa b'sega inkella b'idejna u nirranġawha d-dar. Importanti li l-fergħa jkollha għaksa u tiftaħ f'għamla ta' Y. Inneħħu l-weraq, inqaxru l-qoxra bil-mus u nillixxaw xi ingroppi fil-maqbad b' xi biċċa lima jew karta tal-ixkatlar. Wara nħallu l-fergħa tinxef. Aktar ma tinfex aktar tibbies u inqas timmolla. Ikollok bżonn issib il-lasktu ta' tubu ta' tajer ta' karozza. Dan aqwa minn ta' rota għaliex ikun eħxen, aktar b'saħħtu u jdum aktar biex jispiċċa. Kont immur għand mekkanik u nitolbu biċċa li minna naqta' żewġ strixxi li se norbot mal-wadab. Qed ngħid strixxi ta' xi pied kull waħda, għaliex wieħed ried iqis ukoll it-tul li bih kull strixxa riedet tintrabat. Ikollhom wisa' ta' xi tliet kwarti ta' pulzier jew ftit aktar. Int tkun diġà sibt l-ilsien tal-ġilda ta' xi żarbun mormi. Trid tkun ġilda ratba għaliex il-ġebla jew x'se tispara bih, tinħakem ħafna aħjar. L-ilsien kien l-aħjar parti, għalkemm ġieli użajna wiċċ ta' żarbun ukoll. Il-ġilda tinqata' b'imqass f'għamla ta' kaxxa tawwalija, u tagħmlilha l-ġnub ittundjati. Mela s'issa għandna l-fergħa f'għamla ta' Y qed tinxef, u l-istrixxi tal-lasktu u l-ġilda maqtugħin. Wasalna sabiex ingħaqdu kollox flimkien.

L-ewwel trid tgħaqqad l-istrixxi mal-ġilda. Din tkun għamiltilha żewġ qasmiet, ħarira akbar mill-wisa' tal-lasktu li jkun irid jgħaddi minnhom. Hekk kif tgħaddi l-lastiku minn ġol-qasmiet li għamilt, torbot tarf kull lasktu bi spag irqiq jew ħarir u tagħmel l-għoqiedi. Kien hawm min kien juża l-passaperla. Din biż-żmien tispiċċa ddgħajjef il-lasktu bil-ġbid. Wara torbot il-lasktu mal-wadab, bl-istess spag jew ħarir. Tinsiex li l-ħarir jaqta'. Ikollok wadab mhux biex tiddandan bih iżda biex tużah. Bih tista' twaddab xi ġebla żgħira distanza twila, anki mija u ħamsin pied. Nużaw kollox biex nisparaw, mhux biss ġebel: ċagħqiet, boċċi, *ball bearings*, skorfini u, niftakar lil sieħbi jispara pum taċ-ċeramika. Darba lqat tajra safra waqt li kienet ittir u baqgħet sejra. U darb' oħra waddabt għal kuda. Jintuża l-aktar għall-għasafar tal-bejt u tal-maltemp, iz-zakak, imma l-aktar waqt il-kaċċa għall-gremxul.

Fis-Sajf żmien il-gremxul. U mmorru nfittxu l-gremxula, il-wiżgħa u x-xaħmet, u jekk tiġina tajba anki xi serp. Il-ġurati wkoll jidħlu fil-mira. Ħadd ma kien jeħlisha. Kull ma jiċċaqlaq infaqqgħu fuqu.Tarahom jilagħqu x-xemx ma' xi ħajt tas-sejjieħ jew xi biċċa blata, nersqu kemm jista' jkun qrib u kif naraw li xammitna, nagħtuha tir. Lill-gremxula nsejħulha s-sultan, għaliex hija għandha l-isbaħ ilwien mill-annimali
li jitkaxkru. Il-priża niġbruha u nżommuha ġo bott biex naraw min qabad l-aktar. Jekk ma noqtluhiex jew inferuha, li kien rari, nerġgħu noqogħdu għassa għax f'xi ħin se toħroġ. Naqbdu aktar gremxul għaliex aktar abbundanti u aktar ikunu għall-miftuħ. Konna mmorru wkoll il-Magħluq għaliex hemm iżommu l-mazzarelli minħabba li mimli ilma salmastru. Ikunu weqfin fl-arja jew jistrieħu fuq is-simar tal-baħar. Anki żrinġ ma jaħrabilniex jekk jixref rasu minn xi għadira. Mhux l-ewwel darba li l-pulizija ħadulna l-wadab, u min jaf kemm il-darba spiċċajna l-għassa. Imma konna għadna żgħar wisq. Jien kelli mat-tnax-il sena. U għalkemm jeħodhielna, kien diġa' jkollna oħra merfugħa d-dar għal li jista' jinqala'. U l-għada nerġgħu noħorġu.

Darba nkun qed indur ħdejn kamra fir-raba' lejn iż-Żonqor u nara bir battal mill-ilma, mimli terrapien. Qalb il-ġebel deherli li rajt bħal dahar ta' fekruna. Pront qbadt il-wadab u fajjart tir u ħadtha f'nofsha. Meta rajt li ma tħarkitx, ersaqt u ħarist lejha aktar mill-qrib u f'daqqa waħda ksaħt. Skoprejt li ma kienx hemm waħda iżda ħafna aktar. U ma tħarkux. Iżda minflok fkieren dawn kienu *hand grenades* tal-gwerra.

Mort niġri l-għassa, sibt pulizija, għidtlu b'kollox u ċempel x'imkien. Wara ftit niżlu żewġ *land rovers* mimlija suldati Ingliżi, dawru l-post u warrbu n-nies. Xi ħadd minnhom niżel fil-bir u neħħa l-*hand grenades*.

Tant konna nissugraw li niftakar li jien u sieħbi minn Wied il-Għajn ukoll konna dħalna l-Belt apposta bil-wadab. Ħbejnihom fi ħżiemna u għattejnihom bil-ġersi. Morna ħdejn il-*Main Guard*, fejn kien hemm is-suldati jagħmlu d-drill, qsamna lejn il-Palazz tal-Gvernatur u dħalna ħdejn l-istatwa tal-Ġgant. Konna sirna nafu li f'dik il-bitħa kien jidħol l-isturnell jorqod qalb is-siġar. Kien hemm qtajja' ta' mijiet. Ħarisna madwarna u meta deherilna li kollox sew, ħriġna l-wadab u bdejna nisparaw.
Illum inħares lura u jiddispjaċini ta' dak li għamilt, allavolja naf li dak kollu kien bluha tat-tfulija. Taħqar l-annimali huwa ħażin u issa li mort f'xi riservi naturali, inħares lejn in-natura b'rispett u naħsibha mod ieħor.

**@ Steve Borg.**

**Il-perjodiku "l-Imnara" issa ilu joħroġ tlieta u tletin sena; mill-1978 'l hawn. Billi nafu kemm saru rari l-ewwel ħarġiet tal-Imnara, u allura nafu wkoll li ħafna mill-qarrejja tagħna m'għandhomx aċċess għalihom, biħsiebna li minn żmien għal żmien, jekk l-ispazju jkun jippermmetti, nerġgħu nippubblikaw xi artiklu li jkun deher ħafna snin ilu, imma li t-tagħrif ta' ġo fih ikun għadu jqanqal ċertu interess. Għal dil-ħarġa għażilna artiklu ta' Rafel Bonnici Cali', li kien deher fl-ewwel ħarġa tal-Imnara fl-1978. Dak iż-żmien Bonnici Cali' kien it-Teżorier tal-Għaqda. Twieled Ħal Tarxien, u minn eta' żgħira wera ġebda kbira lejn l-arti. Meta kien għadu daqsxejn ta' tifel kien jitgħallem għand il-pittur magħruf Giuseppa Cali', li kien jiġi z-ziju t'ommu. Maż-żmien tela' jistudja anke l-Italja.**

**Fl-1932 kien imqabbad ipitter xi xogħolijiet għall-knisja parrokkjali tal-Ħamrun, fosthom id-dehra tal-Madonna lil San Gejtanu, u l-kwadru ta' San Pietru Pawl. Wara ntefa' fuq ix-xogħol tar-restawr, u ħa fama tajba ħafna. Fil-Gwerra waqaf għal xi snin, imma wara l-Gwerra, bil-bini mill-ġdid jew l-irranġar ta' ħafna knejjes milquta bil-bombi, kellu ħafna xogħol u llum wieħed jista' jara l-pittura tiegħu fi knejjes il-Belt, Bormla, l-Birgu, Ħal Tarxien u ż-Żurrieq. Meta l-*boom* ta' wara l-Gwerra spiċċa, Rafel kellu jfittex xogħol mal-Gvern, u daħal jgħallem l-arti f'xi skejjel tekniċi, l-Liċeo, u anke l-Iskola tal-Arti.**

**Rafel Bonnici Cali' kiteb ukoll fuq l-istorja tal-arti f'Malta, imma f'dan l-artiklu jitkellem fuq żmien meta bla ħsieb ta' xejn, sab ruħu mdaħħal f'biċċa folklore Maltija.**

# FOLKLOR FUQ IL-KAROZZI TAN-NAR.

**Rafel Bonnici Cali'**

**Min hu xiħ bħali aktarx jiftakar li l-karozzi li jimxu bla żwiemel kienu jissejħu minna l-Maltin *Karozzi tan-Nar*, għax waqt li jimxu kienu jarmu d-duħħan; mela kien fihom in-nar.**

Dawn dehru fostna fi żmien il-Gwerra l-Kbira li bdiet fl-1914. Illum nafuhom aktarx bl-isem Ingliż - *motor cars* għall-karozzi ż-żgħar, imsejħa wkoll karozzi tas-sinjuri; u *buses* għall-karozzi kbar għall-ġarr tal-passiġġieri.

Meta spiċċat il-gwerra, fl-1918, uħud mill-karozzi kbar li kellhom is-servizzi Ingliżi bdew jinbiegħu bl-irħis lill-poplu u wħud ġew imdawrin għall-ġarr tal-passiġġieri, b'hekk beda s-servizz popolari mill-irħula għall-Belt b'aktar ħeffa mit-*tramvaj* (Tram) u *l-vapur tal-art* (ferrovija) li kellhom jinqerdu ħesrem dwar l-1930.

Għall-ewwel is-servizz tal-karozzi kien bla organizzazzjoni; kull sid ta' karozza beda jaħdem għalfejn irid; Malta kienet kollha tiegħu u jaħdem meta jrid, daqqa fuq il-linja u daqqa għal xi xalata, eċċ.

Jien li trabbejt f'Ħal Tarxien, niftakar lill-Ċelest, bniedem ħawtieli, li xtara ambulanza qadima tal-isptar tas-servizzi Ingliżi u dawwarha f'karozza billi żiedilha żewġ bankijiet fuq ġewwa u gallarija fuq wara biex isservi għad-dħul u l-inżul tal-passiġġieri. Huwa żebagħha kaħla ċara, biex taqbel mal-isem "Ċelest", u mal-ġnub tagħha fuq barra żied l-isem b'ittri kbar TA' ĊELEST. Tgħidx kemm sar poplari man-nies tar-raħal, għax kien jaħdem għall-Belt, u meta jasal is-sajf kien jaħdem għall-bajja ta' Birżebbuġa.

Għall-ewwel żmien il-karozzi kienu jinżebgħu kif ifettillu sidhom. Ngħidu aħna sid mill-Furjana kien aktarx jiżbogħ il-karozza ħadra bħall-lewn tal-klabb tal-ballun Furjaniż; waqt li sid minn Tas-Sliema kien aktarx jagħżel il-lewn ikħal – lewn il-klabb Slimiż.

Dan kien jirrifletti l-ilwien li bihom kienu jinżebgħu id-dgħajjes tat-tiġrija tal-Vittorja fil-Port il-Kbir, iżda l-karozzi tal-passiġġieri żiedu tiżjin ieħor li jirrifletti l-puleni tal-bastimenti antiki, jiġifieri żiedu girlandi tal-fjuri pinġuti mal-ġnub tagħhom u fuq il-warrani tal-gallarija. Kien fihom x'tara, xejn inqas mill-karrijiet ta' Sqallija li fuq il-ġnub tagħhom kien ikun fihom tiżjin mill-isbaħ ta' xeni bil-figuri b'ħafna lwien.

Imma l-karozzi tal-passiġġieri ta' Malta kienu ta' għamla speċjail u b'tiżjin kollu kemm hu Malti li ma jixbaħ lil ta' ħadd ieħor; kien kollu kemm hu folklor Malti li żviluppa fi ftit snin u ġie ukoll maħnuq ftit wara li twieled. Fih daħlu mhux biss disinji ta' ward u ornat, imma wkoll xbiehat ta'

qaddisin u nies oħra mportanti meħudin mill-istorja ta' Malta u tad-dinja kif iddur.

Niftakar sewwa li sid ta' karozza mill-Belt żebagħ il-karozza tal-passiġġieri ħamra għax huwa kien devot tal-qaddis martri San Pawl, u ried ix-xbieha tal-qaddis fuq kull naħa tal-karozza. Ried isib ukoll pittur biex ix-xbieha tkun sewwa sew kopja tal-vara tal-qaddis li hemm fil-Bieb tal-Belt – u dan qabbad lili.

Ix-xogħol ingħoġob u għalhekk sidien oħra qabbduni npinġilhom qaddisin u xbihat oħra fuq il-karozzi tagħhom. Biex ma ntawlux, sid minn Ħal Qormi ried lil San Ġorġ fuq iż-żiemel, ieħor minn Ħaż-Żebbuġ ried lil San Filep, ieħor mill-Ħamrun ried lil San Gejtanu, u oħrajn riedu lil San Ġużepp jew lil qaddisin oħra; waqt li wieħed minn Għawdex ried lil San Pietru Pawl, il-patrun tal-parroċċa tan-Nadur.

Dawn il-qaddisin kienu juru fejn il-karozzi kienu jieħdu n-nies, flok l-isem tal-belt jew raħal. Imma meta l-karozzi żdiedu, dehru l-ismijiet tal-irħula fuq it-tabella (*destination*).

Kienu dehru wkoll xbihat oħra, bħal tal-President George Washington fuq karozza ta' wieħed li darba kien l-Amerka; Tom Mix il-Cowboy, jew isem ta' xi artista taċ-ċinematografu ta' dak iż-żmien, kulħadd gostih. L-istorja ta' Malta wkoll uriet ruħha bl-ismijiet u x-xbihat tal-Granmastri La Valette, Cottoner, Pinto, eċċ. Kif ukoll Mannarinu u Mattew Callus. In-namrati wkoll ħadu sehem, u niftakar l-ismijiet ta' Evelina, Pawlina, u Melita.

Għall-ħabta tal-1927 il-Gvern ried li jsiru l-linji tal-karozzi, kull linja b'lewn għaliha u b'hekk dawk tal-Mellieħa bdew jinżebgħu bl-abjad, tar-Rabat bl-ikħal skur, ta' Birżebbuġa bl-ikħal ċar, ta' Tas-Sliema bl-aħdar skur, ta' Bormla bl-aħdar ċar, ta' Birkirkara bl-aħmar, ta' Ħaż-Żebbuġ bl-isfar, eċċ. Imbagħad dwar l-1933, il-Gvern ma riedx aktar girlandi u ismijiet u lanqas xbiehat fuq il-qafas ta' barra tal-karozzi tal-linja.

Illum għandna l-karozzi kollha ta' lewn wieħed, u jingħarfu bin-numru, imma s-sidien żammew ftit mit-tradizzjoni tal-folklor billi għadhom iżommu l-ġewwieni tal-karozzi tagħhom bi xbiehat tal-qaddisin tagħhom u xbihat oħra li jħobbu, imma l-aktar ħaġa popolari tagħhom hija l-kliem Latin: *Verbun Dei Caro Factun Est*, li xerred il-qaddis Dun Ġorġ Preca tal-Mużew fostna l-Maltin fl-istess ħin li dehru l-*motor cars*.

Jien li kont imdaħħal sewwa f'dan il-qasam tal-folklor billi, kif ġa għidt kont imsejjaħ biex inpinġi dawn ix-xbihat, kont ukoll immaqdar minn sħabi l-artisti żgħażagħ għax dehrilhom li kont qiegħed inwaqqa' l-arti fil-baxx, imma l-artisti xjuħ bħal Dwardu Caruana Dingli u Toni Micallef għamluli kuraġġ u tawni parir biex inkompli naħdem għax il-pittura fuq il-ħajt, fuq it-tila, fuq karta, fis-swali, u fuq il-karozzi hija dejjem arti jekk maħduma tajjeb. Din hija l-istorja ta' kif bdejt il-karriera tiegħi bħala pittur tal-folklor meta kelli 18-il sena.







**Mudelli ta' karozzi għat-trasport pubbliku "tal-gallarija" magħmula minn Guido Lanfranco; ritratti li dehru fil-ktieb tiegħu *L-Istorja tat-Trasport f'Malta*, ippubblikat mill-PIN fis-sena 2002. (Kullana Kulturali, Nru. 1)**

FOLKOR MALTI MARBUT MAR-RUMMIEN.

# QLAJJIET, QWIEL, U UŻI TRADIZZJONALI TAL-FROTTA TAR-RUMMIEN FIL-GŻEJJER MALTIN

Jeffrey Sciberras



Ħamra Nar, Nar m'Hijiex.

**Ir-rummiena hi fost l-ewwel frottiet li kabbar l-bniedem fl-għelieqi tiegħu minn mindu il-bniedem tgħallem is-sengħa tal-biedja. Ir-rummiena oriġinat fl-Asja Ċentrali u l-isem Latin tagħha hu *Punica granatum*. Kemm l-isem Latin kif ukoll dak Franċiż: *Pomme Granate*, it-tnejn ifissru "tuffieħa b'ħafna żerriegħa".**

Għadu mhux ċar meta s-siġra tar-rummien waslet Malta, imma fostna hi meqjusa bħala siġra "arkeofita" – jiġifieri siġra li nġiebet Malta fil-qedem, tant li llum hi ħaġa waħda ma' dak li nsejħulu "l-ambjent Malti". Isimha ġej mill-Għarbi, w'allura żgur li tmur lura sa żmien l-Għarab, imma jista' jkun li kienet hawn qabel, minn żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi. Imma fuq dan għad hemm bżonn aktar tiftix arkeoloġiku.

In-nomenklatura tar-rummiena għadha ħajja sal-lum; Għandna postijiet li ssemmew għal din l-ispeċi – fosthom Triq ir-Rummien f'Wied il-Għajn, Tar-Rummien, limiti tax-Xagħra, u Ħondoq ir-Rummien, it-tnejn f'Għawdex. Fis-snin tmenin, Mary Rose Mallia kantat kanzunetta fuq "Wied Rummiena" meħuda minn poeżija ta' Joe Friggieri. (www.sechuk.com)

Hemm xi qwiel li jsemmu ir-rummien, fosthom:

*Is-siġra tar-rummien*
*timlielek il-ġewlaq u żżejjen il-ġnien.*

*Il-beraq ta' San Mikiel*
*isajjar u jfellel ir-rummien.*
(Pisani, 2000)

Dan tal-aħħar hu marbut mal-aktar qlajja' magħrufa fostna – dik li s-sajjetti jġiegħlu l-frotta tar-rummien tinqasam. Din hija ħrafa. Il-frotta tinqasam meta tagħmel ħafna xita wara sajf niexef, u dan iġiegħel is-snien ħomor tar-rummiena jintefħu f'daqqa u jikbru b'rata ikbar milli tikber il-qoxra ta' barra w'allura din tinqasam. Qlajja' ferm inqas komuni imma xorta magħrufa ħafna fost in-nisa hi li mara tqila m'għandhiex tiekol rummien waqt it-tqala. M'hemmx xi raġuni xjentifika u ppruvata dwar dan, imma jista' jkun li l-antiossidanti li hemm fil-meraq tar-rummien ma jħallux l-aċidu foliku jasal għand it-tarbija fil-ġuf, u forsi hu minn hawn li nsibu n-nisel ta' dil-qlajja'.

Ħwejjeġ moħġaġa dwar ir-rummien għandna wkoll:

*Bil-għadam, mhix animal,*
*Bis-snien u ma tigdimx,*
*Ħalqa mbexxaq u ma tidħakx.*
(Pisani, 2008)

*Kaxxetta bir-rubini,*
*Tabilħaqq li m'humiex fini,*
*Imma huma tal-kulur,*
*Min jinduna kbir duttur.*

*Ħamra Nar,*
*Nar m'hijiex,*
*Bil-kura f'rasha,*
*Re m'hijiex.*
(Ġużi Gatt, komunikazzjoni personali)

Fir-reliġjon ir-rummiena tissimbolizza l-providenza t'Alla, minħabba l-kwalitajiet nutrittivi u mediċinali tagħha, u dil-ħaġa għadha magħrufa l-aktar f'Għawdex. F'żewġ lokalitajiet f'Għawdex, waħda fix-Xagħra u l-oħra r-Rabat, hemm statwi tal-Madonna bil-Bambin iżomm rummiena f'id waħda. Xi nisa xjuħ kienu jitolbu:

*Madonna tar-Rummien,*
*sawwab fuq id-dar tagħna*
*l-frott tiegħek tal-Ħniena.*
(Pisani, 2000)

In-niċeċ tal-Madonna tar-Rummien huma magħrufa f'Malta wkoll – per eżempju waħda f'Ħal Balzan (Weber, 2008).

Dari, l-inbid tar-rummien, magħmul id-dar kien jista' jingħata minn min ikollu xi obbligazzjoni lejn xi ħadd. It-tfal subien, l-aktar f'Ħal Qormi sas-snin sittin u sebgħin, kienu jilgħabu billi jdaħħlu xi rummiena li tkun għadha żgħira f'tarf ta' qasba rqiqa biex taparsi għandhom pipa (Mario Sciberras, mastrudaxxa, komunikazzjoni personali). F'xi skejjel Maltin reġgħet daħlet id-drawwa tal-borża ta' San Martin li tingħata lit-tfal għall-festa ta' dan il-qaddis, u ġol-borża spiss issib xi rummiena wkoll (komunikazzjoni personal ma' xi ġenituri).

Is-siġra tar-rummien spiss titħawwel għall-użu ornamentali tagħha, speċjalment quddiem vilel u djar privati li nbnew fis-snin tmenin u disgħin. Fid-djar, il-fjuri miftuħa tas-siġra tar-rummien kienu spiss jitqiegħdu quddiem xi statwa tal-Madonna. Il-qxur u l-friegħi tar-rummien kienu jintużaw biex jikkunzaw il-ġlud; biex jiżbgħu id-drapp b'kulur safrani; u biex jiżbgħu ix-xbiek għall-insib tal-għasafar biex dan jiġi minn lewn il-ħamrija u jinħeba fl-ambjent ta' madwaru (komunikazzjoni personali minn produttur tar-rummien f'Għawdex).

Rigward l-użu mediċinali, r-rummien kien jintuża bħala astrinġent kontra l-mard tal-ħalq, tal-ħanek, u infezzjonijiet fil-ġerżuma. F'xi djar kien isir tip ta' inbid ħelu tar-rummien, u kien jingħata l-aktar bħala duwa lix-xjuħ (Lanfranco, 1992).

Rigward l-użu kulinari, riċetta qadima u minsija minn Għawdex issemmi l-meraq tar-rummien miżjud ma' dixx patata mqaxxra u ftit bużbież u kollox jiġi nkaljat ġol-forn.



@ **Jeffrey Sciberras**

***Punica granatum.***

**Ħajr**

Nixtieq nrodd ħajr lil Dr. Anthony Sacco, Arnold Sciberras, u Romario Sciberras, tal-għajnuna tagħhom fuq din il-kitba.

**Referenzi:**

Pisani, G., (2000), *Ir-Rummien, Id-Duwa tal-Madalena*, pġni 6-63, Mireva Publications.

Weber Hans, C., (2008), *Ornamental Plants of Malta*, Pġna.190, Margraf Publishers.

Briffa, C., (2007), *Ir-Rummien*, Biedja u Sajd, Ħarġa 200, Pġna. 1 u 7.

http://www.billcasselman.com/wording_room/pomegranate.htm: Bill Casselman's Canadian word Website, Mejju 2010.

Sciberras, J. (2010) The Potential And Sustainable Utilization Of Pomegranate In The Maltese Islands, (Teżi mhux ippubblikata għall-baċellerat, tal-Istitut tal-Agrikultura tal-Universita' ta' Malta.

# MADAME AURORE VERIE



Mela darba kien hemm f'Bormla, Salvu u Luigia Cassar; u kien hemm f'Ħal Għargħur Bertu u Grazzia Aquilina. Kien żmien ta' għaks u ġuħ, bejn l-1825 u l-1830. Għalhekk telqu għal Tuneż, qalbhom sewda żgur, għax naf x'jiġifieri li tħalli art twelidek. Jidher, milli kien jgħidu fil-familja, li wara ftit reġgħu lura Malta – forsi għat-twelid ta' xi tarbija – u wara marru lura Tuneż. It-Tuneżija għadha ma kinitx taħt il-Franċiżi; dawn ġew fl-1881.

U Salvu kellu tifel – Klawdju, u Klawdju kellu lil Salvu – missieri. U Bertu kellu lil Mario, u Mario kellu lil Grazzia – ommi.

Kienu bdiewa, neguzjanti. In-nisa kienu jagħmlu l-għenienel, jaħdmu r-rakmu, u jduru bil-ħafna tfal li kellhom.

Salvu Cassar u Grazzia żżewġu u kellhom għaxart itfal - ħamsa biss għexu. Meta ġejt jien, ġejt Franċiża mingħajr ma tlabt għax, skont il-liġi, it-tfal tal-ġenituri Maltin mitwielda Tuneż kellhom ikunu Franċiżi.

Xi ħaġa dwar il-Maltin ta' Tuneż: kien hemm l-Għarab, il-Lhud, il-kumunita' Taljana, il-Maltija, u l-Griega. Il-kumunita' Maltija kienet miftuħa, ħajja, b'ħafna soledarjeta'. Kien hemm il-knisja ta' San Pawl, bil-patrijiet Agostinjani Maltin, is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, f'Kartaġni, it-teatru, il-banda "Duke of Connaught's Own Band", il-football, il-Boys Scouts, l-Għaqda tal-Għajnuna, u ...l-Konslu Ingliż, li ħlief festa kull sena fil-ġonna tiegħu, ma kienx jagħti kas tal-Maltin.

Minn ġenerazzjoni għall-oħra, s-sitwazzjoni tal-Maltin marrett għall-aħjar. Wara l-Gwerra tal-1939-45, il-maġġoranza kienet Franċiża – fuq il-passaport, imma Maltija fil-qalb. Ħafna kienu ż-żwiġijiet mal-Franċiżi u t-Taljani.

Fl-1956, bl-Indipendenza tat-Tuneżija, s-sitwazzjoni saret aktar u aktar ta' nkwiet u ta' periklu. U fl-1961, kellna mmorru malajr, nħallu kollox, familja, ħbieb, dar...bħal eluf ta' familji. Ma żewġi u t-tfal tlaqt lejn Franza, fejn ħadd ma kien jistenniena. Nies berdin, aktar minn dak ix-xahar ta' Diċembru 1961. Franza kienet fi kriżi minħabba l-Gwerra tal-Alġerija. Għamilna mill-aħjar: żewġi sab xogħol wara sena; jien kont ngħallem fi skola primarja tal-Gvern.

Is-snin għaddew. Fl-1975, it-tfal marru vaganzi weħedhom; żewġi kien fil-kura; u jien sibt ruħi waħdi fid-dar. Dar vojta, ħiemda, għall-ewwel darba! Bdejt naħseb fija, fi tfulitu, Tuneż, niesi, l-ilsien Malti...kif jgħiduha din? U dan? Ġietni xewqa li nisma' l-kliem Malti; xewqa tant kbira li ktibt lill-Ambaxxata ta' Malta, Pariġi. L-Ambaxxata bagħtet l-ittra tiegħi lill-*Association France-Malte* – li ma kontx naf biha, u dawn bagħtuli diska ta' kant Malti. X'ferħ! Kont nixxala nismagħha ħamsa, sitt darbiet, u aktar, kuljum.

Sirt naf li l-*Association France-Malte* kellha għaqdiet żgħar f'Lyon, Marseille, Montpellier, Nice, u Toulouse. U jiena ili mill-1980 viċi-president tal-Għaqda ta' Toulouse. Ġejna mistednin mill-Ambaxxata ta' Malta, f'Pariġi, u hemm lqajt ma' Ivan Magri-Overend, president tal-Maltin tal-Eġittu, f'Londra. Hu kellem dwari lil Karmen Mikallef Buħaġar, u din kitbitli biex immur inżur lil oħt Laurent Rapa, li kienet f'dar tal-anzjani f'Pau. Hekk bdiet il-ħbiberija bejnietna. Bagħtitli kotba tal-grammatika Matija, u bdejt nitgħallem il-Malti miktub; u permezz tagħha li naf bl-Imnara. Grazzi Karmen!

Fl-Għaqda tagħna nagħmlu festa darbtejn fis-sena; u vjaġġ ta' grupp lejn Malta kull sena. Aħna madwar mija; ġejjin mill-Alġerija, t-Tuneżija, u l-Marokk. Nikteb gazzetta żgħira dwar il-ġrajja tal-poplu Malti, il-kultura, u d-drawwiet, u Malta tal-lum. Ħafna nies jixtiequ jagħmlu l-arblu ġeneoloġiku, u ngħinuhom biex jiktbu r-riċerka tagħhom. Ta' spiss insibu nies li huma kuġini; li jiġu minn xulxin mill-antenati. Nħobbu ngħidu xi kliem Maltin; niftakru flimkien drawwiet u qwiel; u xi riċetta! Nħobbuh il-Malti! Il-kelma Semitika saret ħelwa, il-kelma romanza saret qawwija; it-tnejn saru Maltin, ikkuluriti, mużikali – u kemm jiddispaċini li ma nafux sewwa, u kemm nifraħ li nifhmu! Bħalissa qiegħda naqleb ktieb Malti għall-Franċiż.

Aħna nippruvaw inżommu r-rabta bejnietna u ma' Malta; nitkellmu dwar Malta, nfaħħruha għal ġiegħ art missirijietna; għall-memorja tal-eluf ta' "Bertu" u "Grazzia" li telqu minn art twelidhom għal ħajja aħjar.

**© Aurore Verie Cassar.**

## AKTAR KITBA MINN MALTIN TA' FRANZA.

**Madame Aurore Verie laqqgħatna wkoll ma' Georges Micallef, Malti ieħor li trabba Tuneż imma li llum jgħix Franza:**

Jiena jisimni Georges Micallef, imwieled Tuneż, fil-kwartier ta' BIEB IL-ĦADRA fejn kienu jgħixu ħafna familji Maltin, il-maġġoranza biċċiera u kuċċiera. Il-familja tiegħi kienet minn Ħaż-Żebbuġ, minn-naħa ta' missieri, u mill-Qrendi minn-naħa t'ommi. Issa mindu sirt pensjonant noqgħod fil-belt ta' *Hagondange*, ħdejn il-fruntiera Franco-Lussemburgiża.

L-ewwel kont ngħallem fi skola primarja; u wara sirt professor tal-Franċiż, u surmast fi skola sekondarja, fit-Tuneżija u fi Franza.

Tabilħaqq għandi ftit tifkiriet tal-kultura Maltija għax missieri, li kien jaħdem f'uffiċju, ma tantx kien jagħti kasha; u ommi kienet tħoss ruħha aktar Franċiża mill-Franċiżi.

Iżda fadalli xi kliem Malti, xi taqbila, u xi platt tajjeb ta' ikel Malti li naf insajjar – bħal l-għaġin il-forn, il-qarabagħli u l-brunġiel mimli, u l-pastizzi – li konna nsejħulhom "caldi" għax il-bejjiegħa fit-toroq kienu jżommuhom sħan u jgħajtu: "caldi caldi!"

Fil-parroċċa tagħna ddedikata lil San Pawl, ir-reliġjon kienet ankrata fina u għadni niftakar l-atmosfera tar-Randan, il-funzjonijiet, u l-priedki li ma kontx nifhimhom, imma niftakar kliem bħal: "Alla, Sinjur, Għeżież Ħuti" u kont inkun tassew imqanqal.

Hu meta kbirt u bdejt naħdem li sirt konxju tal-indentita' Maltija tiegħi, u din kibret fija u biha ħassejtni tassew kburi.

Tislijiet

**Georges Micallef**

## KOTBA LI QRAJNA

# Ġabra ta' Leġġendi

### Joseph C. Camilleri

**Ftit tal-jiem ilu, il-*Wise Owl Publications* ħarġu ktieb bl-isem ta' *Ġabra ta' Leġġendi* miġbura mill-membru tal-Għaqda tagħna Joseph C. Camilleri. Il-leġġendi nġabru l-aktar minn fomm ix-xjuħ tagħna, u huma qosra, spiss mhux aktar minn paragrafu jew tnejn, u huma ta' ċertu mportanza għax xi whud minnhom, għalkemm magħrufa minn min għandu ċertu eta', mhux dejjem issibhom miktuba u miġbura flimkien. Biex nieħdu eżempju, ejja nsemmu "l-Leġġenda tal-Qerda ta' Malta".**

***"Il-gżira ta' Malta kienet minn tal-ewwel li nħolqot. Għalhekk din il-gżira se tkun l-ewwel waħda li se tinżel taħt il-baħar. Jum wieħed il-baħar se jgħatti lil Malta kollha kemm hi. Wara li jiġri dan xi baħħara Sqallin jgħaddu fuq il-post fejn qabel kienet Malta. Dawn jieqfu biex jgħidu xi talba għal ruħ il-Maltin li kienu jgħixu fuq din il-gżira."* Paġna 15.**

**Din l-istorja nisma' lil ommi ssemmiha, u l-awtur jgħid li dari tant kienet magħrufa li hemm ukoll xi taqbiliet fuq dan l-istess suġġett:**

***Dik Malta l-ewwel ma nħalqet,***
***Dik Malta l-ewwel ma tinżel.***
***Ej' ħanina, busni bewsa,***
***Qabel il-mewt taħsad bil-minġel.***

**U oħra:**

***Meta Malta ssir baħar***
***U jgħaddu l-iġfien Sqallin,***
***Jgħidu* requiem aeternam,**
***Għax hawn għammru l-Maltin.***

**L-awtur qed joffri skont speċjali għall-membri tal-Għaqda tal-Folklor. Il-ktieb jiswa €6.99 mill-ħwienet, imma l-membri jistgħu jixtruħ b' €5.25. Ma' dan wieħed irid iżid 53c posta, u 20c envelope – total €5.98. Iktbu lil:** *Joseph C. Camilleri, 32, Triq il-Muskatell, Ħ'Attard, ATD 2730.*

**Għall-membri barra minn Malta l-posta hi hekk: L-Ewropa €6.67, l-Amerka €4.91, u l-Awstralja €6.02**

# IT-TEWM

Karmenu Pace

**F'dawn l-aħħar snin drajna nsibu fis-suq il-frott u l-ħxejjex "barra minn żmienhom". Imma sa ftit tas-snin ilu kollox kellu "żmienu", għalkemm hemm għelejjel tar-raba' li jistgħu jinħażnu biex imbagħad jinbiegħu u jittieklu meta ma jkunux għadhom jidhru fl-għelieqi tagħna.**

Biex nieħdu eżempju: Il-bettieħ tax-Xitwa t'Għawdex kien hawn min jixtri qantar minnu meta jkun żmienu (jiġifieri għall-aħħar t'Awwissu) ħalli jaħżnu fuq xi setaħ jew taħt xi sodda, biex meta għal Settembru l-bħajra tkun spiċċat kollha, hu jkun jista' jieħu xi bettieħa milli ħażen, jaqsamha, u jikolha. Dan il-bettieħ jiflaħ jinħażen mqar sa tliet xhur, imbasta xi kultant idduru ftit biex tara jekk hemmx xi waħda li bdiet tmur, jew titħassar.

It-tewm u l-basal huma żewġ frottiet tal-art li jinħażnu mill-bdiewa u mill-mara tad-dar għaqlija, biex isibuhom meta fix-xitwa, dawn l-għelejjel jiskarsaw. It-tewm u l-basal jinqalgħu għall-ħabta ta' Mejju/Lulju. Peress li dak iż-żmien ikun hawn ħafna fis-suq, il-prezz jorħos. Mela l-bidwi, wara li jbiegħ li għandi jbiegħ, jaħżen il-bqija ġo xi għorfa mrewħa ħalli joħorġu fix-xhur tax-xitwa meta prezzu jkun aħjar.

It-tewm jibda jinżera' għal San Mattew, li jaħbat fil-21 ta' Settembru, meta t-temp ikun beda jaħseb biex jaqleb; u jinqala' għal Mejju. It-tewm jinżera' jew "bil-bejta" – jiġifieri f'ħofra li l-bidwi jagħmel fil-ħamrija bl-imgħażqa, u allura ngħidu li l-bidwi "ibejjet" it-tewm – jew inkella jintefa' fir-radda wara l-moħriet, u mbagħad jitgħatta bil-ħamrija. Il-bidwi jistenna x-xita biex tnebbet it-tewm.

It-tewm jinzera' sinna sinna – jekk ikun sabiħ – jew xi erbgħa f'daqqa jekk ikun irqiq. Wara li jinbet u jikber xi ftit, it-tewn jitnaqqa' – jiġifieri tagħżaq ftit madwaru bla ma tmiss ix-xitla – u dan tagħmlu kemm biex teqred il-ħaxix ħażin, u kemm biex tiftaħ il-ħamrija ħalli din tieħu l-arja u tħalli l-ilma tax-xita jidħol. Imma trid toqgħod attent li t-tewm tnaqqigħ meta jkun riħ fuq (mill-Punent tal-Grigal), bla nida, u bl-art xotta, għax inkella jista' jimrad u jmut. Ix-xitla tat-tewm tbati mill-marda tas-sadid – jitfaċċaw bħal tikek bojod matul il-weraq twil tiegħu, u x-xitla tisfar u tmut. Jew tista' titħassar ir-ras tiegħu fil-ħamrija u x-xitla tispiċċa. Jew inkella jista' "jrabbi l-ħniex" jiġifieri flok ma r-ras teħxien fil-ħamrija, din tniżżel bħal swaba' minflok timla s-snien, u dan it-tewm ma jkun jiswa għal xejn għax ma jkunx fih x'tiekol. Hemm ukoll ħanfusa li tbid fuq ras it-tewm meta din tkun għadha fil-ħamrija. Il-bajda tfaqqas u d-dudu li joħroġ minnha jgħawwar ġo xi sinna tewm u jiekel u jgħix minnha. Hu għalhekk li xi kultant tfesdaq xi ras tewm u ssib dudu kbir abjad ġo fiha.

It-tewm jibda JBID jew IFAQQAS, jiġifieri jibda jħaxxen ir-RAS li tkun magħmula minn ħafna snien. Kull sinna tkun imgeżwra ġo fosdqa. Is-snien jibdew jeħxienu, ir-ras tikber, u l-faxxina tax-xitla, jiġifieri dik il-parti li tkun 'il barra mill-ħamrija tikber u togħla mal-pied u nofs jew żewġ piedi. Sa fejn naf jien, it-tewm tal-mejda ma jagħmilx bont, li jkun bħal zokk twil li fit-tarf tiegħu ikollu bħal ballun tond mimli żerriegħa. Imma jeżisti tewn selvaġġ, li hu endemiku għal Malta, li jtella' l-bont biż-żerriegħa bħalma jagħmel il-basal.

Meta t-tewm JILĦAQ, jiġifieri meta jkun għadda ż-żmien u t-tewm ikun sar u lest biex jinqala', dan taqilgħu billi tagħti daqqa ta' magħżqa jew krexxun ġol-ħamrija taħt ix-xitla, tiġbed ix-xitla minn ġol-bejta jew radda fejn tkun, tfarfarha – għax għeruqha huma bħal xuxa u taqbad magħhom tuppana ħamrija – u tħallih jinxef fil-post għal xi ġimgħa jew aktar. Biex taqla' t-tewm hemm biċċa għodda oħra – il-FIESA – li hi bħal magħżqa dejqa bil-marloġġ magħmul ċatt, u b'bejta kwadra fejn jidħol il-marloġġ. It-tewm, jekk jinqala' aħdar, jiġifieri qabel żmienu, tista' tiġbdu u taqilgħu b'idek; imma trid toqgħod attent li l-art ma tkunx iebsa, għax inkella jista' jitqaċċatlek. Il-bidwi joqgħod attent ħafna mit-temp meta jkollu t-tewm maqlugħ u mitluq mal-art biex jinxef, għax jekk tagħmel xi ħalba xita u jixxarrab, dan jagħmel saħna u jitħassar. Jekk jixxarrablu, l-bidwi jmur iqallbu biex jinxef u ma jeħux umdita' minn taħtu.

Il-bidwi jkollu seba' mitt sena biex jiġbor it-tewm li jkollu mferrex mal-għalqa u jdendlu x'imkien biex ikompli jinxef bil-kwiet. It-tewm jagħmluh faxx faxx. Kull faxx tewm ikun fih xi tużżana rjus jew aktar, skont kemm it-tewm ikun sabiħ u oħxon. Ma jagħmlux ħafna f'daqqa ħalli t-tewm ikun jista' jitrewwaħ, jiġifieri tgħaddilu l-arja biex ikompli jinxef. Il-faxxi tat-tewm idendluhom fuq xi setaħ jew taħt xi taraġ xemxi, imma xorta trid toqgħod għassa tiegħu u tmur tiġri taqilgħu u ddaħħlu ġewwa malli tagħmel xi ħalba xita. Il-kelma "faxx" ġejja mit-Taljan *fascio*, li tfisser "qatta' marbuta". Ix-xitliet tat-tewm, bir-ras, ix-xniexel u l-faxxina b'kollox jintrabtu flimkien minn nofs il-faxxina.

Meta t-tewm ikun nixef kemm għandu jinxef, ikun jonqos biċċa xogħol oħra. Għall-ħabta t'Awwissu, l-bidwi kien iqaċċat l-irjus minn mal-faxxina, u JFESDAQHOM, jiġifieri jneħħi dik il-qoxra żejda li tkun ddawwar ir-ras u jifred is-snien tat-tewm minn xulxin. Kull ras, jekk it-tewm ikun sabiħ, ikun fiha mat-tnax-il sinna u aktar ukoll. Dari aktar mill-lum, wara li jfesdaq it-tewm, il-bidwi jnaddfu mill-frak, qxur, u ħliefa li jkun għad għandu miegħu billi JLEBILBU. Kif? It-tewm ikun qiegħed ġo xi kontenitur, ngħidu aħna xi banju jew jew landa. Wara li tnaddaf kemm tista' mill-ħliefa u l-qxur żejjed billi dduru b'idek, toħroġ x'imkien barra għall-arja u r-riħ, tieħu miegħek banju ieħor vojt, u tferra' t-tewm minn ġol-banju l-mimli għal ġol-banju l-vojt. Trid tferrgħu ftit mill-għoli, waqt li jkun għaddej ir-riħ,

biex ir-riħ itajjar il-qoxra u l-ħliefa u joħodhom miegħu. Trid tferra' aktar minn darba – sakemm it-tewn jindaf.

Il-kelma "ilebleb" jien insibha interessanti mmens. Missirijietna kienu jużawha aktar minna, kif tixhed il-kitba l-qadima. Il-kwiekeb **ilebilbu** fis-sema billejl, in-nar **ilebleb** meta jħeġġeġ bil-qawwi, il-bnadar **ilebilbu** fir-riħ. Illum għadna nużaw il-kelma meta xi ħadd ikun, ngħidu aħna, imlebleb għal sigarett, u meta jirnexxielu jaqta' s-sigaretti xorta jibqa' bil-leblieba tagħhom, – għax il-ħuġġieġa tax-xewqa xorta tibqa' tlebleb fih. Min jaħdem in-nar isemmi "l-istilla tat-tleblib" – għax id-dawl tagħha jaqa' 'l isfel f'ħafna biċċiet ilebilbu fl-ajru. Xi ġmiel ta' kliem. Ifakkarni f'kelma oħra li kien jgħid missieri Toni Pace mill-Qrendi. Darba minnhom qalli: "Kont TIEWI għal ikla bebbux" – jiġifieri kelli xewqa kbira, kienet se taqagħli żaqqi għal ikla bebbux. Id-dizzjunarji jagħtu l-kelma TIWI, u jfissruha bħala "konkupixxenza"! Dnub li kliem bħal dan jintilef mar-riħ.

Imma nkomplu fuq it-tewm. Għall-ħabta ta' Novembru, it-tewm li tkun ħżint ikun wasallu iż-żmien li jiċċaqlaq għax, skont in-natura, dak ikun iż-żmien li fih is-snien ikunu fil-ħamrija, lesti biex jinbtu, u mhux ġo xi kaxxa fil-kċina tiegħek. Allura is-snien jibdew jarmu n-NEBBIETA, daqs li kieku kienu fil-ħamrija. Meta jaraw it-tewm kollu jarmi n-nebbieta fil-kaxxa fejn ikun maħżun, il-bdiewa jgħidu li t-tewm XEGĦEL, għax peress li n-nebbieta għall-ewwel tkun bajda, tkun tidher qisha ħafna xemgħat żgħar. Imma mbagħad in-nebbieta tiħdar. Peress li s-snien tat-tewm ma jkunux jistgħu jerdgħu is-sustanzi mill-ħamrija, l-enerġija kollha li għandhom bżonn biex inebbtu joħduha kollha minn fuq ommhom, u allura s-sinna tiżvojta minn ġewwa u ma tkun tiswa għal xejn. Jekk tagħraf taħżen it-tewm sew, jista' jservik anke sa Jannar jew Frar, meta mbagħad tibda ssib tixtri xi tewma ħadra biex titfagħha fil-borma.

@ Karmenu Pace

# Il-Purċellat

## Karmenu Pace

**“Dok bijh kint naħdim,” qalli Żaren Zammit mill-Qrendi li jgħodd mat-80 sena u li għomru u żmienu jistad għall-ħut. “Darba weħilne bil-lenze Filfle u kellna nitilqiw killix għax sor il-ħejn. U l-għade għedt lil Wiwi (Karmnu Magro minn tal-Mumja mill-Qrendi wkoll) “ejje mmorrow ħa nippruvaw neqilewh, għandi l-purċellot ukill mwaħħal miegħew.”**

“Il-Wiwi qelli li kien imċaqlaq wusq. U moma u bdejt niġbid u niġbid u fl-aħħar inqala'. U għidtlu: qed tura għallinqes salvajna l-purċellot. Mele bdejt niġbid u x'ħejn talajneh fil-wiċċ insejb ċerne ta' żewġ piedej imwaħħle u l-purċellot fuq rusha.” U beda jidħak Żaren meta ftakar f'dik il-ġrajja, għax tassew kienet ġietu tajba.



**Il-Purċellat**

Żaren qalli li l-purċellat kien jagħmlu hu minn xi biċċa ċangatura tal-franka, ħoxna xi erba' pulzieri. L-ewwel jiżmarralha l-kantunieri ta' barra b'xi mterqa, mbagħad jibda jħaffer f'nofsha bix-xewka tal-baqqun sa ma jtaqqabha u jkompli jwessa' t-toqba għal xi tliet pulzieri jew erbgħa. Imbagħad wara jkompli bl-iskalpell u l-mazza jnaqqax biex jġibha għat-tond minn ġewwa u minn barra sakemm tiġi bħall-għamla ta' kagħka. U fl-aħħar jirfinaha b'xi xafra jew bis-sandpaper. Il-purċellat kienet biċċa għodda mportanti għas-sajjieda u kienu jużawh biex bih jippruvaw jaqilgħu xi lenza jew konz tal-qiegħ meta jeħlilhom taħt xi skoll. Il-lenza setgħet teħel jew minħabba l-kurrent, jew għax tinzerta taqbad xi sunnara mal-blat, jew inkella għax tiġri biha l-ħuta taħt xi blata. Żaren qalli li "bex ma titilfiwx il-purċellot tirbtow b'lenze barranija. Allura ntej mite teħil taqta' l-lenze, iddaħħalhe minn ġal-purċellot, tarġa taqqgħed it-trowf u mbagħad tniżżlu, l-aħjor kuntra l-kurrent. Umbagħad mite jidhirlik li wasal deqs erbat iqjem 'l fowq mill-qegħ titlqiw. Dok bil-pejż tiegħew jaqla l-lenze 'l barra, jekk jirnexxilik. Bex taħdim sew, bilfurs trejd iżżumm il-lenze l-imwaħħle stiruta bex il-purċellot mite titlqu u jasal, jagħmil magħha. Jekk tkiwn mitruħe tkun qed taħdim għalxejn." Żaren qalli li mhux dejjem jirnexxi u li jista' jkun li titlef il-lenza u l-purċellat, imma hu qatt ma tilfu. Ġieli l-purċellat meta jasal mal-blat jieħu daqqa u jinqasam fi tnejn. Imma l-biċċa l-kbira anke meta s-sajjied jitlifu kien jibqa' sħiħ imwaħħal taħt xi blata. Il-bugħaddasa kultant għadhom isibu xi wieħed sal-lum għalkemm iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed isiru rari.

Meta bdejt ngħodos jien xi għoxrin sena ilu kont sibt wieħed minnhom u ħadtu d-dar biex nurih lil missieri peress li kien dilettant tal-baħar. Hu mill-ewwel qalli li dak jgħidulu purċellat u li kien jintuża mis-sajjieda. Mela darba, peress li jien dilettant tal-antikitajiet, kont għaddej minn ħdejn ħanut Birkirkara u dħalt nara x'għandu. B'għaġeb tiegħi nara wieħed minn dawk il-ġebel għall-bejgħ. Maġembu kien hemm ktieb miftuħ u f'dik il-paġna kien hemm tpinġija antika ta' mirkeb b'raġel mixħut minn tulu fuq il-poppa qed iniżżel purċellat fil-baħar bil-galbu kollu. Il-kitba taħt l-istampa kienet tgħid li din kienet forma ta' ankra li kienu jużaw fl-antik nett. Meta mort lura d-dar għidt lil missieri x'kont rajt u qrajt u bdejt immeriħ li hu kien żbaljat. Missieri, għalkemm ma kienx jaf jaqra u jikteb imma esperjenza kellu biex ibiegħ, reġa' nsista li dak kien apparat biex jaqilgħu l-lenez bih. Jien dakinhar

kont għadni nemmen li kulma jkun miktub fil-kotba huwa verita' sagrosanta u bqajt inmerih li min kiteb dak il-ktieb kien studja l-affarijiet. Kien meta iktar 'l quddiem smajtha mis-sajjieda stess li ntbaħt li missieri kellu raġun u li tal-ktieb kienet baħnanatha kbira! Id-daqs u l-piż tal-purċellat ivarja ħafna minn wieħed żgħir ta' 15-il ċentimetru dijametru fuq barra u jiżen inqas minn kilo sa wieħed mill-kbar daqs 50 centimetru u ta' xi 15-il kilo piż jew iktar. Id-dijametru ta' ġewwa jikber ukoll skont id-daqs, minn 6 centimetri sa tnax-il ċentimetru bejn wieħed u ieħor. Joey Damato mill-Qrendi, it-tifel ta' Pawlu ta' Żuta li kien sajjied prim u bejjiegħ tal-ħut, qalli li missieru kien iżomm wieħed miegħu mill-kbar, daqs rota ta' mutur żgħir biex jużah ħalli jaqla' l-għażel (il-parit) li sata' jeħillu. Qalli wkoll li missieru kien juża oġġett tal-landa bil-ġwienaħ li hu kien isejjaħlu "l-ajruplan" biex bih igerrex il-ħut, ngħidu aħna xi ġliba kaħli, għal ġox-xibka. Imma fuq il-purċellat jiftakar sewwa li missieru kien jużah għall-għażel. Meta jeħillu l-għażel ma xi skoll missieru kien iniżżel il-purċellat mat-tarf tiegħu u l-għażel (ix-xibka tal-parit) jibda tiela mit-toqba tan-nofs u jingħasar u s-sajjied dejjem jerħilu l-purċellat biex bil-piż tiegħu jaqla' x-xibka minn fejn tkun imwaħħla. Peress li s-sajjieda għalkemm kienu jibżgħu għalih kienu jafu li tista' titilfu għax ma ttellgħux, kienu jaħdmuh mill-ġebel tal-franka fil-biċċa l-kbira għalkemm Żaren l-Ispreneċ (jew il-Merlin kif kienu jgħajtu wkoll lil missieru Lippu) qalli li seta' jkun hemm xi wieħed tal-qawwi biex ikun iktar sod u itqal. Skont il-Profs. Aquilina, l-kelma "purċellat" tfisser ġebla għamla ta' ċirku li tintuża mis-sajjieda biex jaqilgħu xi lenza, konz jew xibka li tkun weħlitilhom mal-qiegħ. (p.1095). Aquilina jqabbilha mal-kelma Taljana *purcelle, cassa in forma di nave* (Dizzjunarju Malti/Ingliż).

**@ Karmenu Pace**



**Kif jintuża l-purċellat**

# AKTAR GRIEBEĠ

Qed inżid xi tagħrif fuq xi griebeġ oħra biex inkompli mal-kitba li ktibt fil-ħarġiet tal-Imnara Numru 32 u 33.

**IL-GORBOĠ TAL-MELLIEĦA**

Dal-gorboġ hu tat-tip "imdaħħal ġol-ħajt" u qiegħed fil-bidu tan-niżla tal-Għadira. Id-daħla tiegħu tħares lejn it-Tramuntana, u hi wiesgħa 24 pulzier u għolja 36 pulzier. Id-daħla qiegħda dritt mal-ħajt tax-xellug. Fuq ġewwa l-gorboġ għandu tul (minn ġenb sa ġenb) ta' tmien piedi u 10 pulzieri, u l-wisgħa wara l-ħxuna tal-faċċat hi 36 pulzier. It-tisqifa tiegħu hi magħmula minn ħames xorok ħoxnin (magħmula mill-qiegħan?)

Dan il-gorboġ ġol-ħajt jinsab ftit 'l isfel mill-bidu tan-niżla lejn l-Għadira, 'l isfel mir-*roundabout* tal-Mellieħa. Hemm qisu trejqa bla asphalt fuq ix-xellug u l-gorboġ qiegħed ġo għalqa żgħira mal-ħajt ta' wara. Huwa nteressanti għax il-ħitan tiegħu minn ġewwa telgħin dritt u jingħalqu kemm kemm qabel is-saqaf. It-tisqifa hi magħmula minn xorok ħoxnin jew kapitelli, mhux bħal giren oħrat as-soltu – bil-qxur. Fuqu, fuq in-naħa ta' wara, hemm għalqa oħra, għax il-blat huwa mtarraġ ħafna u l-ħajt faċċata tad-daħla għandu xi żewġ piedi mqatta' fil-blat. Ma fihx tawwala, u jista' jesa' mas-sitt jew tmien persuni bil-qiegħda, jew wieħed mimdud komdu minn tulu. Tajjeb ukoll biex wieħed jerfa' xi ħaġa fih. L-art hija torba u blat.

Jien lili dan laqatni, u fakkarni fil-gorboġ/girna li hemm lejn Selmun, il-Mellieħa wkoll – fejn il-kultura dominanti hija tal-giren. Naħseb li Fr. Fsadni kieku kien jgħoddu bħala girna fil-ħajt. Jista' jkun li kien ikollu raġun. Li nixtieq jien hu li niġbed l-attenzjoni li hemm xebħ kbir ħafna bejn dan il-gorboġ u griebeġ oħra tat-tip tan-naħa t'isfel ta' Malta. Li rrid ngħid hu li jidher li fejn il-bidwi kien isib il-materjal, kien jippreferi jagħmel tisqifa ċatta – min jaf, forsi għax eħfef? Jidhirli li rari ħafna li ssib griebeġ ta' din l-għamla f'dawn l-inħaw ital-Mellieħa.

(ara d-disinn f'paġna 142) →

## IL-GORBOĠ TA' BORĠ IN-NADUR

Dan iħares lejn il-Lvant, u d-daħla tiegħu hi għolja 22 pulzier, wiesgħa 27 pulzier, u għandha blata twila 45 pulzier. Il-faċċata sħiħa, minn barra, fiha 7 piedi, u l-fond tal-ġenb tiegħu minn barra hu ta' 91 pulzier. Fuq ġewwa għandu għoli ta' 33 pulzier, u wisgħa ta' 47 pulzier. It-tisqifa tiegħu hi magħmula minn żewġ xorok jew kapitelli kbar ħafna, wisgħin 28 pulzier, ħoxnin 7 pulzieri, u twal ħames piedi.



Il-gorboġ ta' Borġ in-Nadur

Lejn in-naħa ta' wara għandu tliet ġebliet biex jagħlqu l-fetħa ta' bejn ix-xriek u d-dahar. Fin-nofs hemm spazju ta' 6 pulzieri bejn ix-xorok, u biex jagħlqu dan l-ispazu qiegħdu ġebel ċatt, minn fuq u fuq barra. Is-saqaf minn barra hu miksi b'saff ta' ħamrija mħallta biż-żrar u laqx ieħor żgħir u mdaqqas. Minn wara jiġi jmiss ma' ħajt tas-sejjieħ wiesa' aktar minn metru, u baxx u mibni b'ġebel aktarx żgħir.

Dan il-gorboġ hu kemmxejn uniku u nteressantissmu. L-ewwelnett minħabba l-post fejn jinsab. Kulħadd jaf bil-qedem u l-importanza ta' Borġ in-Nadur bħala sit arkeoloġiku taż-żmien Neolitiku. Il-gorboġ jinsab fuq għolja 'l ġewwa mat-300 metru minn fejn hemm it-tempju proprja. Mhux qed ngħid li dan bilfors għandu l-istess qedem tat-tempju. It-tieninett hu nteressant wkoll għall-mod ta' kif inhu mibni. Dan hu l-iktar wieħed baxx li qatt sibt, u fih l-ikbar u l-usa' xorok li qatt kont rajt sa dakinhar. Id-daħla tiegħu hi merfugħa daqs pied u nofs minn wiċċ il-ħamrija tal-għalqa li jinsab fiha; u għandu pied u nofs ieħor taħt il-livell ta' wiċċ l-istess għalqa. Minn wara huwa mirdum/mibni fil-ħajt tas-sejjieħ wiesa'. L-għalqa ta' wara hi fonda aktar. Biex tidħol fih trid titbaxxa mal-art fuq irkubbtejk u titkaxkar 'il ġewwa. Il-gorboġ ma fih l-ebda tawwala għax il-ġnub huma mirduma. It-tul tal-blata wkoll hu mpressjonanti. Il-ġebel tal-ġnub tad-daħla hu ta' daqsijiet varji, u dawk tal-lemin huma kbar, kważi blat. Il-ġebel jidher li kien merfugħ biċċa minn-natura, u biċċa maqtugħ bla ma kien imlibbes.

© Karmenu Pace

**Il-gorboġ fin-nieżla li tagħti għall-Għadira** →

Id-disinn t'isfel juri l-għamla tawwalija tiegħu.



